FTEHIM TA' SĦUBIJA VOLONTARJA

bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana dwar l-infurzar tar-regolamenti tal-forestrija, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u tal-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)

L-UNJONI EWROPEA, aktar 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni",

minn naħa waħda,

u

IR-REPUBBLIKA ĊENTRU-AFRIKANA, aktar 'il quddiem imsejħa "RĊA",

min-naħa l-oħra

aktar 'il quddiem flimkien imsejħa "il-Partijiet",

WARA LI KKUNSIDRAW ir-relazzjonijiet mill-qrib ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni u r-RĊA, b'mod partikolari fil-qafas tal-Ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-grupp tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku minn naħa waħda u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ([1]), u rrivedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005, aktar 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ta' Cotonou";

WARA LI KKUNSIDRAW ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-implimentazzjoni ta' sistema ta' awtorizzazzjoni FLEGT dwar l-importazzjonijiet ta' injam fil-Komunità Ewropea ([2]);

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar pjan ta' azzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ (FLEGT) ([3]) hija l-ewwel pass biex wieħed jiġġieled b'mod urġenti kontra l-użu illegali tal-foresti u l-kummerċ assoċjat ma' dan;

FILWAQT LI JIRREFERU għad-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Yaoundé tas-16 ta' Ottubru 2003 dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti u l-governanza;

FILWAQT LI JIRREFERU għad-Dikjarazzjoni ta' Prinċipju tal-1992, li mhix legalment vinkolanti, iżda awtorevoli, għal kunsens dinji dwar il-ġestjoni, il-konservazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tat-tipi kollha ta' foresti, u għall-adozzjoni reċenti mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ta' għodda li mhijiex legalment vinkolanti fuq it-tipi kollha ta' foresti ([4]);

KONXJI mill-importanza tal-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti stabbiliti fid-Dikjarazzjoni ta' Rio de Janeiro tal-1992 dwar l-ambjent u l-iżvilupp fil-kuntest tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u b'mod partikolari tal-Prinċipju 10 dwar l-importanza li tinħoloq kuxjenza fost il-pubbliku u tal-parteċipazzjoni tiegħu fid-dibattiti dwar l-ambjent u tal-Prinċipju 22 li jikkonċerna l-irwol vitali tal-popolazzjonijiet indiġeni u komunitajiet lokali oħra fil-ġestjoni tal-ambjent u l-iżvilupp;

FILWAQT LI JIRREFERU għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali tal-Ispeċi ta' Fawna u Flora Selvaġġi f'Periklu ta' Estinzjoni (CITES) u b'mod partikolari għall-ħtieġa li l-permessi ta' esportazzjoni maħruġa minn partijiet fis-CITES għal kampjuni ta' speċi elenkati fl-Annessi tagħha I, II jew III jinħarġu biss b'ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li tali speċi ma jkunux miksuba bi ksur tal-liġijiet dwar il-ħarsien tal-fawna u l-flora;

IDDETERMINATI li jaħdmu biex inaqqsu l-effetti negattivi fuq il-komunitajiet lokali u indiġeni u l-popolazzjonijiet fqar li jistgħu jirriżultaw direttament mill-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-importanza mogħtija mill-partijiet lill-objettivi ta' żvilupp miftiehma fuq livell internazzjonali u lill-għanijiet tal-millenju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-iżvilupp;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW MILL-ĠDID l-importanza mogħtija mill-partijiet lill-prinċipji u lir-regoli li jirregolaw is-sistemi ta' kummerċ multilaterali, b'mod partikolari d-drittijiet u l-obbligi previsti fil-Ftehim ġenerali dwar it-tariffi doganali u l-kummerċ (GATT) tal-1994 u l-Ftehimiet l-oħra multilaterali tal-Anness IA tal-Ftehim ta' Marrakexx tal-15 ta' April 1994 li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu applikati b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW ir-rieda tar-RĊA biex jaħdem għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-foresta b'mod konformi mal-objettivi tas-sħubija għall-foresti tal-pjanura tal-Kongo li hija membru tagħha, li nħolqot f'Jannar tal-2003 wara s-Summit Dinji dwar l-iżvilupp sostenibbli li ġie organizzat f'Johannesburg fl-2002, dwar l-istati ġenerali tal-ilmijiet, tal-foresti, tal-kaċċa u tas-sajd f'Settembru 2003, mal-Ftehimiet u mat-Trattati internazzjonali, b'mod partikolari t-Trattat tal-5 ta' Frar 2005 dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi tal-foresti li jistabbilixxi l-Kummissjoni tal-forestrija tal-Afrika Ċentrali, u mal-Liġi 08.022 tas-17 ta' Ottubru 2008 dwar il-Kodiċi tal-Forestrija tar-RĊA;

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p 3.
([2]) ĠU L 347, 30.12.2005, p 1.
([3]) COM(2003) 251 finali, 21.5.2003.
([4]) A/RES 62/98 tal-31 ta' Jannar 2008.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li s-sistema Ċentru-Afrikana biex tiżgura l-legalità tal-injam u tal-prodotti derivati għandha tapplika għall-esportazzjonijiet kollha, u mhux biss għal dawk li huma maħsuba għall-Unjoni,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Skop

L-iskop ta' dan il-Ftehim, b'konformità mal-impenn komuni tal-partijiet li jiġġestixxu b'mod sostenibbli t-tipi kollha ta' foresti, huwa li jipprovdi qafas legali bl-għan li jiżgura li l-importazzjonijiet kollha fi ħdan l-Unjoni Ewropea ta' injam u prodotti derivati koperti minn dan il-Ftehim li ġejjin mir-RĊA ġew prodotti jew mixtrija b'mod legali, u, b'ħekk, li jippromwovi l-kummerċ ta' dan l-injam u tal-prodotti derivati.

Dan il-Ftehim jipprovdi wkoll bażi għal djalogu u kooperazzjoni bejn il-partijiet sabiex jiffaċilita u jippromwovi l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu u jsaħħaħ l-applikazzjoni tal-liġi tal-foresti u l-governanza.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Importazzjoni fl-Unjoni Ewropea": it-tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera tal-injam u l-prodotti derivati fl-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 79 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([1]), u li ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala 'oġġetti li mhumiex ta' natura kummerċjali' skont id-definizzjoni li tidher fil-punt 6 tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ([2]);

(b) "Esportazzjoni": il-ħruġ jew l-irtirar fiżiku tal-injam u l-prodotti derivati prodotti jew mixtrija fir-RĊA, għajr l-injam u l-prodotti derivati fi tranżitu fit-territorju Ċentru-Afrikan taħt il-kontroll tal-awtoritajiet doganali tar-RĊA;

(c) "Injam u prodotti derivati": il-prodotti elenkati fl-Anness I;

(d) "Nomenklatura HS": kodiċi b'erba' jew siit ċifri li tidher fin-nomenklatura tas-sistema armonizzata ta' dażinjazzjoni u ta' kodifikazzjoni tal-oġġetti stabbilita mill-konvenzjoni internazzjonali dwar is-sistema armonizzata ta' dażinjazzjoni u ta' kodifikazzjoni tal-oġġetti tal-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana b'konformità man-nomenklaturi konġunti tal-Unjoni Ewropea u tal-Komunità Ekonomika u Monetarja tal-Afrika Ċentrali (Communauté économique et monétaire de l'Afrique centrale - CEMAC);

(e) "Awtorizzazzjoni FLEGT": ċertifikat li jirreferi għal spedizzjoni tal-injam jew tal-prodotti derivati prodotti legalment;

(f) "Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet": l-awtorità magħżula mir-RĊA biex toħroġ u tivvalida l-awtorizzazzjonijiet FLEGT;

(g) "Awtoritajiet kompetenti": l-awtoritajiet magħżula mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea biex jivverifikaw l-awtorizzazzjonijiet FLEGT;

(h) "Spedizzjoni": kwantità ta' injam u prodotti derivati koperta minn awtorizzazzjoni FLEGT mibgħuta minn speditur, li hija ppreżentata f'uffiċċju tad-dwana biex titpoġġa f'ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea;

(i) "Injam prodott jew mixtri b'mod legali": l-injam u l-prodotti derivati maqtugħa jew impurtati, u prodotti skont il-leġiżlazzjoni speċifikata fl-Anness II.

Artikolu 3

Skema ta' awtorizzazzjoni FLEGT

1. Sistema ta' awtorizzazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ (aktar 'il quddiem imsejħa l-"iskema ta' awtorizzazzjoni FLEGT") għandha tiġi stabbilita bejn il-partijiet f'dan il-Ftehim. Din is-sistema għandha tistabbilixxi grupp ta' proċeduri u ta' rekwiżiti bil-għan li jiġi vverifikat u ċċertifikat, permezz ta' awtorizzazzjonijiet FLEGT, li l-injam u l-prodotti derivati mibgħuta lejn l-Unjoni Ewropea jkunu prodotti jew mixtrija b'mod legali. B'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 2173/2005, l-Unjoni Ewropea għandha taċċetta tali spedizzjonijiet mir-RĊA għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea biss jekk ikunu koperti minn awtorizzazzjonijiet FLEGT.

2. L-iskema ta' awtorizzazzjoni FLEGT għandha tapplika għall-injam u l-prodotti derivati elenkati fl-Anness I.

3. Il-partijiet jaqblu li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex japplikaw l-iskema ta' awtorizzazzjoni FLEGT skont l-Artikolu 12 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 4

Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet

1. Ir-RĊA għandha tinnomina l-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet, u għandu jinnotifika d-dettalji ta' kuntatt tagħha lill-Kummissjoni Ewropea. Iż-żewġ partijiet għandhom jagħmlu din l-informazzjoni pubblika.

2. L-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għandha tivverifika li l-injam u l-prodotti derivati jkunu prodotti jew mixtrija b'mod legali, b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni mniżżla fl-Anness II. Hija għandha toħroġ l-awtorizzazzjonijiet FLEGT li jkopru l-ispedizzjonijiet ta' injam u ta' prodotti derivati li huma prodotti jew mixtrija b'mod legali fir-RĊA u li huma maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kif ukoll, jekk ikun il-każ, id-dokumentazzjoni meħtieġa għall-injam u prodotti derivati fi tranżitu fit-territorju Ċentru-Afrikan taħt il-kontroll tal-awtoritajiet doganali tar-RĊA.

([1]) ĠU L 302, 19.10.1992, p 38.
([2]) ĠU L 253, 11.10.1993, p 1.

3. L-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet m'għandhiex toħroġ awtorizzazzjonijiet FLEGT għall-injam u l-prodotti derivati li huma magħmula minn, jew jinkludu, injam u prodotti derivati impurtati fir-RĊA minn pajjiż terz f'forma li fiha l-Liġijiet ta' dak il-pajjiżi jipprojbixxu l-esportazzjoni, jew li għaliha hemm provi li dan l-injam jew il-prodotti derivati ġew prodotti jew mixtrija bi ksur tal-Liġijiet tal-pajjiż minn fejn ittieħdu s-siġar.

4. L-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għandha żżomm u tagħmel pubbliċi l-proċeduri tagħha għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT. Din għandha żżomm ukoll rekords tal-ispedizzjonijiet kollha koperti mill-awtorizzazzjonijiet FLEGT u, konsistenti mal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta, għandha tagħmel dawn ir-rekords disponibbli għall-iskopijiet ta' verifika indipendenti, waqt li tirrispetta l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni dwar il-proprjetà industrijali tal-esportaturi.

Artikolu 5

Awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkomunika lir-RĊA d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-Unjoni u l-ambiti territorjali ta' kompetenzi rispettivi.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li kull kull spedizzjoni jkollha awtorizzazzjoni FLEGT valida qabel ma titpoġġa f'ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea. Din it-tpoġġija f'ċirkolazzjoni ħielsa tista' tiġi sospiża u l-ispedizzjoni miżmuma f'każ ta' dubji dwar il-validità tal-awtorizzazzjoni FLEGT. Il-proċeduri li jirregolaw it-tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea ta' spedizzjonijiet koperti minn awtorizzazzjoni FLEGT huma deskritti fl-Anness III.

3. Kull awtorità kompetenti għandha żżomm aġġornata u tippubblika kull sena dikjarazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT irċevuti.

4. B'mod konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu lill-persuni u lill-korpi nnominati mir-RĊA bħala awditur indipendenti, l-aċċess għad-dokumenti u d-dejta rilevanti.

5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni Ewropea m'għandhomx jeżegwixxu l-azzjoni deskritta fl-Artikolu 5 (2) fir-rigward tal-injam u tal-prodotti derivati li ġejjin mill-ispeċi elenkati fl-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali tal-Ispeċi ta' Fawna u Flora Selvaġġa f'Periklu ta' Estinzjoni (CITES) minħabba li dawn huma koperti mid-dispożizzjonijiet għall-verifika stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom [1]. L-iskema ta' awtorizzazzjoni FLEGT madankollu għandha tipprovdi assigurazzjoni dwar it-teħid legali ta' dawn il-prodotti.

Artikolu 6

Awtorizzazzjonijiet FLEGT

1. L-awtorizzazzjonijiet FLEGT għandhom jinħarġu mill-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet sabiex jiċċertifikaw li l-injam u l-prodotti derivati huma prodotti jew mixtrija b'mod legali.

2. L-awtorizzazzjonijiet FLEGT għandhom jiġu stabbiliti fuq formola bil-Franċiż.

3. Il-partijiet jistgħu, bi ftehim komuni, jistabbilixxu sistema elettronika għall-ħruġ, it-trażmissjoni u r-riċezzjoni tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT.

4. Il-proċedura għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma deskritti fl-Anness IV.

Artikolu 7

Definizzjoni ta' Injam Prodott Legalment

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, definizzjoni tal-injam prodott jew mixtri b'mod legali tidher fl-Anness II. Dan l-Anness jippreżenta l-leġiżlazzjoni nazzjonali tar-RĊA li għandha tiġi rispettata sabiex tkun tista' toħroġ awtorizzazzjoni FLEGT għall-injam u l-prodotti derivati. Din tinkludi wkoll dokumentazzjoni li fiha l-kriterji, l-indikaturi u l-verifikaturi li jippermettu li tiġi stabbilita l-konformità mal-leġiżlazzjoni, imsejħa "skala ta' legalità".

Artikolu 8

Verifika tal-legalità tal-injam prodott jew mixtri

1. Ir-RĊA għandha tistabbilixxi sistema jew sistemi biex tivverifika li l-injam u l-prodotti derivati maħsuba għall-ispedizzjoni huma prodotti jew mixtrija b'mod legali u li l-ispedizzjonijiet ivverifikati bħala tali biss jiġu esportati lejn l-Unjoni Ewropea. Is-sistema jew is-sistemi għall-verifika tal-legalità (SVL) jinkludu verifiki tal-konformità abiex jiġi żgurat li l-injam u l-prodotti derivati li għandhom jiġu esportati lejn l-Unjoni jkunu ġew prodotti jew mixtrija b'mod legali u li l-awtorizzazzjonijiet FLEGT ma nħarġux għal spedizzjonijiet ta' injam u ta' prodotti derivati li ma ġewx prodotti jew mibjugħa b'mod legali, jew li l-oriġini tagħhom ma tkunx magħrufa. Is-sistema jew is-sistemi jinkludu wkoll proċeduri bl-għan li jiġi żgurat li l-injam ta' oriġini illegali jew mhux magħrufa ma jidħolx fil-katina tal-provvista.

2. Is-sistema jew is-sistemi li jservu għall-verifika li l-ispedizzjonijiet tal-injam u ta' prodotti derivati ġew prodotti jew mixtrija b'mod legali huma deskritti fl-Anness V.

Artikolu 9

Konsultazzjonijiet dwar il-legalità tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT

1. Jekk iqum dubju dwar il-validità ta' awtorizzazzjoni FLEGT, l-awtorità kompetenti kkonċernata tista' titlob lill-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għal informazzjoni kumplimentari.

2. Jekk l-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet ma tweġibx fi żmien 21 jum kalendarju mid-data meta tirċievi t-talba, l-awtorità kompetenti kkonċernata għandha taġixxi skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ u m'għandhiex taċċetta

[1] ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.

l-awtorizzazzjoni. Jekk mill-informazzjoni kumplimentari jirriżulta li l-informazzjoni fuq l-awtorizzazzjoni ma tikkorrispondix mal-ispedizzjoni, l-Awtorità Kompetenti għandha taġixxi skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ u ma taċċettax l-awtorizzazzjoni.

3. Fejn ikun hemm nuqqas ta' ftehim jew diffikultajiet persistenti fil-konsultazzjonijiet dwar l-awtorizzazzjonijiet FLEGT, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Kumitat Konġunt għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Artikolu 10

Awditur indipendenti

1. Ir-RĊA, b'konsultazzjoni mal-Unjoni Ewropea, għandha timpjega s-servizzi ta' Awditur Indipendenti għall-ħtiġijiet tal-funzjonijiet elenkati fl-Anness VI.

2. L-Awditur Indipendenti għandu jkun entità li m'għandha ebda kunflitt ta' interess minħabba relazzjoni organizzattiva jew kummerċjali mal-Unjoni Ewropea, jew mal-awtoritajiet regolatorji tas-settur tal-foresti tar-RĊA, l-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet tagħha, kwalunkwe korpi mqabbda minnha għall-verifika tal-legalità tal-produzzjoni tal-injam, jew kwalunkwe operaturi kummerċjali fis-settur tal-foresti tagħha.

3. L-Awditur Indipendenti għandu jopera skont struttura ta' ġestjoni dokumentata u skont politika, metodi u proċeduri ppubblikati li jikkorrispondu mal-aħjar prattiki aċċettati fuq livell internazzjonali.

4. L-Awditur Indipendenti għandu jirreferi l-ilmenti li jirriżultaw mis-servizzi tiegħu lill-Kumitat Konġunt tal-implimentazzjoni tal-Ftehim.

5. L-awdituri indipendenti għandu jħejji b'mod regolari r-rapporti kompluti u mqassra skont il-proċedura deskritta fl-Anness VI.

6. Il-Partijiet għandhom jiffaċilitaw ix-xogħol tal-Awditur Indipendenti, b'mod partikolari billi jiżguraw li jkollu aċċess fit-territorji taż-żewġ Partijiet għall-informazzjoni meħtieġa biex iwettaq il-ħidma tiegħu. Madankollu, il-partijiet, b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rispettiva tagħhom dwar il-protezzjoni tad-dejta, jistgħu jastjenu milli jagħtu kwalunkwe informazzjoni li mhumiex awtorizzati li jikkomunikaw.

Artikolu 11

Irregolaritajiet

Il-Partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin jekk jissuspettaw jew isibu evidenza ta' kwalunkwe tgħawwiġ jew irregolarità fl-Iskema tal-awtorizzazzjoni FLEGT, l-aktar f'dak li jirrigwarda:

(a) it-tgħawwiġ tal-iskambji kummerċjali, b'mod partikolari permezz tad-devjazzjoni tal-flussi kummerċjali mir-RĊA lejn l-Unjoni Ewropea permezz ta' pajjiż terz meta jidher li dan sar bil-ħsieb li tiġi evitata t-talba għall-awtorizzazzjoni;

(b) il-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT għal injam u prodotti derivati li jinkludu importazzjoni minn sorsi suspettużi minn pajjiżi terzi; jew

(c) frodi fil-kisba jew l-użu tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT.

Artikolu 12

Bidu tal-Iskema ta' awtorizzazzjoni FLEGT

1. Il-partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin permezz tal-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim malli jqisu li jkunu għamlu t-tħejjijiet kollha meħtieġa għal applikazzjoni kompluta tal-iskema ta' awtorizzazzjoni FLEGT.

2. Il-partijiet, permezz tal-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim, għandhom jordnaw evalwazzjoni indipendenti tal-iskema ta' awtorizzazzjoni FLEGT ibbażata fuq il-kriterji speċifikati fl-Anness VII. L-evalwazzjoni tiddetermina jekk l-SVL li hija l-bażi tas-sistema ta' awtorizzazzjoni FLEGT kif deskritta fl-Anness V, tissodisfax b'mod adegwat il-funzjonijiet tagħha u jekk is-sistemi li jippermettu r-riċezzjoni, il-verifika u l-aċċettazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT, bħal m'huma deskritti fl-Artikolu 5 u fl-Anness III, humiex stabbiliti fl-Unjoni Ewropea.

3. Fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim, iż-żewġ partijiet għandhom jaqblu fuq id-data li minnha l-iskema ta' awtorizzazzjoni FLEGT issir kompletament operattiva.

4. Iż-żewġ Partijiet għandhom jikkunsidraw ir-rakkomandazzjoni u jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub li jaqblu mar-rakkomandazzjoni.

Artikolu 13

Applikazzjoni tas-SVL tal-injam u tal-prodotti derivati mhux esportati lejn l-Unjoni Ewropea

Ir-RĊA tuża s-sistema jew is-sistemi ta' verifika tal-legalità deskritta/i fl-Anness V għall-injam u l-prodotti derivati esportati lejn is-swieq li jinstabu barra mill-Unjoni Ewropea.

Artikolu 14

Kalendarju ta' implimentazzjoni tal-Ftehim

1. Il-partijiet għandhom japprovaw il-kalendarju ta' implimentazzjoni li jidher fl-Anness VIII

2. Permezz tal-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim, il-partijiet għandhom jevalwaw il-progress li sar fl-implimentazzjoni skont il-kalendarju stabbilit fl-Anness VIII.

Artikolu 15

Miżuri ta' akkumpanjament

1. Il-partijiet identifikaw l-oqsma deskritti fl-Anness IX bħala dawk li fihom ir-riżorsi tekniċi u finanzjarji kumplimentari li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. Il-provvista ta' dawn ir-riżorsi kumplimentari għandha tkun sottomessa għall-proċeduri normali ta' programmazzjoni tal-għajnuna għar-RĊA fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, kif ukoll għall-proċeduri baġitarji tar-RĊA innifisha.

3. Il-partijiet għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa li jkun hemm ftehim komuni, li bih il-finanzjament u l-kontribuzzjonijiet tekniċi tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jkunu koordinati biex jappoġġjaw dawn il-miżuri.

4. Ir-RĊA għandha tiżgura li l-infurzar tal-kapaċitajiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim ikun integrat fl-għodod nazzjonali għall-ippjanar, bħal m'huma l-istrateġiji għat-tnaqqis tal-faqar.

5. Il-partijiet għandhom jiżguraw li l-attivitajiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim ikunu koordinati mal-programmi u l-inizjattivi ta' żvilupp relattivi, eżistenti jew li għad iridu jiġu

6. L-implimentazzjoni ta' dawn ir-riżorsi hija soġġetta għall-proċeduri li jirregolaw l-għajnuna tal-Unjoni Ewropea kif previst fil-Ftehim ta' Cotonou u għal dawk li jirregolaw l-għajnuna bilaterali mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea lir-RĊA.

Artikolu 16

Involviment tal-Partijiet Interessati fl-Implimentazzjoni tal-Ftehim

1. Ir-RĊA għandha tinvolvi lill-partijiet interessati fl-implimentazzjoni tal-Ftehim skont id-Direttivi tal-Kummissjoni tal-foresti tal-Afrika Ċentrali dwar il-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, il-popolazzjonijiet lokali u l-komunitajiet indiġeni.

2. L-Unjoni Ewropea għandha tikkonsulta b'mod regolari lill-partijiet interessati dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, b'konsiderazzjoni tal-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus tal-1998 dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali u l-aċċess għall-ġustizzja fir-rigward tal-ambjent.

Artikolu 17

Salvagwardja soċjali

1. Sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-effetti negattivi possibbli, il-Partijiet għandhom jiftiehmu li jiżviluppaw għarfien aħjar tal-mod kif jgħixu l-komunitajiet indiġeni u lokali potenzjalment affettwati kif ukoll dawk involuti fil-qtugħ tas-siġar illegali

2. Il-partijiet għandhom jissorveljaw l-effetti ta' dan il-Ftehim fuq dawn il-komunitajiet, filwaqt li jieħdu miżuri raġonevoli biex inaqqsu l-effetti negattivi. Il-partijiet jistgħu jiftiehmu fuq miżuri kumplimentari biex jindirizzaw dawn l-effetti negattivi.

Artikolu 18

Miżuri ta' inċentiv relatati mas-suq

Filwaqt li tikkunsidra l-obbligi internazzjonali tagħha, l-Unjoni Ewropea għandha taħdem biex tippromwovi aċċess favorevoli għas-suq tagħha għall-prodotti tal-injam u prodotti derivati koperti b'dan il-Ftehim. Dawn l-isforzi għandhom jinkludu:

(a) it-tħeġġiġ ta' linji politiċi ta' xiri, pubbliċi u privati, li jirrikonoxxu l-isforzi biex tiġi żgurata provvista ta' prodotti tal-foresti ta' oriġini legali; u

(b) il-promozzjoni tal-prodotti li jkollhom awtorizzazzjoni FLEGT fis-suq tal-Unjoni.

Artikolu 19

Kumitat konġunt għall-implimentazzjoni tal-Ftehim

1. Il-partijiet għandhom jistabbilixxu Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim biex jiffaċilitaw il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. Kull parti għandha tinnomina r-rappreżentanti tagħha fil-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim. Il-kumitat jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu permezz ta' kunsens.

3. Il-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim għandu jiffaċilita djalogu u skambju ta' informazzjoni effikaċi u regolari bejn il-partijiet sabiex dan il-Ftehim jaħdem bl-aħjar mod, u jkun jista' jeżamina kull kwistjoni relatata mal-iffunzjonar effikaċi tiegħu. Il-funzjonijiet dettaljati tal-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim huma deskritti fl-Anness X.

4. Il-Kumitat konġunt għall-implimentazzjoni tal-Ftehim:

(a) għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena f'data deċiża mill-partijiet;

(b) għandu jfassal l-aġenda tal-ħidmiet tiegħu u t-termini ta' referenza għall-azzjonijiet komuni;

(c) għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċeduri tiegħu stess;

(d) għandu jorganizza l-presidenza tal-laqgħat tiegħu, kemm permezz ta' alternanza bejn ir-rappreżentanti ta' kull parti, u kemm permezz ta' sistema ta' kopresidenza;

(e) għandu jiżgura li l-ħidma tiegħu tkun trasparenti kemm jista' jkun u li l-informazzjoni dwar il-ħidma u d-deċiżjonijiet tiegħu tkun aċċessibbli għall-pubbliku;

(f) jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma jew korpi awżiljari oħra għall-oqsma ta' ħidma li jeżiġu kompetenzi speċifiċi.

5. Il-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim għandu jippubblika rapport annwali, Id-dettalji tal-kontenut ta' dan ir-rapport jidhru fl-Anness XI.

6. Fil-perijodu bejn l-iffirmar tal-Ftehim u d-dħul fis-seħħ tiegħu, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu konġunt ta' konsultazzjoni u ta' monitoraġġ, biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 20

Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim

1. Ir-rappreżentanti tal-partijiet responsabbli għall-komunikazzjonijiet uffiċjali dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim huma:

(a) għar-RĊA: il-Ministru tal-Ilmijiet, il-Foresti, il-Kaċċa u s-Sajd;

(b) għall-Unjoni Ewropea: il-kap tad-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fir-RĊA.

2. Il-partijiet għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 21

Rapporti u informazzjoni magħmula pubblika

1. L-informazzjoni magħmula pubblika hija wieħed mill-elementi ewlenin għall-promozzjoni tal-governanza fil-qafas tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. L-informazzjoni magħmula pubblika tiffaċilita l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tas-sistema billi tagħmilha aktar trasparenti. L-informazzjoni magħmula pubblika tippermetti wkoll li jingħata rendikont aħjar u responsabbiltà akbar min-naħa tad-diversi partijiet involuti. L-informazzjoni li għandha tkun magħmula pubblika u titpoġġa fil-qasam pubbliku hija elenkata fl-Anness XI.

2. Kull parti għandha tikkunsidra l-mekkaniżmi l-aktar xierqa (midja, dokumenti, Internet, gruppi ta' ħidma, rapporti annwali) biex tagħmel l-informazzjoni pubblika. B'mod partikolari, il-partijiet għandhom jagħmlu sforz biex jagħmlu disponibbli informazzjoni affidabbli, rilevanti u fil-pront lid-diversi partijiet interessati assoċjati mas-settur tal-forestrija. Dawn il-mekkaniżmi huma deskritti fl-Anness XI.

Artikolu 22

Informazzjoni kunfidenzjali

1. Kull parti għandha timpenja ruħha li ma tikxifx, fil-limiti preskritti mil-Liġijiet tagħha, l-informazzjoni kunfidenzjali skambjata fil-qafas ta' dan il-Ftehim. Il-partijiet għandhom jastjenu milli jikxfu lill-pubbliku, u ma jippermettux lill-awtoritajiet tagħhom jikxfu, l-informazzjoni li tiġi skambjata fil-qafas ta' dan il-Ftehim li tikkostitwixxi sigrieti tal-kummerċ jew informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali.

2. Bla ħsara għall-paragrafu 1, l-informazzjoni li ġejja m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala kunfidenzjali:

(a) in-numru ta' awtorizzazzjonijiet FLEGT maħruġa mir-RĊA u rċevuti mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-volum ta' injam u ta' prodotti derivati esportati mir-RĊA u rċevuti mill-Unjoni Ewropea;

(b) l-ismijiet u l-indirizzi tad-detenturi tal-awtorizzazzjoni u tal-importaturi.

Artikolu 23

Applikazzjoni territorjali

Dan il-Ftehim japplika fit-territorju li huwa applikabbli fih it-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan it-Trattat, minn naħa waħda, u fit-territorju tar-RĊA, min-naħa l-oħra.

Artikolu 24

Soluzzjoni ta' tilwim

1. Il-Partijiet għandhom jippruvaw isibu soluzzjoni għal kwalunkwe tilwim rigward l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim permezz ta' konsultazzjonijiet rapidi.

2. Fil-każ li xi tilwim ma jkunx jista' jiġi solvut permezz ta' konsultazzjonijiet fi żmien tliet xhur wara d-data tat-talba inizjali għal konsultazzjoni, kull parti tista' tissottometti t-tilwim lill-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim li għandu jagħmel ħiltu biex isib soluzzjoni. Il-kumitat għandu jikseb l-informazzjoni kollha rilevanti għal eżami fid-dettall tas-sitwazzjoni sabiex tinsab soluzzjoni aċċettabbli. Għal dan il-għan, għandhom jiġu eżaminati l-possibbiltajiet kollha biex jinżamm il-funzjonament tajjeb ta' dan il-Ftehim.

3. Fil-każ li l-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim ma jkunx jista' jsib soluzzjoni għat-tilwim, il-partijiet jistgħu:

(a) jitolbu b'mod konġunt il-bon offiċji ta' terz jew il-medjazzjoni minn terz;

(b) jirrikorru għal arbitraġġ. Fil-każ li ma jkunx possibbli li jiġi solvut it-tilwim b'mod konformi mal-paragrafu 3a., kull parti tista' tinnotifika lill-oħra bil-ħatra ta' arbitru; il-parti l-oħra mbagħad għandha taħtar arbitru ieħor fi żmien 30 jum kalendarju wara l-ħatra tal-ewwel arbitru. Il-partijiet għandhom jaħtru b'mod konġunt it-tielet arbitru fi żmien xahrejn mill-ħatra tat-tieni arbitru. Id-deċiżjonijiet tal-arbitraġġ għandhom jingħataw skont il-maġġoranza tal-voti fi żmien sitt xhur wara l-ħatra tat-tielet arbitru. Is-sentenza tal-arbitraġġ hija vinkolanti għall-partijiet u mingħajr possibbiltà ta' appell.

4. Il-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim għandu jistabbilixxi l-proċeduri tal-arbitraġġ.

Artikolu 25

Sospensjoni

1. Kull parti tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Id-deċiżjoni ta' sospensjoni u r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni għandhom jiġu notifikati bil-miktub lill-parti l-oħra.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jieqfu japplikaw 30 jum kalendarju minn meta ssir din in-notifika.

3. L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim terġa' tibda 30 jum kalendarju wara li l-parti li ssospendietu tinforma lill-parti l-oħra li r-raġunijiet għas-sospensjoni m'għadhomx japplikaw.

Artikolu 26

Emendi

1. Kull parti li tixtieq temenda dan il-Ftehim għandha tissottometti l-proposta mill-inqas tliet xhur qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim. Dan tal-aħħar jeżamina l-proposta u, fil-każ li jkun hemm kunsens, jagħmel rakkomandazzjoni. Kull parti għandha teżamina r-rakkomandazzjoni u, jekk tapprovaha, tadottaha skont il-proċeduri tagħha stess.

2. Kwalunkwe emenda approvata b'dan il-mod miż-żewġ partijiet tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-partijiet innotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri li huma meħtieġa għal dan il-għan.

3. Il-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim jista' jadotta emendi fl-Annessi ta' dan il-Ftehim.

4. In-notifika ta' kwalunkwe emenda għandha tiġi indirizzata lid-depożitarji konġunti ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 27

Annessi

L-Annessi għandhom jiffurmaw parti integrali minn dan il-Ftehim.

Artikolu 28

Tul ta' żmien u tiġdid

Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ għal perijodu ta' sitt snin imbagħad jiġi estiż għal perijodi konsekuttivi ta' sitt snin, sakemm ma jkunx hemm parti li tirrinunzja billi tinnotifika lill-parti l-oħra bil-miktub mill-inqas sena qabel l-iskadenza tal-Ftehim.

Artikolu 29

Tmiem tal-Ftehim

Minkejja l-Artikolu 28, parti waħda jew l-oħra tista ttemm dan il-Ftehim billi tinnotifika dan bil-miktub lill-parti l-oħra. Dan il-Ftehim jieqaf japplika tnax-il xahar wara d-data ta' din in-notifika.

Artikolu 30

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-partijiet jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub dwar it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

2. In-notifika għandha tiġi indirizzata lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Gvern tar-RĊA, li huma d-depożitarji konġunti ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 31

Testi awtentiċi

Dan il-Ftehim huwa mfassal f'żewġ oriġinali bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana u Ungeriża, u kull wieħed minn dawn it-testi huwa awtentiku. F'każ ta' diverġenza ta' interpretazzjoni, it-test bil-Franċiż għandu jieħu preċedenza.

Съставено в Брюксел на двадесет и осми ноември две хиляди и единадесета година.

Hecho en Bruselas, el veintiocho de noviembre de dos mil once.

V Bruselu dne dvacátého osmého listopadu dva tisíce jedenáct.

Udfærdiget i Bruxelles den otteogtyvende november to tusind og elleve.

Geschehen zu Brüssel am achtundzwanzigsten November zweitausendelf.

Kahe tuhande üheteistkümnenda aasta novembrikuu kahekümne kaheksandal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις είκοσι οκτώ Νοεμβρίου δύο χιλιάδες ένδεκα.

Done at Brussels on the twenty-eighth day of November in the year two thousand and eleven.

Fait à Bruxelles, le vingt-huit novembre deux mille onze.

Fatto a Bruxelles, addì ventotto novembre duemilaundici.

Briselē, divi tūkstoši vienpadsmitā gada divdesmit astotajā novembrī.

Priimta du tūkstančiai vienuoliktų metų lapkričio dvidešimt aštuntą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-tizenegyedik év november havának huszonnyolcadik napján.

Magħmul fi Brussell, fit-tmienja u għoxrin jum ta' Novembru tas-sena elfejn u ħdax.

Gedaan te Brussel, de achtentwintigste november tweeduizend elf.

Sporządzono w Brukseli dnia dwudziestego ósmego listopada roku dwa tysiące jedenastego.

Feito em Bruxelas, em vinte e oito de novembro de dois mil e onze.

Întocmit la Bruxelles la douăzeci și opt noiembrie două mii unsprezece.


V Bruseli dvadsiateho ôsmeho novembra dvetisícjedenásť.

V Bruslju, dne osemindvajsetega novembra leta dva tisoč enajst.

Tehty Brysselissä kahdentenakymmenentenäkahdeksantena päivänä marraskuuta vuonna kaksituhattayksitoista.

Som skedde i Bryssel den tjugoåttonde november tjugohundraelva.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sajungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



За Централноафриканската република
Por la República Centroafricana
Za Středoafrickou republiku
For Den Centralafrikanske Republik
Für die Zentralafrikanische Republik
Kesk-Aafrika Vabariigi nimel
Για την Κεντροαφρικανική Δημοκρατία
For the Central African Republic
Pour la République centrafricaine
Per la Repubblica centrafricana
Centrālāfrikas Republikas vārdā –
Centrinės Afrikos Respublikos vardu
A Közép-afrikai Köztársaság részéről
Għar-Repubblika Ċentru-Afrikana
Voor de Centraal-Afrikaanse Republiek
W imieniu Republiki Środkowoafrykańskiej
Pela República Centro - Africana
Pentru Republica Centrafricană
Za Stredoafrickú republiku
Za Srednjeafriško republiko
Keski-Afrikan tasavallan puolesta
För Centralafrikanska republiken



ANNESS I

LISTA TA' PRODOTTI KOPERTI MILL-FTEHIM TA' SĦUBIJA VOLONTARJA (APV)

4401:	Ħatab, fi zkuk, fi zkuk ħoxnin, fi friegħi, f'qatet għesieleġ jew forom simili; injam f'laqx jew fi frak; serratura, skart u fdalijiet tal-injam, anke agglomerati forma ta' zkuk, trab tal-faħam ippressat, pritkuni jew forom simili.
4403:	Injam aħrax, sew jekk bil-qoxra, bl-ilbieba mneħħija jew magħmul kwadru.
4404:	Injam għaċ-ċrieki; arbli maqsumin; puntali, pali u bsaten tal-injam, bil-ponta iżda mhux isserrati mit-tul; bsaten tal-injam, mirqumin raff iżda mhux inturnati, milwijin jew maħdumin mod ieħor, tajbin għall-manifattura tal-bsaten tal-mixi, umbrelel, mankijiet tal-għodod jew affarijiet simili; injam magħmul minn laqx tal-injam (chipwood) u bħalu.
4406:	Travi tal-injam għal-linji tal-ferrovija jew injam simili.
4407:	Injam isserrat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew imminċottat fit-truf, ta' ħxuna iktar minn 6mm.
4408:	Folji għall-fuljetta (inklużi dawk magħmulin bit-tiflil ta' injam laminat), folji għat-triplaj jew għal injam laminat simili u injam ieħor, isserrat mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat, impalellat jew imminċottat fit-truf, mhux eħxen minn 6mm.
4409:	Injam (inklużi twavel u freġji tal-parkè, mhux immuntati) sezzjonijiet (ifflanġjati, gruvjati, irbattuti, iċċanfrinati, ingastati-V, iffurmati, ittundjati jew simili) tul xifer wieħed jew bosta, il-wiċċ jew it-tarf, anke nċanati, xkatlati jew imminċottati fit-truf.
4410:	Bord tal-injam mill-frak, bord tat-tip oriented strand board (OSB) u bord simili (pereżempju, waferboard) tal-injam jew ta' materjali oħrajn għudin, magħqudin bir-raża jew sustanzi organiċi oħrajn li jgħaqqdu
4411:	Bord tal-fibri tal-injam jew ta' materjali oħra għudin, anke magħqudin bir-raża jew b'sustanzi organiċi oħrali jgħaqqdu.
4412:	Triplaj, pannelli miksijin bil-fuljetta u injam laminat simili.
441400:	Inkwatri tal-injam għal pitturi, ritratti, mirja jew oġġetti simili.
4415:	Kontenituri għall-ippakkjar, kaxex, ċestuni, tankijiet u kontenituri simili, tal-injam; rukkelli tal-injam għall-kejbils; palits normali, palits forma ta' kaxxa u palits oħrajn tat-tagħbija, tal-injam; għenuq tal-palits tal-injam.
441600:	Bittiji, bramel, tankijiet u prodotti oħra tal-buttar u l-partijiet tagħhom, tal-injam, inkluż injam tal-bittiji.
441700:	Għodod, fitings u mankijiet ta' għodod, fitings ta' xkupilji, mankijiet ta' xkupi jew ta' xkupilji, tal-injam; forom, xutrees u għodod għat-tkabbir taż-żraben, tal-injam.
4418:	Xogħol tal-mastrudaxxa u partijiet ta' strutturi tal-kostruzzjoni, inklużi pannelli ċellulari, pannelli mmuntati għall-art, twavel tal-kisi ("shingles u shakes") tal-injam.
441900:	Oġġetti tal-injam għall-mejda jew għall-kċina.
9403 30:	Għamara tal-injam tat-tip li tintuża fl-uffiċċji.
9403 40:	Għamara tal-injam tat-tip li tintuża fil-kċejjen.
9403 50:	Għamara tal-injam tat-tip li tintuża fil-kmamar tas-sodda.
9403 60:	Għamara oħra tal-injam.

ANNESS II

DEFINIZZJONI TA' INJAM PRODOTT LEGALMENT

Introduzzjoni

Din id-definizzjoni hija ppreżentata bħala skala ta' legalità li hija magħmula minn indikaturi klassifikati skont għaxar temi prinċipali:

1. l-intrapriża għandha eżistenza legali;
2. drittijiet ta' aċċess legali għar-riżorsi tal-foresti fiż-żona tal-operat tagħha;
3. ir-rispett tal-leġiżlazzjoni dwar l-ambjent
4. id-drittijiet tal-ħaddiema, tal-komunitajiet lokali u dawk indiġeni;
5. il-leġiżlazzjoni dwar l-użu tal-foresti;
6. it-trasformazzjoni tal-prodotti tal-foresti;
7. il-liġijiet fiskali ġenerali u tal-foresti;
8. it-trasport u t-traċċabbiltà tal-prodotti tal-foresti għudin huma konformi mar-regolamenti;
9. ir-rispett tal-klawżoli kuntrattwali;
10. ir-relazzjonijiet mal-sottokuntratturi fl-attivitajiet l-oħra minbarra l-produzzjoni tal-injam.

It-titoli differenti tal-użu tal-foresti fir-RĊA kkonċernati minn din id-definizzjoni huma:

— il-permessi tal-operat u tal-iżvilupp (PEA) li jingħataw lill-intrapriżi stabbiliti legalment fir-RĊA għal operat industrijali skont pjan ta' żvilupp;

— l-awtorizzazzjonijiet għall-operat taż-żoni ta' riforestazzjoni msejħa wkoll "pjantaġġuni"

Barra minn dawn, titoli oħra għall-operat tal-foresti huma previsti mill-Kodiċi tal-Foresti Ċentru-Afrikan;

— il-permessi artiġjanali li huma permessi għal erja ta' anqas minn jew ekwivalenti għal 10 ha, previsti biex jingħataw lil persuni fiżiċi ta' nazzjonalità Ċentru-Afrikana jew lill-komunitajiet tal-post;

— il-foresti komunitarji li l-erja massima tagħhom għal kull unità hija stabbilita għal 5 000 ha, u li għandhom jiġu soġġetti għal ftehim ta' ġestjoni bejn il-Ministeru responsabbli mill-Foresti u komunità f'raħal u/jew indiġena organizzata.

Il-PEAs, il-permessi artiġjanali u l-foresti komunitarji jingħataw fil-foresta tal-produzzjoni tal-qasan permanenti tal-foresti tal-Istat, li jinsab fil-Lbiċ tal-pajjiż. Il-pjantaġġuni potenzjalement jistgħu jinsabu fil-pajjiż kollu.

Wara li nħareġ il-Kodiċi tal-Forestrija l-ġdid, jiġifieri l-Liġi Nru 08.022 tas-17 ta' Ottubru 2008, li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Forestrija tar-RĊA, l-injam esportat mir-RĊA jinħareġ fil-maġġor parti mill-PEA. Ma' dan għandu jiżdied injam li ġej mill-awtorizzazzjonijiet għall-operat tal-pjantaġġuni l-antiki tat-tikk.

Minħabba d-diffikultajiet prattiki għall-operat u l-monitoraġġ tal-foresti komunitarji u tal-permessi artiġjanali, l-operat ta' dawn it-titoli għadu mhux operattiv fir-RĊA. Fl-2010, la jeżisti titolu relattiv għall-foresti komunitarji, u lanqas għall-permessi artiġjanali.

B'konsegwenza, l-iskala tal-legalità fil-qafas ta' dan il-Ftehim tapplika biss għat-titoli li qed jintużaw bħalissa, jiġifieri l-PEA u l-pjantaġġuni. Id-definizzjoni tal-legalità ser tkun kompluta biex jiġu kkunsidrati l-foresti komunitarji u l-permessi artiġjanali skont il-kundizzjonijiet indikati fl-Anness V, paragrafi 1.2 u 2.1.

Ix-xewqa li jitħejja n-negozjar tal-APV skont strateġija ta' parteċipazzjoni tittraduċi ruħha fir-rispett tal-parteċipanti kollha fid-dibattitu. Għalhekk twaqqfu tliet gruppi ta' partijiet interessati, jiġifieri s-settur pubbliku, is-settur privat u s-soċjetà ċivili.

Biex tinbena aħjar il-fehma gradwali tal-proċess FLEGT u biex jiġu fformulati aħjar il-proposti bil-ħsieb tan-negozjati, il-konsultazzjoni dwar l-iskala saret f'żewġ żminijiet distinti, jiġifieri l-konsultazzjoni għal kull grupp ta' partijiet interessati u l-konsultazzjoni tat-tliet gruppi f'daqqa. Il-konsultazzjoni ta' kull grupp ta' partijiet interessati saret internament bejn il-partijiet interessati. Il-konsultazzjoni tat-tliet gruppi f'daqqa ppermettiet il-konfromtazzjoni tal-pożizzjonijiet ta' kull wieħed mill-gruppi sabiex tkun definita pożizzjoni nazzjonali, li serviet bħala bażi għall-iskwadra ta' negozjar mal-Unjoni.

Minħabba li l-iskala tal-legalità għandha sservi bħala appoġġ operattiv għall-proċedura li twassal għall-għotja tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT, ir-RĊA u l-Unjoni Ewropea ftiehmu dwar il-ħtieġa li tiġi ttestjata l-applikabbiltà u l-validità tal-abbozz tal-iskala tal-legalità fuq il-post qabel l-implimentazzjoni tagħha fil-qafas tal-APV. Huwa f'dan il-kuntest li, matul in-negozjati, l-organizzazzjoni internazzjonali "The Forest Trust" tqabbdet mill-European Forest Institute (EFI) biex twettaq it-test tal-art bil-kontribut tar-rappreżentanti mir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

Meta wieħed iqis li l-injam li ġej mill-pjantaġġuni tat-tikk bħalissa jiġi esportat lejn is-suq tal-Unjoni f'forma ta' zkuk, huwa indispensabbli li dawn il-prodotti li ġejjin mill-pjantaġġuni jiġu kkunsidrati fl-iskala tal-legalità. Ir-regolamentazzjoni għall-pjantaġġuni hija anqas żviluppata. Din l-iskala tħejjiet mit-testi regolamentari eżistenti. Għandhom jitħejjew testi oħra sabiex tittejjeb ir-regolamentazzjoni rigward il-pjantaġġuni. Id-definizzajoni tal-legalità għaldaqstant għandha tiġi aġġornata.

Nota ta' preċiżjoni dwar l-indikaturi tal-iskala

Ċerti indikaturi m'għandhomx referenza regolamentari. Dawn l-indikaturi huma rreġistrati soġġetti għall-pubblikazzjoni u l-kontenut tar-referenzi meħtieġa. Għal din ir-raġuni, ir-referenzi li jridu jinħolqu huma msemmija fl-Anness IX. It-testi regolamentari li finalment ser jiġu adottati jistgħu jwasslu għal emenda fit-tfassil attwali ta' dawn l-indikaturi.

Ċerti indikaturi japplikaw għat-tagħbijiet kollha, tkun xi tkun l-oriġini tal-injam. Oħrajn japplikaw biss għat-tagħbijiet li ġejjin mill-PEA jew għat-tagħbijiet li ġejjin mill-awtorizzazzjoni tal-operat taż-żoni tar-riforestazzjoni tal-Istat (pjantaġġuni tal-Istat) jew għat-tagħbijiet li ġejjin mill-awtorizzazzjoni tal-operat ta' qasam privat (pjantaġġun ta' awtoritajiet jew ta' individwi). L-aħħar kolonna "Titoli kkonċernati" tispeċifika għal liema titoli tal-oriġini tat-tagħbijiet japplika l-indikatur tal-linja: kollha, il-PEA, pjantaġġuni (li jkopru l-awtorizzazzjonijiet tal-perimetri tar-riforestazzjoni, imsejħa pjantaġġuni tal-Istat, u l-awtorizzazzjonijiet ta' riforestazzjoni privati għal awtoritajiet jew individwi, imsejħa pjantaġġuni privati).

PRINĊIPJU 1: L-INTRAPRIŻA GĦANDHA EŻISTENZA LEGALI

Kriterju 1.1: L-intrapriża tiġi rreġistrata b'mod regolari mal-amministrazzjonijiet kompetenti fi tmiem proċedura valida.

Indikatur	Verifikaturi	Test leġiżlattiv jew regolamentari	Titoli konċernati
Indikatur 1.1.1: Reġistrazzjoni mad-dipartimenti ekonomiċi: il-Ministeru tal-Kummerċ u tal-Industrija	Verifikatur 1.1.1.1: Deċiżjoni Ministerjali li tagħti approvazzjoni tal-operat tal-foresti	Ordinanza Nru 83.083 tal-31.12.83 (Artikoli 7 u 8)	Kollha (PEA u Pjantaġġuni)
	Verifikatur 1.1.1.2: Karta professjonali tal-kummerċjant	Digriet Nru 83.550 tal-31.12.83 (Artikoli 1 sa 7)	
		Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10. 08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresta (Artikolu 176)	
Indikatur 1.1.2: Reġsitrazzjoni mad-dipartiment fiskali (Il-Ministeru tal-Finanzi u tal-Baġit, id-Direttorat Ġenerali tat-Taxxa)	Verifikatur 1.1.2.1: Karta valida ta' persuna taxxabbli	Gwida ta' reġistrazzjoni	Kollha
	Verifikatur 1.1.2.2: Dokument li jinkludi numru ta' reġistrazzjoni fiskali (NIF)	Kodiċi Ġenerali tat-Taxxa Edizzjoni 2009 (Artikolu 334)	
		Digriet Nru004/MEFPCI/DFB/CAB/SGF/DGID li jistabbilixxi l-obbligu tal-użu tal-NIF (Artikoli 1 u 2)	
Indikatur 1.1.3: Reġistrazzjoni mal-Uffiċċju Nazzjonali tas-sigurtà soċjali.	Verifikatur 1.1.3.1: Verifika tar-reġistrazzjoni mal-CNSS	Il-Liġi Nru 06.035 tat-28/12/2006 li tistabbilixxi l-kodiċi għas-sigurtà soċjali (Artikolu 31)	Kollha
		Id-Digriet Nru 09.116 tas-27/04/2009	
Indikatur 1.1.4: Reġistrazzjoni mad-dipartiment responsabbli mill-foresti fit-tmiem ta' proċedura għal awtorizzazzjoni valida.	Verifikatur 1.1.4.1: Rapport tal-kummissjoni tal-għoti tal-PEA taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru responsabbli mill-Foresti	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10. 08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 31)	PEA
	Verifikatur 1.1.4.2: Rapport tal-awditur indipendenti taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru responsabbli mill-foresti	Id-Digriet 09.118 tat-28.04.2009 (Artikolu 17.6)	
	Verifikatur 1.1.4.3: Digriet ta' għoti tal-permess għall-ioperat u l-iżvilupp		
Indikatur 1.1.5: Reġistrazzjoni mad-dipartimenti legali (Il-Ministeru tal-Ġustizzja, it-Tribunal tal-Kummerċ)	Verifikatur 1.1.5.1: Ir-Reġistru tal-Kummerċ u tal-Kreditu (RCCM)	Ordinanza Nru 83.083 tal-31.12.83 (Artikolu 12)	Kollha
	Verifikatur 1.1.5.2: Rapport ta' kompożizzjoni notarili	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 93)	
	Verifikatur 1.1.5.3: Notifika tan-numru tar-reġistrazzjoni mir-reġistratur tat-Tribunal tal-Kummerċ		
Indikatur 1.1.6: Reġistrazzjoni mad-dipartimenti tax-xogħol u tal-impjieg (Il-Ministeru għax-Xogħol u l-Impjieg, l-ispezzjoni tax-xogħol)	Verifikatur 1.1.6.1: Reġistru ta' min iħaddem innumerat u inizjalat mill-ispettur tax-xogħol responsabbli	Il-Liġi Nru 09. 004 li tistabbilixxi l-Kodiċi tax-Xogħol (Artikolu 331)	Kollha

Indikatur	Verifikaturi	Test leġiżlattiv jew regolamentari	Titoli konċernati
Indikatur 1.1.7: Reġistrazzjoni mal-assoċjazzjonijiet konsulari: il-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija.	Verifikatur 1.1.7.1: Verifika konsulari	Referenza għall-Anness IX: ir-referenza legali għandha tinħoloq	Kollha
Indikatur 1.1.8: Reġistrazzjoni mal-Aġenzija Ċentru-Afrikana għat-taħriġ professjonali u għall-impjieg (ACFPE)	Verifikatur 1.1.8.1: Talba ta' reġistrazzjoni ta' min iħaddem innumerat u inizjalat	Il-Liġi Nru 99.008 tad-19.05.1999 (Artikoli 1 sa 7)	Kollha
Kriterju 1.2: L-intrapriża hija f'sitwazzjoni aġġornata fil-pagament ta' kontribuzzjonijiet.			
Indikatur 1.2.1: Pagament tal-kontribuzzzjonijiet mas-CNSS.	Verifikatur 1.2.1.1: Verifika tas-CNSS jew rifjut	Kopja tal-irċevuti tal-pagamenti tal-kontribuzzjonijiet	Kollha
Indikatur 1.2.2: Pagament tal-kontribuzzjonijiet jew onorarji mal-ACFPE.	Verifikatur 1.2.2.1: Dikjarazzjoni ta' kull trimestru tas-salarju mħallas Verifikatur 1.2.1.2: Provi ta' pagament tal-kontribuzzjoni tas-sid	Id-Digriet 00.068 li jistabbilixxi l-iskema tal-kontribuzzjoni tas-sid lill-ACFPE (Artikoli 2 u 4)	Kollha
Kriterju 1.3: L-intrapirża mhix soġġetta għal kundanna ġudizzjarja jew sanzjoni amministrattiva li wasslu għal sospensjoni temporanja jew definittiva tal-attivitajiet tagħha.			
Indikatur 1.3.1: L-attivitajiet tal-intrapriża ma ġewx sospiżi wara deċiżjoni legali.	Verifikatur 1.3.1.1: Atti ta' ġudizzju tat-tribunali Verifikatur 1.3.1.2: Reġistri tal-infrazzjonijiet li jinsabu għand il-Ministeru responsabbli mill-foresti	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikoli 209 u 204(2)) Id-Digriet 09.020 tat-30.04.09 (Artikoli 92 (2) u 93)	Kollha
Indikatur 1.3.2: L-attivitajiet tal-intrapriża ma ġewx sospiżi wara sanzjoni amministrattiva.	Verifikatur 1.3.2.1: Reġistri tal-infrazzjonijiet li jinsabu għand il-Ministeru responsabbli mill-foresti Verifikatur 1.3.2.2: Digriet ta' sospensjoni mill-Ministru responsabbli mill-ambjent	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Art 204 (2)) Id-Digriet 09 020 tat-30.04.09 (Art 92 (2) u 93) Il-Liġi Nru 07.018 tat-28 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Ambjent (Art 114)	
Kriterju 1.4: L-intrapriża tobdi f'każ ta' kundanna ġudizzjarja jew xi sanzjoni amministrattiva.			
Indikatur 1.4.1: L-intrapriża hija aġġornata mal-pagamenti tal-multi u l-penali skont l-infrazzjonjiet innutati.	Verifikatur 1.4.1.1: Irċevuta ta' pagament tal-ammont tat-transazzjoni jew tal-multi u l-penali	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikoli 208 sa 233) Il-Liġi Nru 07.018 tat-28 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Ambjent (Artikoli 114 sa 143)	Kollha

Indikatur	Verifikaturi	Test leġiżlattiv jew regolamentari	Titoli konċernati
PRINĊIPJU 2: DRITTIJIET TA' AĊĊESS LEGALI GĦAR-RIŻORSI TAL-FORESTI FIŻ-ŻONA TAL-OPERAT			
Kriterju 2.1: L-intrapriża għandha t-titoli meħtieġa li jawtorizzawha li tuża r-riżorsi tal-foresti.			
Indikatur 2.1.1: L-istadji kollha (informazzjoni tal-popolazzjoni, sejħa għall-offerti, it-talba għat-titolu, il-kummissjoni tal-għotja inkluż l-osservatur indipendenti) li jwasslu għal għotja tat-titoli tal-operat tal-foresti ġew segwiti regolarment mill-intrapriża fir-rispett taż-żmien stipulat mil-liġijiet u r-regolamenti tar-RĊA, qabel u wara li ħarġet il-Liġi Nru 08.022 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti.	Verifikatur 2.1.1.1 Rapport tal-Kummissjoni tal-għotja tal-PEA fir-responsabbiltà tal-Ministeru responsabbli mill-foresti	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10. 08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikoli 31, 41 u 48)	PEA
	Verifikatur 2.1.1.2 Rapport tal-awditur indipendenti taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru responsabbli mill-foresti	Id-Digriet 09.118 tat-28.04.2009 (Artikolu 17(6))	
	Verifikatur 2.1.1.3: Digriet tal-għotja tal-PEA	Id-Digriet Nru 019 tal-05.07.2006 li jawtorizza r-regoli tal-istandards nazzjonali għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-iżvilupp (Ktieb 1)	
	Verifikatur 2.1.1.4: Ftehim proviżorju fit-tliet xhur wara li ġie ffirmat id-Digriet	Id-Digriet Nru 09.026 tat-28.07.2009 li jawtorizza nazzjonali għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-iżvilupp (Il-Ktieb 2)	
	Verifikatur 2.1.1.5: Ftehim definittiv fit-tliet snin wara li ġie ffirmat il-ftehim proviżorju	Id-Digriet Nru 09.118 (Artikoli 13 sa 17)	
Indikatur 2.1.2: L-intrapriża ħallset l-ispejjeż kollha marbuta ma' kull stadju tal-proċess tal-għotja.	Verifikatur 2.1.2.1: Dokumenti li jippruvaw il-ħlas tal-ispejjeż tal-fajl	Id-Digriet 09.118 tat-28.04.2009 (Artikoli 22 u 44)	PEA
	Verifikatur 2.1.2.2: Dokumenti li jippruvaw il-ħlas tal-għarfien minn qabel	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikoli 179 sa 189)	
	Verifikatur 2.1.2.3: Irċevuta tal-ħlas ta' tliet snin ta' kiri mhux aktar minn ħmistax-il ġurnata wara n-notifika tal-għotja (Għall-permessi maħruġa wara l-2003)		
Indikatur 2.1.3: Fil-każ ta' pjantaġġuni li jappartjenu għal individwu jew organizzazzjoni, l-individwu jew l-organizzazzjoni jkollhom titolu ta' propjetarju.	Verifikatur 2.1.3.1: Titolu tal-art f'isem l-individwu jew l-organizzazzjoni	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti tar-RĊA (Artikolu 131)	Pjantaġġuni privati
Kriterja 2.2: l-intrapriża għandha l-awtorizzazzjonijiet kollha regolatorji perjodiċi li jippermettulha teżerċita l-attivitajiet tagħha.			
Indikatur 2.2.1: L-intrapriża għandha awtorizzazzjoni annwali għall-qtugħ mogħtija b'mod regolari mid-dipartiment tal-foresti.	Verifikatur 2.2.1.1: Nota ta' approvazzjoni tal-pjan tal-pestjoni għall-PEA fil-ftehim definittiv.	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikoli 107, 109 u 110, Artikolu 114)	PEA
	Verifikatur 2.2.1.2: Nota ta' approvazzjoni tal-pjan annwali tal-operat għall-PEA fil-Ftehim definittiv	Id-Digriet 09.118 tat-28.04.2009 (Artikolu 17(4))	
	Verifikatur 2.2.1.3: Ftehim proviżorju għall-operat iffirmat mill-awtorità kompetenti		

Indikatur	Verifikaturi	Test leġiżlattiv jew regolamentari	Titoli konċernati
Indicateur 2.2.2.: Fil-każ tal-pjantaġġuni li jappartjenu lill-Istat, l-intrapriża għandha awtorizzazzjoni mill-ministeru responsabbli mill-foresti għall-operat ta' pjantaġġun	Veritikatur 2.2.2.1: Ftehim tal-Ministeru responsabbli mill-foresti	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikoli 62 u 64)	Pjantaġġuni
	Verifikatur 2.2.2.2: Awtorizzazzjoni tal-esplorazzjoni	Digriet Nru 09.021 tat-30 ta' April 2009 (Artikoli 72 sa 75)	
	Verifikatur 2.2.2.3: Rapport tal-esplorazzjoni	Referenza għall-Anness IX: l-ispeċifikazzjonijiet għad iridu jinħolqu	
	Verifikatur 2.2.2.4: Pjan sempliċi ta' ġestjoni għall-pjantaġġuni li l-erja tagħhom hija akbar minn jew ekwivalenti għal 50ha li jirrispetta l-ispeċifikazzjonijiet		
Indikatur 2.2.3: Fil-każ tal-pjantaġġuni li jappartjenu għal idiċidwu jew għal organizzazzjoni, l-operatur għandu awtorizzazzjonijiet tal-operat	Verifikatur 2.2.3.1: Awtorizzazzjoni ta' qtugħ mogħtija mill-Mnisteru lill-operatur (propjetarju jew operatur b'kuntratt)	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti tar-RĊA (Artikolu 131)	Pjantaġġuni privati
	Verifikatur 2.2.3.2: Pjan sempliċi ta' ġestjoni għall-pjantaġġuni li l-erja tagħhom hija ta' aktar minn jew ekwivalenti għal 5 ha li tirrispetta l-ispeċifikazzjonijiet	Referenza għall-Anness IX: l-ispeċifikazzjonijiet għad iridu jinħolqu	
	Verifikatur 2.2.3.3: Jekk ikun il-każ, il-kuntratt bejn l-individwu jew l-organizzazzjoni u l-intrapriża tal-operat.		
Kriterju 2.3: Wara li tingħata t-titolu tal-operat, l-intrapriża tipparteċipa fl-informazzjoni ta' din l-għotja lill-partijiet kollha involuti fil-ġestjoni tar-riżorsi tal-foresti fiż-żona konċernata.			
Indikatur 2.3.1: L-intrapriża tinforma lill-popolazzjonijiet lokali u indiġeni, l-awtoritajiet lokali u l-partijiet kollha interessati, dwar l-iffirmar tal-ftehim proviżorju u l-ftuħ tas-sit proviżorju tal-qtugħ.	Verifikatur 2.3.1.1: Rendikont tal-laqgħat ta' sensitiizzazzjoni mħejji mill-intrapriża u validati b'mod konġunt mill-partijiet differenti involuti.	Sentenza Nru 09.026 tat-28.07.2009 li jawtorizza l-istandards nazzjonali għat-tħejjija tal-iżvilupp (Volum 2)	PEA
PRINĊIPJU 3: RISPETT TAL-LEĠIŻLAZZJONI DWAR L-AMBJENT			
Kriterju 3.1: L-intrapriża wettqet l-istudji kollha tal-impatt fir-rispett tar-rekwiżiti legali.			
Indikatur 3.1.1: L-istudji tal-impatt fuq l-ambjent saru.	Verifikatur 3.1.1.1: Rapport approvat tal-istudji tal-impatt ambjentali għal kull sit ta' produzzjoni (PEA + post fejn jiġi sserrat l-injam (inkluż il-bażi))	Il-Liġi Nru 07.018 tat-28 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Ambjent (Artikolu 87 u Artikolu 93 (2))	PEA
	Verifikatur 3.1.1.2: Ċertifikat tal-konformità ambjentali mogħti mill-awtorità kompetenti	Referenza għall-Anness IX: it-testi applikabbli għad iridu jinħolqu.	
Kriterju 3.2: L-intrapriża timplimenta l-miżuri ta' tnaqqis tal-impatt fuq l-ambjent previsti fl-istudji.			
Indikatur 3.2.1: Il-miżuri li jinsabu fl-istudji tal-impatt approvati li għandhom l-għan li jipproteġu r-riżorsi tal-bijodiversità huma implimentati.	Verifikatur 3.2.1.1: Rapporti tal-kontrolli tad-dipartiment responsabbli mill-ambjent	Il-Liġi Nru 07.018 tat-28 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Ambjent (Artikolu 87)	PEA
		Referenza għall-Anness IX: it-testi applikabbli għad iridu jinħolqu.	

Indikatur	Verifikaturi	Test leġiżlattiv jew regolamentari	Titoli konċernati
Indikatur	Verifikaturi	Test leġiżlattiv jew regolamentari	Titoli konċernati
Kriterju 3.3: L-intrapriża tieħu miżuri bil-ħsieb li tipproteġi l-kwalità tal-ambjent fuq is-sit tagħha skont id-dispożizzjonijiet legali.			
Indikatur 3.3.1: L-iskart (L-iskart kif mifhum skont l-Artikolu 3 tal-Kodiċi tal-Ambjent tar-Repubblika Ċentru-Afrikana u d-Digrieti li japplikaw) li jirriżulta mill-attivitajiet tal-intrapriża jiġi pproċessat skont il-preskrizzjonijiet legali.	Verifikatur 3.3.1.1: Rapporti tal-kontrolli tad-dipartiment responsabbli mill-ambjent	Il-Liġi Nru 07.018 tat-28 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi Kodiċi tal-Ambjent (Artikoli 3, 19 u 20, Artikoli 43 sa 45) Referenza għall-Anness IX: it-testi applikabbli għad iridu jinħolqu.	PEA
Indikatur 3.3.2: Id-dispożizzjonijiet legali dwar it-tniġġis tal-ilmijiet u tal-arja huma rispettati.	Verifikatur 3.3.2.1: Rapport tal-verifika ambjentali tad-dipartiment responsabbli mill-ambjent	Il-Liġi Nru 07.018 tat-28 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Ambjent (Artikolu 15, Artikoli 102 u 106(2)) Referenza għall-Anness IX: it-testi applikabbli għad iridu jinħolqu.	PEA
PRINĊIPJU 4: ID-DRITTIJIET TAL-ĦADDIEMA, TAL-KOMUNITAJIET LOKALI U INDIĠENI			
Kriterju 4.1: L-intrapriża tipparteċipa fl-informazzjoni, it-taħriġ u l-iggwidar tal-ħaddiema tagħha dwar id-drittijiet professjonali tagħhom.			
Indikatur 4.1.1: Il-libertà tal-attività tat-trejdjunjins hija garantita fl-intrapriża.	Verifikatur 4.1.1.1: Nota ta' informazzjoni dwar il-garanzija tal-libertà tat-trejdjunjins stipulata mill-awtorità kompetenti u mehmuża Verifikatur 4.1.1.2: Rapport tal-laqgħat tat-trejdunjins mehmuża (jekk hemm impjegati membri ta' trejdjunjins)	Il-Liġi 09.004 tad-29.01.2009 li tistabbilixxi l-Kodiċi tax-Xogħol (Artikoli 12,17, 18, 30, 31, 33)	Kollha
Indikatur 4.1.2: Id-delegati tal-persuna eletti skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ għandhom il-kapaċitajiet meħtieġa biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom.	Verifikatur 4.1.2.1: Rapport tal-Assemblea Ġenerali elettiva tad-delegati tal-persunal stipulat mill-ispettur tax-xogħol responsabbli Verifkatur 4.1.2.2: L-awtorizzazzjonijiet għat-taħriġ stipulati mill-ispettur tax-xogħol responsabbli	Il-Liġi 09.004 tad-29.01.2009 li tistabbilixxi l-Kodiċi tax-Xogħol (Artikoli 58, 60, 67)	Kollha
Indikatur 4.1.3: L-impjegati tal-intrapriża huma informati dwar id-dokumenti relatati mad-drittijiet tax-xogħol.	Verifikatur 4.1.3.1: Noti tal-informazzjoni mehmuża Verifikatur 4.1.3.2: Rendikont tal-laqgħat bejn id-delegati tal-persunal u l-impjegati Verifikatur 4.1.3.3: Regolament intern mehmuż	Il-Liġi 09.004 tad-29.01.2009 li tistabbilixxi l-Kodiċi tax-Xogħol (Artikoli 63 u 129) Il-ftehim kollettiv tal-impriżi tal-foresti fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (Artikolu 10(4))	Kollha
Kriterju 4.2: L-intrapriża tirrispetta d-drittijiet tal-ħaddiema hekk kif definiti mir-regolamenti fis-seħħ.			
Indikatur 4.2.1: Ir-relazzjonijiet bejn l-intrapriża u l-impjegati tagħha huma formalizzati skont id-dispożizzjonijiet legali.	Verifikatur 4.2.1.1: Kopja tal-ftehim kollettiv miżmum mill-intrapriża tal-forestrija u mid-delegati tal-persunal Verifikatur 4.2.1.2: Reġistru ta' min iħaddem innumerat u inizjalat mill-ispettur tax-xogħol responsabbli	Il-Liġi 09.004 li tistabbilixxi l-Kodiċi tax-Xogħol (Artikoli 197 sa 201 u 331)	Kollha

Indikatur	Verifikaturi	Test leġiżlattiv jew regolamentari	Titoli konċernati
Indikatur 4.2.2: Il-ħaddiema tal-intrapriża jitħallsu skont ir-regolamenti fis-seħħ għas-settur tal-attivitajiet tagħhom u mingħajr diskriminazzjoni.	Verifikatur 4.2.2.1: Dokumenti tal-paga (payslips) u r-rendikont tas-salarji Verifikatur 4.2.2.2: Kuntratt tax-xogħol iffirmat mill-partijiet kollha	Il-Liġi 09.004 li tistabbilixxi l-Kodiċi tax-Xogħol (Artikoli 221 sa 230 u Artikoli 94 sa 99) Ftehim kollettiv tal-impriżi tal-foresti	Kollha
Indikatur 4.2.3: Il-kundizzjonijiet tal-iġjene u tas-sikurezza għall-ħaddiema huma konformi mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ.	Verifikatur 4.2.3.1: Rendikonti tal-laqgħat tal-Kumitat tal-iġjene u tas-sikurezza Verifikatur 4.2.3.2: Elenku tal-kapaċitajiet tat-tagħmir tal-iġjene u tas-sikurezza tal-persunal	Il-Liġi Nru 09.004 li tistabbilixxi l-Kodiċi tax-Xogħol (Artikoli 82 sa 87) Sentenza 005/MFPESSFP/CAB/DGTEFP tal-11 ta' Lulju 2004 twaqqif u funzjonament tal-kumitati tal-iġjene u tas-sikurezza fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (Artikoli 1 sa 3; Artikoli 9 sa 17) Ftehimiet kollettivi tal-impriżi tal-foresti Uffiċċju internazzjonali tax-xogħol, Kovenzjoni C155 dwar is-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema, 1981 (Artikolu 12 inċiżi a u b, Art 16) ratifikat mir-Repubblika Ċentru-Afrikana fil-05.06.2006	Kollha
Indikatur 4.2.4: Il-ħinijiet tax-xogħol applikati mill-intrapriża huma konformi mad-dispożizzjonijiet legali.	Verifikatur 4.2.4.1: Sistema ta' ppanċjar tal-ħaddiema Verifikatur 4.2.4.2: Punch cards tal-ħaddiema Verifikatur 4.2.4.3: Noti tas-servizz tal-intrapriża mehmuża Verifikatur 4.2.4.4: Dokument tal-paga (Payslip)	Il-Liġi Nru 09.004 li tistabbilixxi l-Kodiċi tax-Xogħol (Artikoli 247 sa 251)	Kollha
Indikatur 4.2.5: Ir-rekklutaġġ tal-ħaddiema jirrispetta l-kundizzjonijiet tal-età stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-organizzazzjoni internazzjonali tax-xogħol (OIT).	Verifikatur 4.2.5.1: Kuntratti tax-xogħol iffirmati mill-partijiet kollha	Il-Liġi Nru 09.004 li tistabbilixxi l-Kodiċi tax-Xogħol (Artikoli 247 sa 249, Artikolu 97) Ftehimiet kollettivi tal-impriżi tal-foresti	Kollha
Kriterju 4.3: L-intrapriża tirrispetta d-drittijiet tal-popolazzjonijiet lokali u indiġeni.			
Indikatur 4.3.1: Id-drittijiet regolari tal-aċċess u tal-użu tal-popolazzjonijiet lokali u indiġeni fil-konċessjonijiet tal-foresti huma rikonoxxuti u rrispettati mill-intrapriża.	Verifikatur 4.3.1.1: Pjan ta' żvilupp approvat mill-awtorità kompetenti (b'mod partikolari r-rapport soċjoekonomiku) Verifikatur 4.3.1.2: ftehim proviżorju ffirmat mill-awtorità kompetenti (PEA fi ftehim proviżorju) Verifikatur 4.3.1.3: Rapport tad-dipartiment tal-foresti stipulat mill-partijiet	Sentenza Nru 0.19 tal-05.07.2006 li tapprova l-istandards nazzjonali għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-iżvilupp (Volum 1) Sentenza Nru 09.026 tat-28.07.2009 li tapprova l-istandards nazzjonali għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-iżvilupp (Volum 2) Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikoli 14 sa 22, Artikolu 107) Id-Digriet 09.118 tat-28.04.2009 (Artikoli 17 (4 u 5))	PEA

Indikatur	Verifikaturi	Test leġiżlattiv jew regolamentari	Titoli konċernati
Indikatur 4.3.2: F'każ li jinqerdu oġġetti li jappartjenu lill-popolazzjonijiet lokali u indiġini mill-intrapriża, il-kumpens ikun konformi mar-regoli fis-seħħ	Verifikatur 4.3.2.1: Rapport moqri u approvat mill-partijiet Verifikatur 4.3.2.2: Provi ta' kumpens	Sentenza 005/ Ministeru għall-iżvilupp rurali tad-09.07.73	PEA
PRINĊIPJU 5: LEĠIŻLAZZJONI DWAR L-OPERAT TAL-FORESTI			
Kriterju 5.1: L-intrapriżaippartečipat fl-informazzjoni tal-partijiet kollha li jippartečipaw fil-ġestjoni tar-riżorsi tal-foresti WARA l-għotja tat-titolu tagħha tal-opreat fiż-żona konċernata.			
Indikatur 5.1.1: Il-popolazzjonijiet lokali, l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), l-istrutturi deċentralizzati tal-Istat u l-imsieħba l-oħra għall-iżvilupp, involuti mill-ġestjoni tar-riżorsi tal-foresti fiż-żonain kwistjoni, huma infurmati dwar l-għotja tal-PEA.	Verifikatur 5.1.1.1: Minuti tal-laqgħat ta' sensitizzazzjoni ppreparati mill-intrapriża u validati b'mod konġunt mill-partijiet involuti	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 14) Sentenza Nru 09.026 tat-28.07.2009 li tapprova l-istandards nazzjonali għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-iżvilupp (Volum 2).	PEA
Kriterju 5.2: il-ftehim proviżorju huwa rrispettat.			
Indikatur 5.2.1: L-intrapriża tirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-ftehim proviżorju matul il-perjodu tal-validità (tliet snin).	Verifikatur 5.2.1.1: Rapport ta' kontroll mid-dipartiment	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikoli 102 u 107) Ftehim proviżorju tal-iżvilupp Sentenza Nru 0.19 tal-05.07.2006 li tapprova l-istandards nazzjonali għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-iżvilupp (Volum 1)	PEA
Kriterju 5.3: Il-pjan tal-iżvilupp huwa maħsub u applikat skont l-istandards regolamentarji.			
Indikatur 5.3.1: L-istudji li saru qabel l-iżvilupp twettqu skont l-istandards preskritti mid-dipartiment tal-foresti.	Verifikatur 5.3.1.1: Rapport (i) tal-inventarji tal-iżvilupp Verifikatur 5.3.1.2: Rapport tal-istudju soċjoekonomiku	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikoli 102 sa 105 u Art 107) Ftehim proviżorju tal-–iżvilupp - operat	PEA
Indikatur 5.3.2: Il-pjan tal-iżvilupp twettaq skont l-istandards preskritti mid-dipartiment tal-foresti.	Verifikatur 5.3.2.1: Ftehim definittiv tal-iżvilupp u tal-operat	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 103) Sentenza Nru 0.19 tal-05.07.2006 li tapprova l-istandards nazzjonali għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-iżvilupp (Volum 1) Sentenza Nru 09.026 tat-28.07.2009 li tapprova l-istandards nazzjonali għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-iżvilupp (Volum 2)	PEA
Indikatur 5.3.3: Il-pjan ta' ġestjoni huwa konformi mal-istandards.	Verifikatur 5.3.3.1: Ittra ta' approvazzjoni uffiċjali tal-pjan ta' ġestjoni	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikoli 94, 103 u 114)	PEA

Indikatur	Verifikaturi	Test leġiżlattiv jew regolamentari	Titoli konċernati
		Sentenza Nru 0.19 tal-05.07.2006 li tapprova l-istandards nazzjonali għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-iżvilupp (Volum 1) Sentenza Nru 09.026 tat-28.07.2009 li tapprova l-istandards nazzjonali għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-iżvilupp (Volum 2).	
Indikatur 5.3.4: Il-pjan annwali tal-operat, inkluż il-mapep, huwa konformi mal-istandards.	Verifikatur 5.3.4.1: Ittra għad-depożitu tal-pjan annwali tal-operat (PAO) lill-uffiċċju tal-ministru responsabbli mill-foresti Verifikatur 5.3.4.2: Ittra ta' approvazzjoni uffiċjali tal-PAO	Sentenza Nru 0.19 tal-05.07.2006 li tapprova l-istandards nazzjonali għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-iżvilupp (Volum 1) Sentenza Nru 09.026 tat-28.07.2009 li tapprova l-istandards nazzjonali għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-iżvilupp (Volum 2) Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikoli 94, 103 u 114)	PEA
Indikatur 5.3.5: Il-pjantaġġun jew il-perimetru ta' riforestazzjoni b'erja ta' aktar minn jew ekwivalenti għal 50ha tiddisponi minn pjan sempliċi ta' ġestjoni skont ir-regolamenti fis-seħħ.	Verifikatur 5.3.5.1: Pjan sempliċi ta' ġestjoni għall-pjantaġġuni li l-erja tagħhom hija akbar minn jew ekwivalenti għal 50ha li tirrispetta l-ispeċifikazzjoniijet Verifikatur 5.3.5.2: Ittra ta' approvazzjoni tal-pjan sempliċi tal-ġestjoni	Artikolu 64 tal-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti tar-RĊA Artikoli 72 sa 75 tas-Sentenza Nru 09.021 tat-30 ta' April 2009 Referenza għall-Anness IX: l-ispeċifikazzjoniijet għad iridu jinħoloqu	Pjantaġġjuni
Kriterju 5.4: L-intrapriża speċifikat b'mod ċar il-limiti tas-subdiviżjonijiet differenti tal-foresta u tirrispettahom.			
Indikatur 5.4.1: Il-limiti tas-sit annwali tal-qtugħ (AAC) jew tas-siti proviżorji previsti fuq il-mapep saru realtà u huma rispettati skont ir-regolamenti.	Verifikatur 5.4.1.1: Rapporti tal-missjonijiet tal-kontroll tad-dipartiment tal-foresti	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 105) Sentenza Nru 09.026 tat-28.07.2009 li tapprova l-istandards nazzjonali għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-iżvilupp (Volum 2)	PEA
Kriterju 5.5: L-intrapriża tibni toroq sekondarji tal-aċċess fir-rispett tad-dispożizzjonijiet regolamentarji fis-seħħ.			
Indikatur 5.5.1: In-netwerk ta' aċċess huwa ppjanat u mwettaq skont ir-regolamenti fis-seħħ.	Verifikatur 5.5.1.1: Pjan annwali ta' operazzjoni approvat mid-dipartiment tal-foresti Verifikatur 5.5.1.2: Pjan ta' netwerk ta' aċċess għas-sit proviżorju Verifikatur 5.5.1.3: Awtorizzazzjoni amministrattiva tal-ftuħ tal-mezzi tal-aċċess (jekk ikun meħtieġ mezz ta' aċċess barra mill-AAC) Verifikatur 5.5.1.4: Rapporti tal-missjonijiet tal-kontroll tad-dipartiment tal-foresti Verifikatur 5.5.1.5: Awtorizzazzjoni tal-ftuħ tal-toroq għal AAC	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikoli 94, 103 u 114) Ftehim proviżorju tal-operat Ftehim definittiv	PEA

Indikatur	Verifikaturi	Test leġiżlattiv jew regolamentari	Titoli konċernati
Kriterju 5.6: L-intrapriża tagħżel is-siġar li se jitwaqqgħu skont ir-regoli previsti fil-Kodiċi tal-Foresti, il-Pjan tal-Iżvilupp jew id-dejta tal-Pjan Annwali tal-Operat (PAO)			
Indikatur 5.6.1: Id-dijametri minimi tal-iżvilupp (DMA) għall-ftehimiet definittivi jew id-dijametri minimi amministrattivi tal-kapaċità tal-iżvilupp (DME) għall-ftehimiet proviżorji huma rrispettati matul l-attivitajiet tat-twaqqigħ.	Verifikatur 5.6.1.1: Reġistri tas-sit tax-xogħol	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 105)	PEA
	Verifikatur 5.6.1.2: Rapporti tal-missjonijiet ta' kontroll	Ftehim definittiv tal-operat	
		Ftehim proviżorju tal-operat	
Indikatur 5.6.2: L-ispeċijiet użati huma awtorizzati fil-pjan tal-iżvilupp, il-PAO, id-digriet applikabbli tal-Kodiċi tal-Foresti jew il-Kodiċi tal-Foresti.	Verifikatur 5.6.2.1: Pjan tal-iżvilupp	Sentenza 09.021 tat-30.04.09 (Artikolu 53)	PEA
	Verifikatur 5.6.2.2: Ir-reġistri tas-sit tax-xogħol	Ftehim definittiv	
	Verifikatur 5.6.2.3: "Movimenti tal-injam"	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikoli 186 u 190)	
	Verifikatur 5.6.2.4: awtorizzazzjoni speċjali għall-ispeċijiet mhux awtorizzati		
Kriterju 5.7: L-intrapriża tirrispetta d-dispożizzjonijiet kollha tal-Kodiċi tal-Foresti dwar ir-rimi ta' skart tal-operat tal-foresti.			
Indikatur 5.7.1: Meta l-injam li jitwaqqa' jitħalla fil-foresta dan isir fir-rispett tar-regolamenti fis-seħħ.	Verifikatur 5.7.1.1: Reġistri tas-sit tax-xogħol	Ftehim definittiv tal-operat	PEA
	Verifikatur 5.7.1.2: Rapport dwar ir-rimi tal-injam mid-dipartiment tal-foresti	Ftehim proviżorju tal-operat	
	Verifikatur 5.7.1.3: Rapporti ta' kontroll tad-dipartiment tal-foresti	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikoli 201, 202 u 204)	
PRINĊIPJU 6: IPPROĊESSAR TAL-PRODOTTI TAL-FORESTA			
Kriterju 6.1: L-intrapriża twaqqaf tal-anqas unità waħda ta' pproċessar skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Foresti.			
Indikatur 6.1.1: L-intrapriża tiddisponi tal-anqas minn unità waħda ta' pproċessar skont id-dispożizzjonijiet regolmentarji, tliet snin wara li jingħata l-PEA.	Verifikatur 6.1.1.1: liċenzja għal unità ta' pproċessar	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 39)	PEA
		Ftehim proviżorju tal-operat u l-iżvilupp	
Indikatur 6.1.2: L-intrapriża tiddisponi minn provi tar-rispett tal-kwota minima annwali ta' pproċessar (70 %) stabbilita mill-Istat.	Verifikatur 6.1.2.1: "Movimenti tal-injam" jew direttorju tal-istatistika	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 44)	

Indikatur	Verifikaturi	Test leġiżlattiv jew regolamentari	Titoli konċernati
Kriterju 6.2: L-intraġriża tassigura nuħha mil-legalità tal-injam jew tal-prodotti derivati mixtrija, anke impurtati.			
Indikatur 6.2. 1: Iz-zkuk u l-prodotti tal-injam impurtati għall-ipproċessar huma rreġistrati skont id-dispożizzjonijiet regolamentarji.	Verifikatur 6.2.1.1: dikjarazzjoni ta' importazzjoni kummerċjali Verifikatur 6.2.1.2 "Movimenti tal-injam:"	Referenza li għad trid tinħoloq: referenza għall-Anness IX	PEA
Indikatur 6.2.2: Iz-zkuk u l-prodotti tal-injam mixtrija, anke impurtati, għall-ipproċessar huma ta' oriġini magħrufa u legali.	Verifikatur 6.2.2.1: Awtorizzazzjoni FLEGT tal-pajjiż tal-oriġini flimkien mal-prodotti impurtati Verifikatur 6.2.2.2: Ċertifikat ta' ġestjoni sostenibbli jew ċertifikat ta' oriġini legali	Referenza li għad trid tinżoloq: referenza għall-anness IX	PEA
PRINĊIPJU 7: FISKALITÀ ĠENERALI U TAL-FORESTA			
Kriterju 7.1: L-intrapriża twettaq id-dikjarazzjonijiet fiskali tal-foresta li jkunu kumpatibbli mal-attività reali.			
Indikatur 7.1.1: Id-dikjarazzjoni dwar il-produzzjoni tal-injam issir fir-rispett tad-dispożizzjonijiet regolamentarji tal-Kodiċi tal-Foresti.	Verifikatur 7.1.1.1: "Movimenti tal-injam"	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 190)	Kollha
Indikatur 7.1.2: Id-dikjarazzjoni dwar l-ipproċessar tal-injam hija konformi mal-"Movimenti tal-injam".	Verifikatur 7.1.2.1: "Movimenti tal-injam"	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 190)	Kollha
Indikatur 7.1.3: Id-dikjarazzjonijiet dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-injam u l-esportazzjoni tal-prodotti jsiru fir-rispett tad-dispożizzjonijiet regolamentarji.	Verifikatur 7.1.3.1: "Movimenti tal-injam" Verifikatur 7.1.3.2: Dikjarazzjonijiet tad-dwana Verifikatur 7.1.3.3: Dikjarazzjoni tal-esportazzjoni kummerċjali (DEC)	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 190) Il-Liġi tal-finanzi ta' kull sena baġitarja Id-Digriet 86.328 tal-20 ta' Novembru 1986 (Artikolu 2)	Kollha
Indikatur 7.1.4: Id-dikjarazzjonijiet fiskali-doganali isiru fir-rispett tad-dispożizzjonijiet regolamentarji.	Verifikatur 7.1.4.1: Irċevuta tal-ħlas tal-liċenzja Verifikatur 7.1.4.2: Irċevuta tal-ħlas tal-IMF (taxxa minima b'rata fissa) Verifikatur 7.1.4.3: Irċevuta tal-ħlas tal-IS/IR (Taxxa fuq il-kumpaniji / taxxa fuq id-dħul) Verifikatur 7.1.4.4: Irċevuta tal-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)	Il-Liġi tal-finanzi ta' kull sena baġitarja Il-Kodiċi ġenerali tat-taxxi (Artikoli 120, 125, 140, 204, 247, 248 u 257)	Kollha

Indikatur	Verifikaturi	Test leġiżlattiv jew regolamentari	Titoli konċernati
Kriterju 7.2: L-intrapriża tħallas it-taxxi kollha li hija soġġetta għalihom fiż-żmien stipulati.			
Indikatur 7.2.1. It-taxxi kollha u l-onorarji tal-forestrija huma rregolati fiż-żmien preskritt.	Verifikatur 7.2.1.1: Irċevuti tal-ħlas tat-taxxa fuq il-kiri	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikoli 179 sa 193)	PEA
	Verifikatur 7.2.1.2: Irċevuti tal-ħlas tat-taxxa għat-twaqqigħ	Il-Liġi tal-finanzi ta' kull sena baġitarja	Kollha
	Verifikatur 7.2.1.3: Irċevuti tal-ħlas tat-taxxa tar-riforestazzjoni		Kollha
	Verifikatur 7.2.1.4: Notifika li tistabbilixxi l-miżuri eċċezzjonali relatati mar-regolament tat-taxxi u l-onorarji tal-intrapriża		Kollha
Indikatur 7.2.2: Id-drittijiet u t-taxxi kollha marbuta mal-esportazzjoni tal-injam jitħallsu fil-ħin.	Verifikatur 7.2.2.1: Irċevuta tal-ħlas tal-DS (Dazji fuq il-ħruġ)	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 198)	Kollha
	Verifikatur 7.2.2.2: Irċevuta tal-ħlas tal-IMF (Taxxa minima b'rata fissa)	Il-Liġi tal-finanzi ta' kull sena baġitarja	
	Verifikatur 7.2.2.3: Irċevuta tal-ħlas tar-REIF (Ħlas għat-tagħmir tal-għodod informatiċi tal-finanzi)	L-Att Nru 1/92-UDEAC-CD-SE1 L-Artikoli 12 u 22 tal-kodiċi doganali tal-CEMAC L-Att Nru 1/93-UDEAC-573-CD-SE1 L-Att Nru 7/93-UDEAC-556-CD-SE1 L-Att Nru 16/96-UDEAC-556-CD-57 L-Att Nru 5/89-UDEAC-491	
Indikatur 7.2.3: Id-drittijiet u t-taxxi kollha marbuta mal-importazzjoni tat-tagħmir użat mill-intrapriża huma rregolati.	Verifikatur 7.2.3.1: Irċevuti tal-ħlas tad-DD (Dazju tad-dwana mal-importazzjoni)	Il-Liġi tal-finanzi ta' kull sena baġitarja	Kollha
	Verifikatur 7.2.3.2: Irċevuta tal-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)	L-Att Nru 1/92-UDEAC-CD-SE1	
	Verifikatur 7.2.3.3: Irċevuti tal-ħlas tal-TCI (Taxxa komunitarja tal-integrazzjoni)	L-Artikoli 12 u 22 tal-Kodiċi tad-Dwana tal-CEMAC	
	Verifikatur 7.2.3.4: Irċevuti tal-ħlas tas-CCI (Kontribuzzjoni komunitarja tal-integrazzjoni)	L-Att Nru 1/93-UDEAC-573-CD-SE1	
	Verifikatur 7.2.3.5: Irċevuta tal-ħlas tar-REIF (Ħlas għat-tagħmir tal-għodod informatiċi tal-finanzi)	L-Att Nru 7/93-UDEAC-556-CD-SE1	
	Verifikatur 7.2.3.6: Irċevuti tal-ħlas tal-OHADA (Onorarji f'isem l-OHADA)	L-Att Nru 16/96-UDEAC-556-CD-57	
	Verifikatur 7.2.3.7: Irċevuti tal-ħlas tas-CMF (Ħlas f'isem il-COMIFAC)	L-Att Nru5/89-UDEAC-491	

Indikatur	Verifikaturi	Test leġiżlattiv jew regolamentari	Titoli konċernati
Indikatur 7.2.4 L-intrapriża bagħtet f'pajjiżha l-assi "free on truck" (FOT) tal-prodotti ddikjarati għall-esportazjoni barra mis-CEMAC lil bank lokali fit-tletin jum wara l-iskadenza stipulata fil-kuntratt.	Verifikatur 7.2.4.1: Verifika bankarja tar-residenza Verifikatur 7.2.4.2: Dokument ta' trasferiment tal-fondi	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 200)	kollha
PRINĊIPJU 8: IT-TRASPORT U T-TRAĊĊABBILTÀ TAL-PRODOTTI TAL-FORESTI TAL-INJAM HUMA KONFORMI MAR-REGOLAMENTII			
Kriterju 8.1: L-intrapriża tista' tuża l-mezzi tat-traport tagħha stess.			
Indikatur 8.1.1: It-trakkijiet u inġenji oħra għat-trasport tal-prodotti tal-foresti huma rreġistrati b'mod korrett.	Verifikatur 8.1.1.1: Karta griża Verifikatur 8.1.1.2: Dokument tekniku Verifikatur 8.1.1.3: Assigurazzjoni Verifikatur 8.1.1.4: Liċenzja tat-trasport Verifikatur 8.1.1.5: Awtorizzazzjoni tat-trasportatur	— Id-Digriet Nru 88.151 tal-25.04.1988 (Artikolu R138, R138, inċiż 1, u R 134 inċiż 4) — Il-Kodiċi tal-assigurazzjoni tas-CIMA (Artikolu 200) — Il-Kodiċi ġenerali tat-taxxa (edizzjoni 2009) (Artikolu 204) Fil-każ tat-trasport tal-prodotti tal-foresti għall-esportazzjoni, teżisti referenza supplimentari: id-Digriet Nru 90.043 ta' Mejju 1990 li jorganizza t-trasport fit-triq fir-RĊA	Kollha
Indikatur 8. 1.2: Id-dokumenti tat-trasport tal-injam u l-prodotti derivati tiegħu għall-esportazzjoni huma konformi mar-regolamenti fis-seħħ.	Verifikatur 8.1.2.1: Mappa tar-rotta jew polza tat-tagħbija Verifikatur 8.1.2.2: Permess tal-ispedizzjoni flimkien ma': speċifikazzjonijiet, D15, dikjarazzjoni tal-esportazzjoni kummerċjali, fattura, ċertifikat tal-oriġini	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 93) Il-Kodiċi tad-dwana tas-CEMAC (Artikoli 133 u 134)	Kollha
Indikatur 8.1.3: L-intrapriża timplimenta l-miżuri għall-applikazzjoni tal-projbizzjoni tat-trasport tal-persuni.	Verifikatur 8.1.3.1: Regolament intern tal-intrapriża Verifikatur 8.1.3.2: Memorandum	Id-Digriet Nru 90.043 ta' Mejju 1990 li jorganizza l-mezzi tat-trasporti fit-toroq fir-RĊA	Kollha
Kriterji 8.2: L-intrapriża timmarka s-siġar imwaqqgħin għall-monitoraġġ u t-traċċabbiltà tagħhom skont il-metodi approvati mir-regolamenti tal-foresti.			
Indikatur 8.2.1: Iiz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra u l-biċċiet tal-injam tas-siġar imwaqqgħin jiġu mmarkati skont ir-rekwiżiti regolamentarji.	Verifikatur 8.2.1.1: Rapport tal-missjonijiet ta' kontroll tad-dipartiment tal-foresti	— Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 93 u 96)	Kollha
Indikatur 8. 2.2: Fil-livell tal-foresti z-zkuk tal-injam jiġu mmarkati skont ir-regoli fis-seħħ.	Verifikatur 8.2.2.1: Rapport tal-missjonijiet ta' kontroll tad-dipartiment tal-foresti	Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Forestrija (Artikolu 93 u 96) Id-Digriet interministerjali Nru 82 tat-13.02.2004	Kollha

Indikatur	Verifikaturi	Test leġiżlattiv jew regolamentari	Titoli konċernati
Indikatur 8. 2.3: Id-dokumenti tat-trasport taz-zkuk jimtlew qabel ma jinħarġu mis-sit tax-xogħol.	Verifikatur 8.2.3.1: Mappa tar-rotta (imsejħa wkoll nota tal-kunsinna jew nota tat-tneħħija)	Referenza għall-Anness IX: referenza li għad trid tinħoloq għas-Sistema Nazzjonali ta' Traċċabbiltà	Kollha
Indikatur 8. 2.4: Id-dokumenti tat-trasport taz-zkuk u pakketti jimtlew qabel ma jinħarġu z-zkuk mis-sit u mill-fabbrika.	Verifikatur 8.2.4.1: Mappa tar-rotta imsejħa wkoll nota tal-kunsinna jew nota tat-tneħħija)	Id-Digriet interministerjali Nru 82 tat-13.02.2004	Kollha
PRINĊIPJU 9: RISPETT TAL-KLAWŻOLI KUNTRATTWALI			
Kriterju 9.1: L-intrapriża tirrispetta l-impenji formali meħuda fil-pjan tal-ġestjoni (PG), il-pjan annwali tal-operat (PAO) u/jew il-ftehim proviżorju għal kontribut aqwa għall-iżvilupp lokali.			
Indikatur 9.1.1: Il-partijiet tal-kwoti allokati fil-baġit tal-muniċipalitajiet jitħallsu regolarment mill-intrapriża.	Verifikatur 9.1.1.1: Irċevuta tal-ħlas tad-dokumenti tal-kunsinna Verifikatur 9.1.1.2: Awtorizzazzjoni amministrattiva bi skali tal-ħlas ta' taxxi	Il-Liġi Nru 08.022 du 17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikoli 177 sa 192)	PEA
Indikatur 9.1.2: L-azzjonijiet soċjali pprogrammati mill-intrapriża li jidhru fil-PAO u l-PG jew fil-ftehimiet proviżorji jitwettqu.	Verifikatur 9.1.2.1: PAO validat mid-dipartiment tal-foresti (kull PAO jinkludi deskrizzjoni tal-attivitajiet soċjali mwettqa fis-sena preċedenti) Verifikatur 9.1.2.2: Ftehim proviżorju ffirmat mill-intrapriża u l-ministeru responsabbli mill-foresti	Referenza li għad trid tinħoloq: sentenza li tivvalida l-istandards tal-ġestjoni tal-foresti qed titħejja, referenza għall-Anness IX Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 50 u 51)	PEA
Kriterju 9.2: L-intrapriża tirrispetta l-impenji addizzjonali mogħtija lid-dipartiment tal-foresti rigward il-konservazzjoni tal-bijodiversità fil-liċenzja tagħha.			
Indikatur 9.2.1: L-impenji mogħtija mill-intrapriża fil-PG, l-ispeċifikazzjonijiet, il-PAO jew il-ftehim proviżorju għall-kontribuzzjoni fil-ġlieda kontra l-kaċċa u s-sajd illegali u l-l-iżvilupp illegali tal-foresti fit-territorju tal-attivitajiet tagħha huma rispettati.	Verifikatur 9.2.1.1: Rapporti ta' kontroll tas-sit mid-dipartiment tal-foresti Verifikatur 9.2.1.2: Rapporti tal-intrapriża tal-kampanji ta' informazzjoni, ta' edukazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni Verifikatur 9.2.1.3: PAO Validat mid-dipartiment tal-foresti Verifikatur 9.2.1.4: Regolament intern	Referenza li għad trid tinħoloq: sentenza li tivvalida l-istandards tal-ġestjoni tal-foresti qed titħejja, referenza għall-Anness IX Il-Liġi Nru 08.022 tas-17.10.08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti (Artikolu 90) Il-odiċi tal-protezzjoni tal-fawna Id-Digriet Nru 84.045 tas-27 ta' Lulju 1984 (Artikoli 34, 111 u 112)	PEA

Indikatur	Verifikaturi	Test leġiżlattiv jew regolamentari	Titoli konċernati
PRINĊIPJU 10: RELAZZJONIJIET MAS-SOTTOKUNTRATTURI F'ATTIVITAJIET MINBARRA L-PRODUZZJONI TAL-INJAM			
Kriterju 10.1: L-intrapriża (u, fil-każ tal-pjantaġġuni privati, l-individwu jew l-organizzazzjoni) tassigura ruħha li s-sottokuntratturi tagħha qed joperaw b'mod legali.			
Indikatur 10.1.1: L-intrapriża (u, fil-każ tal-pjantaġġuni privati, l-individwu jew l-organizzazzjoni) tiżgura ruħha li s-sottokuntratturi tagħha u l-fornituri kollha għandhom aworizzazzjoni biex iwettqu l-attivitajiet tagħhom.	Verifikatur 10.1.1.1: Approvazzjoni tal-professjoni valida Verifikatur 10.1.1.2: Kuntratti rreġistrati ma' sottokuntratturi	Kodiċi tar-reġistrazzjoni tat-timbri u tal-kurazija (Artikolu 2 u 13)	Kollha
Kriterju 10.2: L-intrapriża tħallas l-obbligi tagħha mal-kuntratturi tagħha.			
Indikatur 10.2.1: L-intrapriża (u, fil-każ tal-pjantaġġuni privati, l-individwu jew l-organizzazzjoni) tħallas għas-servizz previst fil-kuntratt.	Verifikatur 10.2.1.1: Fatturi Verifikatur 10.2.1.2: dokument ta' trasferiment jew ċekk jew irċevuta li jivverifikaw il-ħlas li jikkorrispondi għall-fatturi	Il-Kodiċi Ċivili (Artikolu 1101 u ta' wara)	Kollha

Lista tal-liġijiet, tat-testi regolamentarji ewlenin, tal-ftehimiet reġjonali u internazzjonali kkunsidrati fil-liġi tal-foresti

It-testi li ġew stipulati fil-qafas ta' din l-iskala unika huma dawn li ġejjin:

— Id-Digrieti (83.083 tal-31.12.83; 84.045 tas-27.7.84);

— Il-Liġi Nru 08.022 tas-17/10/08 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Foresti tar-Repubblika Ċentru-Afrikana u t-testi differenti applikabbli tiegħu: digrieti, sentenzi, deċiżjonijiet u memoranda;

— Il-Liġi Nru 07.018 tat-28/12/07 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Ambjent;

— Il-Liġi Nru 09.004 li tistabbilixxi l-Kodiċi tax-Xogħol;

— Il-Liġi li tistabbilixxi l-Kodiċi Ċivili tar-RĊA;

— Il-Liġi li tistabbilixxi l-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxa (inkluż il-Liġi li tistabbilixxi l-Kodiċi tar-Reġistrazzjoni tat-Timbri u tal-Kurazija);

— Il-Liġi tal-Finanzi ta' kull sena baġitarja;

— Il-Liġi Nru 06.035 tat-28/12/2006 li tistabblixxi l-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali;

— Il-Liġi Nru 99.008 tad-19.05.1999;

— Il-Kodiċi tal-Assigurazzjonijiet tas-CIMA;

— Il-Kodiċi tad-Dwana tas-CEMAC, l-atti li jistabbilixxu l-Kodiċi tad-Dwana tas-CEMAC:

  — L-Att Nru 1/92-UDEAC-CD-SE1;

  — L-Att Nru 1/93-UDEAC-573-CD-SE1;

  — L-Att Nru 7/93-UDEAC-556-CD-SE1;

  — L-Att Nru 16/96-UDEAC-556-CD-57;

  — L-Att Nru 5/89-UDEAC-491.

— Il-konvenzjonijiet (ġabra tal-impriżi tal-foresti fir-RĊA, il-konvenzjoni tal-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol C155, 1981, dwar is-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema, definittiva għall-użu u l-iżvilupp, proviżorja għall-użu u l-iżvilupp);

— Il-Kodiċi għall-protezzjoni tal-fawna, id-Digriet Nru 84.045 tas-27 ta' Lulju 1984;

— Il-Kodiċi għar-Reġistrazzjoni tat-Timbri u tal-Kurazija;

— Il-Kodiċi Ċivili;

— Id-Digrieti:

  — Id-Digriet Nru 83.550 tal-31.12.83;

  — Id-Digriet Nru 09.116 tas-27.04.09;

  — Id-Digriet Nru 09.118 tat-28.04.09;

  — Id-Digriet Nru 00.068;

  — Id-Digriet Nru 88.151 tal-25.04.1988;

  — Id-Digriet Nru 90.043 ta' Mejju 1990 li jorganizza l-mezzi tat-trasport fit-triq;

— Id-Digriet 86.328 tal-20 ta' Novembru 1986.

— Id-Digrieti Ministerjali u interministerjali:

— Is-Sentenza Nru 004/MEFPCI/DFB/CAB/SGS/DGID;

— Id-digriet Nru 09.020 tat-30.04.09;

— Id-Digriet Nru 019 tal-05.07.06 li japprova l-istandards nazzjonali għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-iżvilupp (Volum 1);

— Id-Digriet Nru 09.021 tat-30.04.09;

— Is-Sentenza Nru 005/MFPSSSFP/CAB/DGTEFP tal-11.7.04;

— Id-Digriet Interministerjali Nru 82 tat-13.2.2004;

— Is-Sentenza 005/ il-Ministeru għall-Iżvilupp Rurali tad-9.7.73;

— Id-Digriet Nru 09.026 tat-28.07.2009 li jistabbilixxi l-approvazzjoni tal-istandards nazzjonali għall-elaborazzjoni tal-pjanijiet tal-ġestjoni (Volum 2);

— Id-Digriet Interministerjali Nru 82 tat-13.2.2004.

— Gwida tar-Reġistrazzjoni

ANNESS III

Kundizzjonijiet li jirregolaw ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni Ewropea ta' injam u ta' prodotti derivati esportati minn pajjiż imsieħeb u koperti minn awtorizzazzjoni FLEGT

QAFAS ĠENERALI

Ir-Regolament Nru 2173/2005(KE) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1024/2008 ([1]) tas-17 ta' Ottubru 2008 li jistabbilixxi miżuri ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 jirregolaw il-kundizzjonijiet tad-dħul fis-suq tal-Unjoni tal-injam u l-prodotti derivati koperti minn awtorizzazzjoni FLEGT li ġejjin mir-RĊA. Il-proċeduri stabbiliti f'dawn ir-Regolamenti jipprevedu adattament possibbli għall-kundizzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri, u b'mod partikolari l-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti inkarigati biex jaċċettaw l-awtorizzazzjonijiet FLEGT mad-dħul fis-suq tal-Unjoni jistgħu jkunu l-awtoritajiet doganali jew dipartiment ieħor. Għal din ir-raġuni, id-deskrizzjoni tal-proċess tipprevedi żewġ stadji fil-verifika: (1) il-kontroll dokumentarju tal-awtorizzazzjoni u (2) il-kontroll tal-konformità tar-realtà tal-kunsinna mal-awtorizzazzjoni korrispondenti.

Dan il-proċess implimentat fl-Unjoni għandu l-għan li jsaħħaħ il-kontrolli stabbiliti mir-RĊA u li jivverifika li l-awtorizzazzjonijiet FLEGT ippreżentati mad-dħul fl-Unjoni jkunu tassew dawk maħruġa kif dovut u rreġistrati mill-Awtorità Ċentru-Afrikana għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet, u li jkopru l-kunsinni kif previst mill-awtoritajiet tar-Repubblka Ċentru-Afrikana. L-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx is-setgħa li jiddubitaw is-sistema Ċentru-Afrikana ta' verifika tal-legalità u l-validità tal-għoti tal-awtorizzazzjonijiet, billi dawn il-kwistjonijiet eventwalment jiġu trattati mill-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim.

Artikolu 1

Ipproċessar tal-awtorizzazzjonijiet

1. L-awtorizzazzjoni FLEGT (minn hawn 'il quddiem imsejħa "awtorizzazzjoni") għandha tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih l-ispedizzjoni ([2]) li takkumpanja tkun soġġetta għal dikjarazzjoni ta' tpoġġija f'ċirkulazzjoni ħielsa ([3]).

2. Meta awtorizzazzjoni tiġi aċċettata, l-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet doganali dwarha, b'mod konformi mal-proċeduri nazzjonali fis-seħħ.

Artikolu 2

Kontroll dokumentarju tal-awtorizzazzjonijiet

1. L-awtorizzazzjonijiet stampati għandhom ikunu konformi mal-mudell ta' awtorizzazzjoni deskritt fl-Anness IV.

2. Awtorizzazzjoni kkomunikata f'data wara d-data ta' skadenza tagħha ma titqiesx valida.

3. L-awtorizzazzjoni m'għandhiex tinkludi tħassir jew kliem miktub fuq xulxin ħlief jekk dawn tal-aħħar ġew validati mill-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet.

4. M'għandha tiġi aċċettata ebda estensjoni tal-validità ta' awtorizzazzjoni, ħlief jekk din l-estensjoni tkun ivvalidata mill-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet.

5. Ebda kopja tal-awtorizzazzjoni jew dokument ta' sostituzzjoni ma jistgħu jiġu aċċettati, sakemm ma jkunux inħarġu u ġew approvati mill-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet.

Artikolu 3

Talba għal informazzjoni supplimentari

1. F'każ ta' dubju dwar il-validità ta' awtorizzazzjoni, ta' kopja jew ta' dokument ta' sostituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu informazzjoni supplimentari mill-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet.

2. Kopja tal-awtorizzazzjoni, tal-kopja jew tad-dokument ta' sostituzzjoni in kwistjoni jista' jiġi mehmuż mat-talba.

Artikolu 4

Verifika fiżika

1. Il-verifika tal-konformità tar-realtà tal-ispedizzjoni mal-awtorizzazzjoni korrispondenti għandha titwettaq jekk ikun il-każ mill-awtoritajiet kompetenti.

([1]) ĠU L 277, 18.10.2008, p. 23.

([2]) B'kunsinna wieħed jifhem kwantità magħrufa ta' injam u prodotti derivati stipulati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 2173/2005 flimkien ma' awtorizzazzjoni FLEGT, mibgħuta mat-tluq minn pajjiż imsieħeb minn speditur jew trasportatur u ppreżentata f'uffiċċju tad-dwana biex titpoġġa f'ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni.

([3]) Iċ-ċirkolazzjoni libera hija skema doganali tal-Unjoni. It-tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera tinvolvi: (1) l-irċevuta tad-dazji fuq l-importazzjoni dovuti; (2) l-irċevuta, jekk ikun il-każ, ta' ħlasijiet oħra, skont id-dispożizzjonijiet pertinenti fis-seħħ fil-qasam tal-irċevuta ta' tali ħlasijiet; (3) l-applikazzjoni tal-miżuri tal-politika kummerċjali, kif ukoll tal-miżuri ta' projbizzjoni jew ta' restrizzjoni, sakemm dawn ma jkunux ġew applikati fi stadju preċedenti (jekk jiġri dan, huwa permezz ta' dawn il-miżuri li tiġi verifikata l-preżenza ta' awtorizzazzjoni FLEGT); (4) it-twettiq tal-formalitajiet l-oħra stipulati għall-importazzjoni tal-merkanzija. It-tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera tagħti l-istat doganali ta' merkanzija tal-Unjoni lil merkanzija li mhix tal-Unjoni.

2. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jaħsbu li jkun meħtieġ li jipproċedu għal xi verifiki addizzjonali tal-ispedizzjoni, jistgħu jsiru kontrolli sabiex jiġi determinat jekk l-ispedizzjoni in kwistjoni hijiex konformi mal-informazzjoni pprovduta fl-awtorizzazzjoni u fl-arkivji relatati mal-awtorizzazzjoni kkonċernata li jkunu miżmuma mill-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet.

3. Jekk il-volum jew il-piż tal-prodotti tal-injam li jinsabu fl-ispedizzjoni ppreżentata sabiex titpoġġa f'ċirkulazzjoni ħielsa ma jvarjawx b'aktar minn 10 % meta mqabbla mal-volum jew il-piż indikati fl-awtorizzazzjoni korrispondenti, l-ispedizzjoni għandha titqies konformi mal-informazzjoni pprovduta fl-awtorizzazzjoni fir-rigward tal-volum jew il-piż.

4. L-ispejjeż relatati mal-verifiki għandhom jitħallsu mill-importatur, ħlief jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati tistabbilixxi mod ieħor.

Artikolu 5

Verifika minn qabel

Awtorizzazzjoni kkomunikata qabel il-wasla tal-ispedizzjoni li takkumpanja tista' tiġi aċċettata jekk din tissodisfa r-rekwiżiti kollha msemmija fl-Anness IV ta' dan il-Ftehim u jekk ma jitqiesx li jkun meħtieġ li jsiru xi verifiki supplimentari b'mod konformi mal-Artikoli 3 u 4 ta' dan l-Anness.

Artikolu 6

Tpoġġija f'ċirkulazzjoni ħielsa

1. Fil-kaxxa 44 tad-dokument amministrattiv uniku li fuqu tinsab id-dikjarazzjoni tad-dwana għat-tpoġġija f'ċirkulazzjoni ħielsa, hemm referenza għan-numru tal-awtorizzazzjoni li takkumpanja l-injam u l-prodotti derivati li huma sottomessi għal din id-dikjarazzjoni.

Jekk id-dikjarazzjoni tad-dwana tgħaddi minn proċess informatiku, ir-referenza għandha tiġi indikata fil-kaxxa rilevanti.

2. L-injam u l-prodotti derivati jistgħu jiġu rilaxxati għat-tpoġġija f'ċirkulazzjoni ħielsa biss wara li titlesta l-proċedura deskritta f'dan l-Anness.

ANNESS IV

IL-PROĊEDURA GĦALL-ĦRUĠ U L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI TAL-AWTORIZZAZZJONIJIET FLEGT

KAPITOLU 1

FORMALITAJIET GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-AWTORIZZAZZJONI FLEGT

Artikolu 1

Kull intrapriża fil-qasam tal-injam fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, li tkun tixtieq tesporta l-prodotti li jirriżultaw mill-operat tagħha, mill-ipproċessar jew minn attivitajiet ta' negozju mal-Unjoni għandu jkollha awtorizzazzjoni FLEGT għal kull kunsinna ta' prodotti tal-injam u kull destinazzjoni fl-Unjoni. L-awtorizzazzjoni FLEGT hija l-mezz tal-verifika li l-injam u l-prodotti derivati huma prodotti legalment.

Artikolu 2

L-għotja ta' awtorizzazzjoni hija soġġetta għal talba bil-miktub fuq karta indirizzata lill-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet. It-talba għall-awtorizzazzjoni għandha tippermetti li timtela' l-informazzjoni u d-dettalji kollha indikati fl-Appendiċi I ta' dan l-Anness. It-talba għall-awtorizzazzjoni għandha ssir billi jintuża format ta' tip uniku li ser jitqassam mid-dipartiment responsabbli mill-foresti.

Artikolu 3

L-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjoni hija entità maħtura mill-Ministru responsabbli mill-foresti u li tkun taħt l-awtorità tiegħu. L-entità taqa' taħt il-kabinett tal-Ministru, iżda m'għandhiex funzjoni delegata. Din hija struttura awtorizzata.

Il-kompożizzjoni u l-funzjonijiet ta' din l-entità ta' għotja tal-awtorizzazzjonijiet ser jiġu speċifikati permezz ta' Digriet tal-Ministru responsabbli mill-foresti li għandu jinħareġ matul il-fażi tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 4

It-talba għandu jkollha s-suġġett "talba għall-awtorizzazzjoni FLEGT".

Din għandha tinkludi l-isem tat-titolu, in-numru tat-titolu rreġistrat fil-fajl tal-forestrija, id-data tat-talba u l-firma tal-applikant. L-applikant għandu jindika espressament jekk hu jixtieqx li jirċievi l-awtorizzazzjoni FLEGT minn Douala.

Għaz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra, l-applikant għandu jindika wkoll l-unità ta' ġestjoni tal-forestra.

It-talba għandha tiddefinixxi b'mod ċar in-natura, l-oriġini, il-volum u d-destinazzjoni tal-prodott li għalih qed issir.

Din it-talba għandu jkollha magħha d-dokumenti doganali li ġejjin:

— dokument ta' speċifikazzjoni tas-sistema tal-iżgurar tal-introjtu mill-esportazzjoni (BIVAC);

— dikjarazzjoni ta' esportazzjoni kummerċjali (DEC);

— formola EUR.1;

— irċevuti tad-dwana (id-dazji għall-ħruġ, taxxa minima b'rata fissa, il-ħlas għat-tagħmir tal-għodod informatiċi tal-finanzi).

Il-formola tat-talba għall-awtorizzazzjoni FLEGT għandha tiġi speċifikata matul il-fażi tal-iżvilupp tas-sistema tal-verifika tal-legalità (SVL) wara kkomunikata mill-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet lill-partijiet interessati, partikolarment l-esportaturi, u ppubblikata.

Artikolu 5

Ir-referenzi tat-talba jiġu rreġistrati fl-arkivji tal-kumpanija li qed tagħmel it-talba u għandhom ikunu l-istess bħal dawk depożitati fl-uffiċċju tal-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjoni.

Artikolu 6

It-talbiet sottomessi mill-kumpaniji huma rreġistrati mill-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet li għandha tibgħat irċevuta

Artikolu 7

Id-dokumenti sottomessi mill-kumpanija li tagħmel it-talba (il-formola tat-talba mimlija b'mod korrett u d-dokumenti doganali previsti fl-Artikolu 4 ta' dan l-Anness) jiġu trażmessi lill-Ispettorat Ċentrali tal-ilmijiet u l-foresti (ICEF) li tipproċedi għall-verifika tal-legalità tat-tagħbija li għaliha tkun saret talba ta' awtorizzazzjoni u toħroġ opinjoni rigward il-konformità. Il-proċeduri ta' verifika użati huma deskritti fl-Anness 5. Il-verifika mill-ICEF hija obbligatorja.

Artikolu 8

L-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet, b'referenza għall-opinjoni tal-ICEF, toħroġ:

— fil-każ li l-awtorizzazzjoni tingħata f'Douala, dokument tal-opinjoni favorevoli minn qabel fi żmien massimu mnaqqas, jiġifieri jumejn ta' ħidma li jibdew jgħoddu mir-riċezzjoni tat-talba, jekk it-tagħbija konċernat mill-awtorizzazzjoni tiġi verifikata bħala legali, skont il-proċedura deskritta fl-Anness V;

— fil-każ li l-awtorizzazzjoni tingħata f'Bangui, l-awtorizzazzjoni fi żmien massimu mnaqqas, jiġifieri jumejn ta' ħidma li jibdew jgħoddu mir-riċezzjoni tat-talba, jekk it-tagħbija konċernata mill-awtorizzazzjoni tiġi verifikata bħala legali, skont il-proċedura deskritta fl-Anness V.

Il-proċedura użata f'każ ta' nuqqas ta' konformità hija ddetaljata fl-Anness V.

Ir-riżultat tal-verifika jiġi kkomunikat lill-kumpanija u arkivjat miċ-Ċentru tad-dejta tal-foresti (CDF) taħt l-istess titolu tal-kopji tal-awtorizzazzjonijiet maħruġa. Għandu jinżamm reġistru dwar dan mill-awtorità tal-għotja.

Il-formalitajiet għat-talbiet tal-awtorizzazzjoni għandhom ikunu dettaljati matul il-fażi tal-iżvilupp tas-SVL, u wara għandhom ikunu kkomunikati mill-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet lill-partijiet interessati, partikolarment l-esportaturi potenzjali, u ppubblikati.

KAPITOLU 2

REKWIŻITI RELATATI MAL-AWTORIZZAZZJONIJIET FLEGT

Artikolu 9

L-awtorizzazzjoni FLEGT għandha ttingħata stampata jew f'format elettroniku.

L-awtorizzazzjoni għandu jkollha l-informazzjoni mniżżla fl-Appendiċi 1, b'mod konformi man-noti ta' spjega tal-Appendiċi 2.

Artikolu 10

L-awtorizzazzjoni FLEGT hija valida mill-jum stess li fih toħroġ.

It-tul tal-validità tal-awtorizzazzjoni FLEGT huwa ta' sitt xhur. Id-data ta' skadenza għandha tiġi indikata fuq l-awtorizzazzjoni.

Wara li tiskadi, l-awtorizzazzjoni għandha titqies mhux valida. F'każ ta' forza maġġuri verifikata, għandha tintbagħat talba ġdida lill-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT.

F'każ li jinqerdu l-prodotti tal-injam ikkonċernati, l-awtorizzazzjoni FLEGT ma tibqax valida u għandha tintbagħat lura lill-Awtorità tal-għotja.

Artikolu 11

L-awtorizzazzjonijiet stampati għandhom ikunu konformi mal-format deskritt fl-Appendiċi 1.

Artikolu 12

Il-karta li għandha tintuża tiżen 120 gramma/m^2.

Il-format tagħha huwa ta' 21/29 mm (A4)

Il-kulur tal-karta li għandha tintuża għalll-formola huwa dan li ġej:

— abjad għall-formola Nru 1, l-"oriġinali";

— isfar għall-formola Nru 2, il-"kopja li għandha tintbagħat lill-awtoritajiet doganali tal-Unjoni";

— aħdar għall-formola Nru 3, il-"kopja li għandha tintbagħat lill-awtoritajiet doganali tar-Repubblika Ċentru-Afrikana";

— blu għall-formola Nru 4, il-"kopja li għandha tintbagħat lill-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet".

Artikolu 13

L-awtorizzazzjonijiet għandhom jimtlew fuq tajprajter jew fuq kompjuter. Dawn għandhom jiġu ffirmati bl-idejn.

It-timbri tal-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għandhom isiru permezz ta' timbru tal-metall, preferibbilment tal-azzar. Madankollu, it-timbru tal-awtorità tal-għotja jista' jkun sostitwit minn timbru niexef kombinat ma' ittri u ċifri miksuba permezz tal-perforazzjoni. Il-kwantitajiet allokati għandhom jissemmew mill-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet b'kull mezz li ma jistax jiġi ffalsifikat li bih ikun impossibbli li jiddaħħlu ċifri jew kliem addizzjonali.

Il-formola ma jistax ikolla tħassir jew kliem fuq xulxin, ħlief jekk uħud minnhom ikunu ġew awtentikati mit-timbru u l-firma tal-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet.

L-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu stampati u mimlija bil-Franċiż.

Artikolu 14

L-awtorizzazzjoni għandha ssir f'erba' kopji li tnejn minnhom jingħataw lill-applikant.

Wara li jkunu mtlew, ġew iffirmati, u datati mill-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet:

— l-ewwel kopja, li jkollha l-kelma "Oriġinali" fuqha, tingħata lill-applikant biex tiġi ssottomessa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-Unjoni li fih l-ispedizzjoni koperta mill-awtorizzazzjoni tkun soġġetta għal dikjarazzjoni ta' tpoġġija f'ċirkulazzjoni ħielsa;

— it-tieni kopja, li jkollha l-kliem "Kopja li għandha tintbagħat lill-awtoritajiet doganali tal-Unjoni", tingħata lill-applikant biex tiġi ssottomessa lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tal-Unjoni li fih l-ispedizzjoni koperta mill-awtorizzazzjoni tkun soġġetta għal dikjarazzjoni ta' tpoġġija f'ċirkulazzjoni ħielsa;

— it-tielet kopja, li jkollha l-kliem "kopja li għandha tintbagħat lill-awtoritajiet doganali tar-Repubblika Ċentru-Afrikana" tintbagħat lid-dipartiment doganali tar-RĊA;

— ir-raba' kopja, li jkollha l-kliem "kopja li għandha tintbagħat lill-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet" tinżamm fl-arkivji mill-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet fis-CDF.

KAPITOLU 3

AWTORIZZAZZJONI FLEGT MITLUFA, MISRUQA JEW DISTRUTTA

Artikolu 15

F'każ li l-"Oriġinali" jew il-"Kopja maħsuba għad-dwana tal-Ewropa" jintilfu, jinsterqu jew jinqerdu, it-titular tal-awtorizzazzjoni jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jistgħu jitolu lill-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet biex toħroġ dokument(i) ta' sostituzzjoni abbażi tad-dokument(i) li jkunu baqgħu fil-pussess tagħhom jew li kienu ġew sottomessi mat-talba għall-awtorizzazzjoni FLEGT.

F'każ ta' telf, ta' serq jew ta' qirda tal-"kopja maħsuba għad-dwana tar-Repubblika Ċentru-Afrikana" it-titular jista' jitlob lill-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet biex toħroġlu dokumenti ta' sostituzzjoni.

L-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għandha toħroġ id-dokument(i) ta' sostituzzjoni fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa wara li tirċievi t-talba mit-titular tal-awtorizzazzjoni.

Id-dokumenti ta' sostituzzjoni għandu jkollhom l-informazzjoni u d-dettalji kollha li jkunu mniżżlin fuq l-awtorizzazzjoni li qegħdin jissostitwixxu, inkluż in-numru ta' awtorizzazzjoni.

Id-dokument(i) ta' sostituzzjoni għandu jkollu (jkollhom) l-annotazzjoni "DUPLIKAT".

Jekk id-dokument ta' sostituzzjoni jintilef, jinsteraq jew jinqered, ma jista' jinħareġ l-ebda dokument ieħor ta' sostituzzjoni.

Jekk id-dokument mitluf jew misruq jinstab, dan ma jibqax validu u għandu jintbagħat lura lill-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet.

KAPITOLU 4

DUBJI DWAR IL-VALIDITÀ TA' AWTORIZZAZZJONI FLEGT

Artikolu 16

Fil-każ ta' dubju dwar il-validiità ta' awtorizzazzjoni jew ta' dokument ta' sostituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitlobu verifiki supplimentari mill-awtorità tal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet.

Jekk taħseb li jkun meħtieġ, l-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet tista' titlob lill-awtorità kompetenti biex tibgħatilha kopja tal-awtorizzazzjoni jew tad-dokument ta' sostituzzjoni in kwistjoni.

Jekk taħseb li jkun meħtieġ, l-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għandha tirtira l-awtorizzazzjoni u toħroġ kopja korretta li jkollha l-annotazzjoni awtentikata mit-timbru "Duplikat", li għandha tibgħat lill-awtoritajiet kompetenti.

Jekk il-validità tal-awtorizzazzjoni tiġi kkonfermata, l-Awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti, preferibbilment b'mezz elettroniku, u tibgħat il-kopji tal-awtorizzazzjoni. Il-kopji mibgħuta b'dan il-mod għandu jkollhom l-annotazzjoni validata/awtentikata permezz tat-timbru "Ivvalidata fil- …".

Jekk l-awtorizzazzjoni in kwistjoni ma tkunx valida, l-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għandha tavża lill-awtoritajiet kompetenti dwar dan, preferibbilment b'mezz elettroniku.

Appendiċijiet

1. Il-Formola tal-Awtorizzazzjoni
2. Noti ta' spjegazzjoni

Appendiċi 1

Format tal-awtorizzazzjoni FLEGT

1	1. **Organisme émetteur** Nom Adresse	2. **Pays d'origine: RÉPULIQUE CENTRAFRICAINE** Nature du titre: ..... Exploitant: ..... Nº de(s) titre(s): ..... UFG: ..... Contrat Nº: ..... E101 Nº: .....
ORIGINAL	3. **Numéro de l'autorisation FLEGT**	4. **Date d'expiration** | | | |
	5. **Pays d'exportation**	7. **Moyen de transport**
	6. **Code ISO**	
	8. **Titulaire de l'autorisation (nom et adresse)**	
1	9. **Désignation commerciale des bois ou produits dérivés**	10. **Positions du SH**
	11. **Nom (s) commun (s) ou scientifique(s)**	12. **Pays de récolte** / 13. **Codes ISO**
	14. **Volume(s) (m^3)** / 15. **Poids net (kg)** / 16. **Nombre d'unités**	
	17. **Signes distinctifs**	
	18. **Signature et cachet de l'organisme émetteur** Lieu et date	

2

COPIE DESTINÉE AUX DOUANES DE L'UNION

2

1. **Organisme émetteur** Nom Adresse	2. **Pays d'origine: RÉPULIQUE CENTRAFRICAINE** Nature du titre: ..... Exploitant: ..... Nº de(s) titre(s): ..... UFG: ..... Contrat Nº: ..... E101 Nº: .....
3. **Numéro de l'autorisation FLEGT**	4. **Date d'expiration** | | | |
5. **Pays d'exportation**	7. **Moyen de transport**
6. **Code ISO**	
8. **Titulaire de l'autorisation (nom et adresse)**	
9. **Désignation commerciale des bois ou produits dérivés**	10. **Positions du SH**

11. **Nom (s) commun (s) ou scientifique(s)**	12. **Pays de récolte**	13. **Codes ISO**

14. **Volume(s) (m^3)**	15. **Poids net (kg)**	16. **Nombre d'unités**

17. **Signes distinctifs:**

18. **Signature et cachet de l'organisme émetteur**

Lieu et date

3

COPIE DESTINÉE AUX DOUANES CENTRAFRICAINES

1. **Organisme émetteur** Nom Adresse	2. **Pays d'origine: RÉPULIQUE CENTRAFRICAINE** Nature du titre: ..... Exploitant: ..... N° de(s) titre(s): ..... UFG: ..... Contrat N°: ..... E101 N°: .....
3. **Numéro de l'autorisation FLEGT**	4. **Date d'expiration** | | | |
5. **Pays d'exportation**	7. **Moyen de transport**
6. **Code ISO**	
8. **Titulaire de l'autorisation (nom et adresse)**	

3

9. **Désignation commerciale des bois ou produits dérivés**		10. **Positions du SH**
11. **Nom (s) commun (s) ou scientifique(s)**	12. **Pays de récolte**	13. **Codes ISO**
14. **Volume(s) (m^3)**	15. **Poids net (kg)**	16. **Nombre d'unités**
17. **Signes distinctifs:**		
18. **Signature et cachet de l'organisme émetteur** Lieu et date		

4

COPIE DESTINÉE À L'AUTORITÉ DE DÉLIVRANCE DES AUTORISATIONS

4

1. **Organisme émetteur** Nom Adresse	2. **Pays d'origine: RÉPULIQUE CENTRAFRICAINE** Nature du titre: ..... Exploitant: ..... N° de(s) titre(s): ..... UFG: ..... Contrat N°: ..... E101 N°: .....
3. **Numéro de l'autorisation FLEGT**	4. **Date d'expiration** | | | |
5. **Pays d'exportation**	7. **Moyen de transport**
6. **Code ISO**	
8. **Titulaire de l'autorisation (nom et adresse)**	
9. **Désignation commerciale des bois ou produits dérivés**	10. **Positions du SH**

11. **Nom (s) commun (s) ou scientifique(s)**	12. **Pays de récolte**	13. **Codes ISO**

14. **Volume(s) (m^3)**	15. **Poids net (kg)**	16. **Nombre d'unités**

17. **Signes distinctifs:**
18. **Signature et cachet de l'organisme émetteur** Lieu et date

Appendiċi 2

Noti ta' spjegazzjoni

Punti ġenerali

— Imla l-formoli b'ittri kbar

— Meta jissemmew, il-kodiċijiet ISO jagħmlu referenza għall-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri, b'mod konformi mal-istandard internazzjonali.

Kaxxa 1	Awtoritá li toħroġ l-awtorizzazzjonijiet	Indika l-isem u l-indirizz tal-awtorità tal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet.
Kaxxa 2	Pajjiż tal-oriġini: Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana	(Natura tat-titolu, Operatur, Nru tat-titolu(i), Unitá tal-foresta tal-ġestjoni, Kuntratt Nru, E101 Nru)
Kaxxa 3	Numru tal-awtorizzazzjoni FLEGT	Indika n-numru tal-awtorizzazzjoni
Kaxxa 4	Data ta' skadenza	Żmien ta' validità tal-awtorizzazzjoni
Kaxxa 5	Pajjiż ta' esportazzjoni	Dan huwa l-pajjiż imsieħeb li minnu l-injam u l-prodotti derivati ġew esportati lejn l-UE
Kaxxa 6	Kodiċi ISO	Indika l-kodiċi b'żewġ ittri tal-pajjiż imsieħeb imsemmi fil-kaxxa 5.
Kaxxa 7	Mezz tat-trasport	Indika l-mezz ta' trasport fil-punt tal-esportazzjoni.
Kaxxa 8	Dak li jkollu l-liċenzja	Indika l-isem u l-indirizz tal-esportatur.
Kaxxa 9	Isem kummerċjali	Indika l-isem kummerċjali tal-prodott(i) tal-injam.
Kaxxa 10	Pożizzjoni u dežinjazzjoni HS	Indika l-kodiċi tal-merkanzijai b'erba' jew sa sitt ċifri stabbilit b'mod konformi mas-sistema armonizzata ta' dežinjazzjoni u kodifikazzjoni tal-merkanzija.
Kaxxa 11	Ismijiet komuni jew xjentifiċi	Indika l-ismijiet komuni jew xjentifiċi tal-kategoriji ta' injam użati fil-prodott. Jekk jidħlu bosta kategoriji fil-kompożizzjoni ta' prodott, uża linja separata għal kull kategorija. Mhux obbligatorju fil-każ ta' prodotti komposti jew ta' komponenti li jkun fihom bosta kategoriji li ma jistgħux jiġu identifikati.
Kaxxa 12	Pajjiż tal-ġbir	Indika l-pajjiżi fejn ġew maħsudal-kategoriji ta' injam imsemmija fil-kaxxa 10. Jekk bosta kategoriji jidħlu fil-kompożizzjoni tal-prodott, indika s-sorsi kollha ta' injam użat. Mhux obbligatorju fil-każ ta' prodotti komposti jew ta' komponenti li fihom bosta kategoriji li ma jistgħux jiġu identifikati.
Kaxxa 13	Kodiċijiet ISO	Indika l-kodiċi ISO tal-pajjiżi msemmija fil-kaxxa 12. Mhux obbligatorju fil-każ ta' prodotti komposti jew ta' komponenti li fihom bosta kategoriji li ma jistgħux jiġu identifikati. (particleboard, pereżempju).
Kaxxa 14	Volum(i) (m^3)	Indika l-volum totali f'm^3. Mhux obbligatorju, ħlief jekk l-informazzjoni msemmija fil-kaxxa 15 tħalliet barra.
Kaxxa 15	Piż nett	Indika l-piż totali f'kg, jiġifieri l-massa netta tal-prodotti tal-injam mingħajr kontenituri immedjati u lanqas imballaġġ, ħlief bearers, spacers, tikketti, eċċ. Mhux obbligatorju, ħlief jekk l-informazzjoni msemmija fil-kaxxa 14 tħalliet barra.
Kaxxa 16	Numru ta' unitajiet	Indika n-numru ta' unitajiet, jekk dan hu l-aħjar mod li bih il-prodott manifatturat jingħad(d) Mhux obbligatorju.

Kaxxa 17	Sinjali distintivi	Indika, fejn ikun il-każ, kull sinjal distintiv pereżempju n-numru tal-lott jew n-numru tal-polza ta' kargu. Mhux obbligatorju.
Kaxxa 18	Firma u timbru tal-awtorità tal-ħruġ	Il-kaxxa għandu jkollha l-firma tal-uffiċjal awtorizzat u t-timbru uffiċjali tal-awtorità responsabbli għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet, bl-indikazzjoni tal-post u tad-data.

ANNESS V

SISTEMA TA' VERIFIKA TAL-LEGALITÀ (SVL)

I. INTRODUZZJONI

1.1 Kuntest

(a) Preżentazzjoni tas-settur

It-territorju tar-RĊA għandu erja totali ta' 623 000 km^2, koperti b'ekosistemi diversifikati li minnhom 54 000 km^2 ta' foresta densa maqsuma f'żewġ blokki: il-massa tal-foresti tal-Lbiċ li tkopri 3 800 000 ha u l-massa tax-xlokk li tkopri 1 600 000 ha. Hija biss il-massa tal-foresti tal-Lbiċ li fil-preżent hija soġġetta għal żvilupp industrijali.

Ħdax-il kumpanija tal-forestrija hija operattiva bħalissa bi produzzjoni medja annwali ta' madwar 600 000 m^3 ta' zkuk prinċipali ta' siġar mhux imqaxxra u 200 000 m^3 ta' injam maqtugħ bis-serrieq (sorsi: statistika annwali tal-MEFCP).

Id-destinazzjonijiet prinċipali tal-injam miż-żona Ċentru-Afrikana huma: l-Ewropa, l-Asja, l-Amerika u l-Afrika.

(b) L-istrutturi responsabbli mill-kontroll bħalissa

L-istrutturi ta' kontroll li jeżerċitaw b'mod effettiv il-funzjonijiet ta' kontroll fid-dipartimenti Ministerjali differenti kemm fil-livell ċentrali u kemm fil-livell ta' servizzi dekonċentrati huma elenkati hawn taħt.

— Il-Ministeru tal-Ilmijiet, il-Foresti, il-Kaċċa u s-Sajd

Fil-livell ċentrali: il-verifiki tad-dokumenti jsiru kuljum, filwaqt li l-kontrolli fuq il-post isiru bi frekwenza varjata (kull tliet xhur jew kull sitt xhur):

— id-Direttorat Ġenerali tal-ilmijiet, il-foresti, il-kaċċa u s-sajd (DGEFCP) permezz ta' żewġ Direttorati: id-Direttorat tal-impriżi u l-industriji tal-foresti (DEIF) u d-Direttorat tal-inventarji u l-iżvilupp tal-foresti (DIAF);

— l-Ispettorat Ċentrali tal-Ilmijiet u l-Foresti (ICEF);

— iċ-Ċentru tad-Dejta tal-Foresti (CDF);

— il-brigata mobbli ta' intervent u ta' verifika (BMIV) magħmula mill-elementi Ministerjali li ġejjin:

— Il-Ministeru tal-Ilmijiet, il-Foresti, il-Kaċċa u s-Sajd;

— Il-Ministeru tal-Finanzi u l-Baġit;

— Il-Ministeru tad-Difiża Nazzjonali (ġendarmerija);

— Id-Direttorat tal-Affarijiet Ġuridiċi u tal-Litigazzjoni (DAJC)

Fil-livell ta' servizzi dekonċentrati: il-kontrolli fil-livell dekonċentrat mhumiex daqshekk irregolati fil-frekwenza tagħhom. Dawn jistgħu jkunu kull tliet xhur jew kull sitt xhur. Madankollu, il-kontrolli fil-livell tal-postijiet tal-fruntiera jsiru kuljum, kull darba li jgħaddi trakk mgħobbi:

— id-Direttorat Ġenerali tas-servizzi reġjonali permezz tad-dipartimenti reġjonali tal-ilmijiet u l-foresti, l-ispettorati tal-prefettura u l-ispettorati tal-fruntieri;

— il-Ministeru tal-Ambjent u tal-Ekoloġija:

— id-Direttorat Ġenerali tal-ambjent;

— l-Ispettorat ċentrali fil-qasam tal-ambjent u tal-ekoloġija;

— il-Ministeru tal-Finanzi u l-Baġit:

— l-Ispettorat Ġenerali tal-Finanzi;

— id-Direttorat Ġenerali tad-Dwana;

— id-Direttorat Ġenerali tat-Taxxa;

— il-Ministeru tal-Kumemrċ u tal-Industrija:

— l-Ispettorat Ċentrali fil-Qasam tal-Kummerċ;

— id-Direttorat Ġenerali tal-Kummerċ u tal-Kompetizzjoni;

— id-Dipartiment deċentralizzat tal-Ministeru tal-Kummerċ fil-punt ta' Waqfa Waħda;

— il-Ministeru tal-Funzjoni Pubblika, tas-Sigurtà Soċjali u tal-Inklużjoni Professjonali taż-Żgħażagħ:

— l-Ispettorat ċentrali fil-qasam tax-xogħol;

— l-Ispettorat tal-impjieg responsabbli

— id-Direttorat tal-ġbir u tal-litigazzjoni tas-Sigurtà Soċjali Nazzjonali;

— id-Direttorat ġenerali tal-ACFPE;

— il-Ministeru tal-Iżvilupp Rurali u tal-Agrikoltura;

— il-Ministeru tal-Ġustizzja:

— l-Ispettorat Ġudizzjarju;

— il-President tat-Tribunal tal-Kummerċ;

— Servizz tar-Reġistru tat-Tribunal tal-Kummerċ;

— il-Ministeru responsabbli mis-Sikurezza Pubblika u l-Amministrazzjoni tat-Territorju:

— Il-pulizija tat-traffiku.

(c) L-identifikazzjoni tal-oqsma għal titjib

L-implimentazzjoni tas-SVL teħtieġ titjib fl-oqsma li ġejjin:

— Il-Qafas legali: diversi testi regolamentarji, l-aktar il-liġijiet dwar il-kodiċijiet differenti (il-Kodiċi tal-Ambjent ta' Diċembru 2007, il-Kodiċi tal-Foresti fl-2008), jeżistu fir-RĊA biex itejbu l-ġovernanza tas-settur tal-foresti tagħha. Madankollu, ix-xogħol tal-analiżi u tat-tħejjija tal-Ftehim urew li r-regolamentazzjoni tar-Repubblika Ċentru-Afrikana dwar is-settur tal-foresti għandu bżonn jitlesta.

— Qafas istituzzjonali:

Il-Ministeru tal-Ilmijiet u l-Foresti li huwa l-persuna ewlenija responsabbli għall-ġestjoni jaffaċċja ċertu numru ta' problemi biex iwettaq b'suċċess il-politika tiegħu. Dawn id-diffikultajiet jispjegaw l-irregolarità fil-kontrolli:

— riżorsi umani attwalment b'numru insuffiċjenti ta' nies li mhumex ikkwalifikati tajjeb;

— riżorsi materjali: dawn jikkonċernaw in-nuqqas ta' tagħmir adattat għall-verifiki, il-ħtiġijiet ta' loġistika għall-ġbir, l-ipproċessar u l-ġestjoni tad-dejta u l-qafas tax-xogħol;

— riżorsi finanzjarji: ir-RĊA taffaċċja diffikultajiet finanzjarji minħabba bżonnijiet kbar. Il-CAS-DF li huwa wieħed mill-istrumenti finanzjarji ta' appoġġ għas-settur huwa utli, iżda mhux biżżejjed biex ikopri l-ħtiġijiet u jwieġeb għall-isfidi tal-governanza tal-foresti. Barra minn dan, xi kultant dan jintuża biex jiġu indirizzati ħtiġijiet mhux ippjanati 'l barrra mis-settur tal-foresti.

Osservazzjoni indipendenti

Is-soċjetà ċivili strutturat ruħha bħala pjattaforma, iżda l-kompetenzi u l-mezzi attwalment limitati ma jippermettux li titwettaq osservazzjoni indipendenti.

Verifika indipendenti

Ir-RĊA bħalissa m'għandhiex sistema ta' verifika

esterna jew għal' "ħarsa" indipendenti lejn is-sistema tal-forestrija tagħha.

l-Anness IX ta' dan il-Ftehim jipproponi b'mod partikolari miżuri kumplimentari biex jinstab irmedju għal uħud minn dawn l-osservazzjonijiet.

1.2 Kopertura tas-SVL

Il-prodotti koperti mill-SVL huma dawk definiti fl-Anness I.

L-SVL japplika għas-sorsi kollha attwali ta' injam u prodotti derivati miftuħa għall-esportazzjoni. Fl-2010, dan kien:

— permessi tal-operat u tal-iżvilupp (PEA);

— pjantaġġuni (imsejħa wkoll "perimetri ta' riforestazzjoni").

L-injam li jkun qed jiġi trasportat u l-injam importat jiġu kkunsidrati mill-SVL. Dan tal-aħħar jintuża wkoll għall-injam u l-prodotti esportati lejn is-swieq 'il barra mill-Unjoni.

Min-naħa l-oħra, l-SVL ma japplikax għal injam li ġej:

— mill-foresti komunitarji; u

— mill-permessi għall-użu artiġjanali

Fil-fatt, bħalissa, u għalkemm dawn id-dispożizzjonijiet huma stipulati mill-Kodiċi tal-Foresti, għad ma hemmx foresta komunitarja u l-anqas permess għall-użu artiġjanali fir-RĊA. Dawn is-sorsi għalhekk mhumiex ikkunsidrati fl-SVL. L-injam u l-prodotti derivati li ġejjin minn foresti komunitarji jew minn permess tal-użu artiġjanali madankollu jistgħu jsiru realtà u jiġu esportati lejn l-Unjoni fil-futur. Imbagħad dawn jiġu kkunsidrati fil-SVL.

Is-suq nazzjonali tal-konsum tal-injam mhux kopert mill-SVL deskritt f'dan il-Ftehim. L-attivitajiet lokali li jipprovdu għall-konsum nazzjonali tal-injam u tal-prodotti derivati huma kkontrollati regolarment, skont dispożizzjonijiet mhux inklużi f'dan il-Ftehim. L-SVL deskritt fil-Ftehim jiggarantixxi li l-prodotti esportati ma fihomx prodotti li ġejjin mis-suq nazzjonali.

2. FINIZZJONI TAL-LEGALITÀ U VERIFIKA TAL-LEGALITÀ TAL-INJAM

2.1. Skali ta' legalità

Ir-RĊA għandu testi tal-liġi (il-Kodiċi tal-Foresti, il-Kodiċi tal-Ambjent, il-Kodiċi tad-Dwana tas-CEMAC, il-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi, il-Kodiċi tax-Xogħol u tal-liġijiet soċjali, eċċ.) kif ukoll it-testi applikabbli differenti tagħhom li d-dispożizzjonijiet rispettivi tagħhom, relatati mal-attività tal-forestrija ġew irrifjutati minħabba prinċipji, kriterji u indikaturi f'żewġ skali ta' legalità (PEA u pjantaġġuni) li jidhru fl-Anness II.

Ċerti indikaturi ta' dawn l-iskali m'għandhomx referenza legali għad-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim. Ir-referenzi legali jew regolamentarji adattati (partikolarment dawk imsemmija fl-Anness IX) għandhom jinħolqu matul il-fażi tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u qabel il-ħruġ tal-ewwel awtorizzazzjoni FLEGT mir-RĊA. L-iskali u b'mod aktar ġenerali l-SVL għandhom jiġu aġġornati skont l-evoluzzjoni tal-kontenut tar-regolamentazzjoni. L-annessi ta' dan il-Ftehim għalhekk ser jiġu emendati wara deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għall-implimentazzjoni tal-Ftehim, skont l-Artikolu 26 ta' dan il-Ftehim.

L-ebda foresta komunitarja jew permess artiġjanali ma nħareġ fir-RĊA. L-iskali relattivi għall-foresti komunitarji u għall-permessi artiġjanali għandhom jiġu żviluppati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, qabel l-ewwel għotjiet ta' dawn it-titoli.

2.2. Verifika tal-iskali tal-legalità

Il-verifika tal-legalità tinvolvi diversi entitajiet ministerjali ċentralizzati u deċentralizzati li jistgħu jkunu akkumpanjati fil-kompiti tagħhom minn osservazzjoni indipendenti tas-soċjetà ċivili. Dawn l-entitajiet ministerjali huma dawn li ġejjin:

— id-Direttorat Ġenerali tal-Ilmijiet, il-Foresti, il-Kaċċa u s-Sajd (DGEFCP) permezz ta' żewġ direttorati: id-Direttorat tal-Impriżi u l-Industriji tal-Foresti (DEIF) u d-Direttorat tar-Reġistri u tal-Iżvilupp tal-Foresti (DIAF) li jassiguraw verifiki differenti fil-livell ċentrali;

— id-Direttorat Ġenerali tas-Servizzi Reġjonali (DGSR), permezz tad-Direttorati reġjonali (DR), l-Ispettorati tal-prefettura u l-Ispettorati tal-fruntieri, jiżgura l-verifiki differenti fil-livell reġjonali;

— is-CDF jiġbor, jiċċentralizza u jipproċessa d-dejta, fi ħdan sistema għall-ġestjoni ta' dejtabejż (SGBD);

— l-Ispettorat ċentrali tal-ilmijiet u l-foresti (ICEF) li jissorvelja u jiggarantixxi l-funzjonament tajjeb tal-verifika tal-legalità;

— il-brigata mobbli tal-intervent u tal-verifika (BMIV) tiżgura l-missjonijiet ta' verifika spontanji;

— id-Direttorat tal-affarijiet legali u tal-ilmenti fil-Ministeru tal-Ilmijiet u l-Foresti jivverifika r-reġistru tal-infrazzjonijiet u l-ġbir tat-taxxi fil-qasam tat-tranżazzjoni;

— id-Direttorati Reġjonali tal-ħidma li jivverifikaw il-konformità dwar l-impjieg u l-benefiċċji soċjali tal-ħaddiema;

— id-Direttorat Ġenerali tat-Taxxi li jiżgura r-reġistrazzjoni fiskali (NIF), il-ħlas regolari tat-taxxi;

— id-Direttorat Ġenerali tal-Ippjanar Urban u tal-Ħabitat jidħol fil-proċess għall-għotja tat-titolu tal-art (jikkonċerna l-pjantaġġuni);

— il-President tat-Tribunal tal-Kummerċ jivverifika li l-intrapriża mhix soġġetta għal ebda kundanna;

— l-uffiċċji tar-reġistri tat-Tribunal tal-Kummerċ jivverifikaw li l-intrapriża hija rreġistrata b'mod regolari;

— id-Direttorat tal-Ġbir tat-taxxi, tal-Kontroll u tal-Litigazzjoni (tas-CNSS Caisse Nationale de Sécurité Sociale) li jivverifika l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet soċjali;

— id-Direttorat tal-Istudji, tal-Ippjanar u tal-Impjieg jivverifika l-aġġornament tal-fajls ta' min jimpjega.

L-Osservazzjoni Indipendenti tas-soċjetà ċivili: din hija magħmula minn diversi organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) mir-Repubblika Ċentru-Afrikana li jiffurmaw il-pjattaforma tas-soċjetà ċivili dwar il-governanza tal-foresti. Din għandha rwol ta' appoġġ għad-Dipartimenti Ministerjali involuti fil-verifika.

It-tabella hawn taħt tiddeskrivi l-metodi tal-verifika tal-legalità tal-kunsinni tal-injam u tal-prodotti derivati.

Elementi li jispjegaw it-tabella:

Kolonna 1: indikaturi tal-iskalla tal-legalità li għandhom jimtlew sabiex tagħbija titqies legali u biex tkun tista' tinħareġ awtorizzazzjoni.

Kolonna 2: verifikaturi li jippermettu l-verifika li l-indikatur huwa mimli sew.

Kolonna 3 u Kolonna 4: dipartimenti u strutturi li huma responsabbli mill-verifika tal-indikatur.

Kolonna 5: metodoloġija tal-verifika li iġi konfermata matul il-fażi tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Kolonna 6: entitajiet responsabbli mill-kontroll tal-verifika u l-metodoloġija tal-kontroll.

IND	Indikaturi (1)	Verifikaturi (2)	Dipartimenti (3)	Strutturi ta' verifika (4)	Metodoloġija ta' verifika (5)	Entitajiet responsabbli mill-kontroll tal-verifika u metodoloġija ta' kontroll (6)
1.1.1	Reġistrazzjoni ma' dipartimenti tal-ekonomija: il-Ministeru tal-kummerċ u tal-industrija	1.1.1.1: Deċiżjoni Ministerjali għall-awtorizzazzjoni tal-iżvilupp tal-foresti	Il-Ministeru tal-Kummerċ u tal-Industrija	Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummerċ, tal-Kompetizzjoni u tal-Konsum/ Id-Direttorat tal-Kompetizzjoni/ Id-Dipartiment tal-kompetizzjoni u r-ripressjoni tal-frodi	Metodoloġija	Entità responsabbli:
					1 - Kontroll tal-awtorizzazzjoni kummerċjali	Spettorat ċentrali tal-Ministeru responsabbli mill-kummerċ
				Dipartiment deċentralizzat tal-Ministeru tal-Kummerċ fil-punt ta' Waqfa Waħda	L-awtorizzazzjoni kummerċjali tingħata darba għal dejjem, normalment il-verifika tagħha ssir matul il-verifiki tal-liċenzja tal-kummerċjant	Spettorat ċentrali tal-Ministeru responsabbli mill-foresti (ICEF)
				Direttorat tal-Kummerċ Intern		Metodoloġija:
					2 - Kontroll tat-tiġdid tal-liċenzja professjonali tal-kumemrċjant	IC Il-Ministeru tal-kummerċ
					1 - It-tiġdid tal-karta tal-kummerċjant għandu jsir matul l-ewwel sitt xhur ta' kull sena (mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju)	1 - Riċezzjoni tar-rapport ta' sinteżi mid-Direttorat tal-kummerċ u l-Kontroll tad-Dokumenti
					2 - Il-verifika tat-tiġdid għalhekk issir kull sena b'mod sistematiku permezz ta' żjarat fl-istabbilimenti kummerċjali kollha mill-1 ta' Lulju	2 - Kontroll tal-verifika abbażi ta' teħid ta' kampjuni u produzzjoni ta' PV
						3 - Tintbagħat lis-CDF permezz tal-ICEF l-informazzjoni dwar il-kampjuni kontrollati
		1.1.1.2: Liċenzja professjonali tal-kummerċjant			3 - F'każ li ma jsirx tiġdid, il-DGCCC jibgħat notifika lill-kummerċjant	ICEF
					4 - Jistabbilixxi PV wara li jkun sema' lill-kummerċjant u	

IND	Indikaturi (1)	Verifikaturi (2)	Dipartimenti (3)	Strutturi ta' verifika (4)	Metodoloġija ta' verifika (5)	Entitajiet responsabbli mill-kontroll tal-verifika u metodoloġija ta' kontroll (6)
					5 - Jinnotifika emenda (ittra ffirmata mill-Ministru tal-Kummerċ)	1 - Kontroll tat-tidħil tal-informazzjoni fl-SGBD mis-CDF
					Frekwenza	Frekwenza
					1.1.1.1: darba għal dejjam	1.1.1.1: darba għal dejjem
					1.1.1.2: annwali	1.1.1.2: annwali
					Żamma tar-riżultat	Żamma tar-riżultat:
					1.1.1.1:	IC il-Ministeru tal-kummerċ
					1 - Iskrizzjoni fid-dejtabejż tad-dipartiment deċentralizzat tal-Ministeru tal-Kummerċ, fil-punt ta' waqfa waħda	1 - Produzzjoni ta' PV
					2 - Tidħil tal-informazzjoni fl-SGBD mis-CDF	ICEF:
					1.1.1.2:	1 - Tidħil fl-SGBD tal-informazzjoni dwar ir-riżultat tal-kontroll
					1 - Produzzjoni u arkivjar ta' PV (stampat) fid-Direttorat Ġenerali tal-Kummerċ	
					2 - Tidħil tal-informazzjoni fl-SGBD mis-CDF	
					Fluss:	Fluss:
					Fluss 1: Reġistrazzjoni (awtorizzazzjoni kummerċjali)	1 - Mill-ispettorat ċentrali tal-kummerċ lis-CDF permezz tal-ispettorat ċentrali tal-ministeru tal-EF
					1 - Kull tliet xhur tintbagħat il-lista (verżjoni diġitali u stampata) ta' intrapriżi jew attivitajiet ġodda rreġistrati, li jirrigwardaw is-settur tal-foresta/linjam lis-CDF mid-Direttorat tal-Kummerċ intern (servizz ta' formalità fil-post ta' waqfa waħda)	2 - Mill-ICEF lill-entità tal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni FLEGT (formola ta' trasferiment tar-riżultat tal-verifika għandha tiġi speċifikata)
					2 - Tidħil tal-informazzjoni fl-SGBD mis-CDF	

IND	Indikaturi (1)	Verifikaturi (2)	Dipartimenti (3)	Strutturi ta' verifika (4)	Metodoloġija ta' verifika (5)	Entitajiet responsabbli mill-kontroll tal-verifika u metodoloġija ta' kontroll (6)
					3 - Tintbagħat verżjoni stampata tal-lista lill-ICEF Fluss 2: Tiġdid tar-reġistrazzjoni DGCC: Kull sena jintbagħat rapport li jippreżenta s-sitwazzjoni tal-intrapriżi kollha tas-settur tal-foresti/tal-injam lill-ispettorat ċentrali tal-kummerċ flimkien ma' kopja lis-CDF permezz tal-ICEF (il-formola tal-iskambju tal-informazzjoni għandha tinħoloq) CDF: 1 - Riċezzjoni tar-rapport ta' sinteżi 2 - Tidħil tal-informazzjoni fl-SGBD	
1.1.2	Reġistrazzjoni mad-dipartiment fiskali (il-Ministeru tal-finanzi u tal-baġit, id-direttorat ġenerali tat-taxxi)	1.1.2.1 Tessera valida tal-kontribwent	Il-Ministeru tal-Ilmijiet, il-Foresti, il-Kaċċa u s-Sajd	Ċentru tad-dejta dwar il-foresti (CDF)	Metodoloġija:	Entità responsabbli: Spettorat ċentrali tal-EF
			Il-Ministeru tal-Finanzi u tal-Baġit	Servizz ta' reġistrazzjoni fiskali (Direttorat tal-istudji, tal-leġiżlazzjoni fiskali, tar-reġistrazzjoni u tal-litigazzjoni)	1 - Kull tliet xhur tintbagħat, mid-dipartiment tar-reġistrazzjoni fiskali (id-direttorat tal-Istudji, tal-leġiżlazzjoni fiskali, tar-reġitrazzjoni u tal-litigazzjoni), il-lista (verżjoni elettronika u stampata) tal-kumpaniji jew attivitajiet ġodda rreġistrati, li jirrigwardaw is-settur tal-foresti/tal-injam, lis-CDF permezz tal-ICEF, flimkien mal-informazzjoni li ġejja: l-isem tal-intrapriża jew tal-persuna fiżika, l-NIF u d-data tar-reġistrazzjoni (għandha tinħoloqformola tal-iskambju tal-informazzjoni)	Metodoloġija:
		1.1.2.2: Dokument il fih in-numru tar-reġistrazzjoni fiskali (NIF)			2 - Riċezzjoni tal-lista mis-CDF	1 - Riċezzjoni tal-lista mibgħuta mis-CDF
					3 - L-informazzjoni fl-SGBD	2 - Verifika tal-konformità tal-intrapriżi 3 - Informazzjoni fl-SGBD dwar ir-riżultat ta' kull intrapriża

IND	Indikaturi (1)	Verifikaturi (2)	Dipartimenti (3)	Strutturi ta' verifika (4)	Metodoloġija ta' verifika (5)	Entitajiet responsabbli mill-kontroll tal-verifika u metodoloġija ta' kontroll (6)
					Frekwenza: darba għal dejjem għal intrapriża speċifikata Żamma tar-riżultat: 1 - Tidħil tal-informazzjoni fl-SGBD mis-CDF 2 - Arkivjar (format stampat) tal-lista Fluss: Tintbagħat kopja stampata tal-lista lill-ICEF	Frekwenza: Darba għal dejjem għal intrapriża speċifikata Żamma tar-riżultat: 1 - L-informazzjoni dwar ir-riżultati tal-kontroll tal-verifika fl-SGBD Fluss: ICEF lill-korp tal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT
1.1.3	Reġistrazzjoni mal-uffiċċju nazzjonali tas-sigurtà soċjali.	1.1.3.1: Verifika tar-reġistrazzjoni mas-CNSS	Il-Ministeru responsabbli mix-xogħol	Id-Direttorat tat-taxxi, tal-kontroll u tal-litigazzjoni/Dipartiment tal-ġbir tat-taxxi	Metodoloġija: 1 - Talba ta' reġsitrazzjoni ppreżentata fil-post ta' waqfa waħda (id-direttorat tat-taxxi, tal-kontroll u tal-litigazzjoni/id-Dipartiment tar-reġistrazzjoni) 2 - Fajl imbgħut lill-uffiċċju prinċipali tad-dipartiment nazzjonali tas-sigurtà soċjali għall-verifika ta' reġistrazzjonijiet preċedenti u l-allokazzjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni 3 - Żjara fil-postijiet tal-intrapriża biex ikun żgurat li d-dikjarazzjoni hija korretta: data effettiva tal-bidu, numru ta' impjegati u t-total tas-salarji 4 - Tħejjija ta' rapport ta' korrezzjoni f'każ ta' dikjarazzjoni falza NB: attwalment 48 siegħa wara r-reġistrazzjoni mad-dipartiment tat-taxxa, is-CNSS tipproċedi awtomatikament għall-ftuħ ta' fajl ta' min iħaddem billi tikseb l-informazzjoni direttament mid-dipartimenti tat-taxxa	Entità responsabbli: ICEF Metodoloġija: 1 - Riċezzjoni tal-lista imbgħuta mis-CDF 2 - Verifika tal-konformità tal-intrapriżi 3 - L-informazzjoni fl-SGBDdwar ir-riżultat ta' kull intrapriża

IND	Indikaturi (1)	Verifikaturi (2)	Dipartimenti (3)	Strutturi ta' verifika (4)	Metodoloġija ta' verifika (5)	Entitajiet responsabbli mill-kontroll tal-verifika u metodoloġija ta' kontroll (6)
					Frekwenzza: Ma' kull reġistrazzjoni	Frekwenza: Darba għal dejjem għal intrapriża speċifikata
					Żamma tar-riżultat:	Żamma tar-riżultat:
					Il-Ministeru responsabbli mix-xogħol	
					1 - Reġistrazzjoni fid-dejtabejż tal-posta ta' waqfa waħda (elettroniku)	
					2 - Ftuħ ta' fajl ta' min iħaddem (stampat)	
					3 - Reġistrazzjoni fil-fajl ta' min iħaddem (stampat)	
					4 - Żamma fuq "punched card" fis-CNSS (diġitali)	L-informazzjoni fl-SGBD
					F'każ ta' dikjarazzjoni falza	
					1 - Rapport ta' korrezzjoni (format stampat)	
					1 - Rapport ta' korrezzjoni (format stampat)	
					Il-Ministeru responsabbli mill-foresti/is-CDF	
					1 - Arkivjar stampat tal-lista tal-intrapriżi u l-pożizzjonijiet tagħhom	
					2 - L-informazzjoni fl-SGBD	
					Fluss:	Fluss:
					1 - Kull tliet xhur tintbagħat lista ta' impjegaturi reġistrati bin-numru tar-reġistrazzjoni tagħhom lis-CDF permezz tal-ICEF (elettroniku u stampata) biex tiddaħħal l-informazzjoni fl-SGBD (proċeduri ta' skambju ta' informazzjoni li għad iridu jiġu żviluppati)	Mill-ICEF lill-korp tal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT

IND	Indikaturi (1)	Verifikaturi (2)	Dipartimenti (3)	Strutturi ta' verifika (4)	Metodoloġija ta' verifika (5)	Entitajiet responsabbli mill-kontroll tal-verifika u metodoloġija ta' kontroll (6)
					2 - Tintbagħat kopja tal-lista u tal-pożizzjoni ta' kull intrapriża mis-CDF lill-ICEF	
1.1.4	Reġistrazzjoni mad-dipartiment responsabbli mill-foresti fit-tmiem ta' proċedura ta' għotja valida	1.1.4.1: Rapport tal-kummissjoni tal-għotja tal-PEA taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru responsabbli mill-foresti	Il-Ministeru responsabbli mill-foresti	Id-Direttorat ġenerali tal-ilmijiet u l-foresti, il-Kaċċa u s-Sajd (DGEFCP)	Metodoloġija:	Entità responsabbli: Spettorat ċentrali fil-qasam tal-ilmijiet, il-foresti, il-kaċċa u s-sajd
						Metodoloġija:
					Għall-intrapriżi li kienu jeżistu fl-2010	
					1 - Verifika fir-reġistru tal-foresti għal kull PEA	1 - Riċezzjoni tar-rapport mibgħut mid-DGEF
					2 - Tħejjija ta' rapport bl-informazzjoni ewlenija (Nru PEA, data tal-għotja, dak li ngħata t-titolu)	2 - Kontroll tal-validità tal-informazzjoni dwar il-PEA kollha
		1.1.4.2: Rapport tal-osservatur indipendenti taħt ir-responsabilità tal-Ministeru responsabbli mill-foresti			3 - Trażmissjoni tar-rapport lis-CDF permezz tal-ICEF flimkien mal-kopji stampati tad-Digrieti tal-għotja (il-formola għad trid tiġi żviluppata)	3 - L-informazzjoni fl-SGBDdwar il-kontroll tal-verifika
					Għall-intrapriżi ġodda	
		1.1.4.3: Digriet tal-għotja tal-permess tal-operat u tal-iżvilupp			1 - Tintbagħat id-dejta ewlenija kif ukoll kopja stampata tad-Digriet lis-CDF permezz u lill-ICEF	
					Frekwenza: darba għal dejjem għal intrapriża speċifikata	Frekwenza: darba għal dejjem għal intrapriża magħrufa
					Żamma tar-riżultat:	Żamma tar-riżultat;
					1 - Tidħil fl-SGBD tad-dejta ewlenija	Informazzjoni fl-SBGD
					2 - Diġitazzjoni u tidħil tad-Digriet fl-SGBD	

IND	Indikaturi (1)	Verifikaturi (2)	Dipartimenti (3)	Strutturi ta' verifika (4)	Metodoloġija ta' verifika (5)	Entitajiet responsabbli mill-kontroll tal-verifika u metodoloġija ta' kontroll (6)
					3 - Arkivjar f'format stampat 4 - Aġġornament tal-informazzjoni Fluss: Id-DGEF lejn is-CDF u l-ICEF	 Fluss: L-ICEF lejn il-korp tal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT
1.1.5	Reġistrazzjoni mad-dipartimenti ġudizzjarji (il-Ministeru tal-Ġustizzja, il-Tribunal tal-Kummerċ)	1.1.5.1: Reġistru tal-kummerċ u tal-kreditu mobbli (RCCM) 1.1.5.2: Rapport tal-kostituzzjoni notarili 1.1.5.3: Notifika tan-numru tar-reġistrazzjoni mill-uffiċċju tat-Tribunal tal-Kummerċ	Ministeru tal-Ġustizzja	Uffiċċju tat-Tribunal tal-Kummerċ u l-President tat-Tribunal tal-kummerċ	Metodoloġija: 1 - Kontroll perjodiku tar-reġistru u tad-dokumenti tar-reġistrazzjoni mal-konvokazzjoni tal-parti interessata quddiem it-Tribunal tal-Kummerċ f'każ ta' sospensjoni 2 - Verifika tad-dokument Frekwenza: f'każ ta' ħtieġa: emenda fil-kapital, firda, bidla fl-amministratur, żieda fl-attivitajiet, eċċ. , Żamma tar-riżultat: Reġistrazzjoni fil-"fajl nazzjonali" Informazzjoni fl-SGBD Fluss: 1 - Kull tliet xhur tintbagħat il-lista tal-intrapriżi rreġistrati u tar-riżultati tal-verifiki magħmula matul issena (il-proċedura tal-iskambju tal-informazzjoni trid tiġi żviluppata)	Entità responsabbli: Uffiċċju tat-Tribunal tal-Kummerċ u l-President tat-Tribunal tal-Kummerċ / ICEF Metodoloġija; 1 - Kontroll perjodiku tar-reġistru u tad-dokumenti tar-reġistrazzjoni mal-konvokazzjoni tal-parti interessata quddiem it-Tribunal tal-Kummerċ f'każ ta' sospensjoni 2 - Verifika tad-dokument Frekwenza: f'każ ta' ħtieġa: emenda fil-kapital, firda, bidla fl-amministratur, żieda fl-attivitajiet, eċċ. Żamma tar-riżultat: Reġistrazzjoni fil-"fajl nazzjonali" Informazzjoni fl-SGBD dwar ir-riżultati tal-kontroll tal-verifika Fluss: L-ICEF lejn il-Korp għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT

IND	Indikaturi (1)	Verifikaturi (2)	Dipartimenti (3)	Strutturi ta' verifika (4)	Metodoloġija ta' verifika (5)	Entitajiet responsabbli mill-kontroll tal-verifika u metodoloġija ta' kontroll (6)
					2 - Tidħil tal-informazzjoni fl-SGBD mis-CDF	
1.1.6	Reġistrazzjoni mad-dipartimenti tax-xogħol u tal-impjieg. (Il-Ministeru tax-xogħol u tal-impjieg, l-Ispettorat tax-xogħol)	1.1.6.1: Reġistru ta' min iħaddem innumerat u inizjalat mill-ispettur tax-xogħol responsabbli	Il-Ministeru responsabbli mix-xogħol	L-Ispettorat tax-xogħol responsabbli Id-Direttorat ġenerali tax-xogħol u tal-assistenza soċjali	Metodoloġija: Inizjalar annwali tar-reġistru ta' min iħaddem Frekwenza; darba għal dejjem għal intrapriża speċifikata iżda annwali Żamma tar-riżultat: Rapport annwali mibgħut lid-Direttorat tax-xogħol u tal-assistenza soċjali (DTPS)	Entità responsabbli: Id-Direttorat tax-xogħol u tal-assistenza soċjali/Il-Ministeru tal-Foresti Metodoloġija: Il-Ministeru responsabbli mix-xogħol 1 - Eżaminazzjoni tar-rapporti tal-attivitajiet mill-ispettur reġjonali tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali 2 - Sinteżi tas-sitwazzjoni ġenerali ta' kull intrapriża għas-sena li tkun għaddiet, li jintbagħat lis-CDF permezz tal-ICEF, skont proċedura li għandha tiġi żviluppata Il-Ministeru responsabbli mill-foresti 1 - Riċezzjoni tad-dokumenti mis-CDF 2 - Informazzjoni fl-SGBD 3 - Tintbagħat kopja stampata lill-ICEF 4 - Verifika tat-tidħil mill-ICEF Frekwenza: darba għal dejjem għal intrapriża speċifikata iżda aġġornament annwali Żamma tar-riżultat: Il-Ministeru responsabbli mix-xogħol Rapport annwali mibgħut lid-Direttorat Ġenerali tax-xogħol u tal-assistenza soċjali (DGTPS)

IND	Indikaturi (1)	Verifikaturi (2)	Dipartimenti (3)	Strutturi ta' verifika (4)	Metodoloġija ta' verifika (5)	Entitajiet responsabbli mill-kontroll tal-verifika u metodoloġija ta' kontroll (6)
						Il-Ministeru responsabbli mill-foresti 1 - Tidħil tal-informazzjoni fl-SGBD mis-CDF 2 - Arkivjar stampat mis-CDF 3 - Tidħil tal-informazzjoni mill-ICEF fl-SGBD dwar ir-riżultati tat-tidħil mis-CDF
IMPORTAZZJONI TAL-INJAM GĦALL-IPPROĊESSAR	Responsabbli: INTRAPRIŻA Attivitajiet — Talba ta' importazzjoni tal-injam — Ordni — Fattura — Natura tal-prodott — Approvazzjoni doganali.	Dokument tad-dikjarazzjoni: — Dikjarazzjoni tal-importazzjoni kummerċjali (DIC) — Awtorizzazzjoni ta' konformità tal-legalità tal-pajjiż tal-oriġini — Awtorizzazzjoni tal-MEFCP għall-importazzjoni tal-injam għall-ipproċessar Informazzjoni: — Isem tal-kumpaniji — Numru tal-biċċiet injam — Speċijiet — Volumi — Pjanċi/bar codes — Numru li jidentifika liz-zokk prinċipali Fluss: — Id-DIC mill-kumpanija lill-Ministeru tal-kummerċ — Trażmissjoni tal-kopja tad-DIC min-negozju lid-dwana u lill-MEFCP — Awtorizzazzjoni mogħtija mill-MEFCP lill-kumpanija — Trażmissjoni lis-CDF — Trażmissjoni tar-rapport tal-produzzjoni mill-kumpanija lid-DGEFCP.	Metodoloġija: Kummerċ; — Ħruġ tad-DIC Servizz awtorizzat mid-dipartiment — Spezzjoni tal-prodotti li ser jiġu impurtati fil-pajjiż tal-oriġini — Verifika tal-valuri dikjarati — Ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet tal-verifika għall-importazzjoni Dwana: — Verifika tal-approvazzjoni doganali — Ħruġ tal-irċevuti għad-dazji u t-taxxi li tħallsu — Trażmissjoni tad-dejta lill-Ministeru tal-ilmijiet u l-foresti Entità tal-ħruġ FLEGT: — Verifika tal-legalità tal-prodott impurtat L-MEFCP: — Ħruġ tal-awtorizzazzjoni tal-importazzjoni tal-injam għall-ipproċessar	L-ICEF/ is-CDF: Responsabbli mis-sorveljanza tar-rikonċiljazzjoni fil-livell tal-SGBD bejn l-informazzjoni disponibbli fil-livell tal-movimenti tal-inajm u l-informazzjoni miġbura mid-dwana L-informazzjoni li trid tiġi rikonċiljata f'dan l-istadju għandha tal-anqas tinkludi 1. Għal kull tagħbija: (a) l-informazzjoni provduta lid-dwana fil-fruntiera mqabbbla mal-informazzjoni li tinsab fir-reġistru tad-dħul fis-sit.

Stadju jew katina tal-provvista	Responsabbiltà u attivitajiet	Dejta utli u metodu tal-ġbir	Verifika	
			Validazzjoni	Rikonċiljazzjoni
TRANŻITU TAL-INJAM FUQ IT-TERRITORJU ĊENTRALI AFRIKAN	Responsabbli: DWANA Attivitajiet: — Reġistrazzjoni mid-dwana (D15) għad-dħul — Integrazzjoni fid-dejtabejż SYDONIA — Reġistrazzjoni mal-ħruġ	Dokument ta' dikjarazzjoni: — D15 Dejta: — Numri — Speċijiet — Numri taz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra jew tal-pakketti — Piż gross u totali — Isem kummerċjali — Prezz — Volum Fluss: Trażmissjoni tar-rapport dwar il-prodotti fi tranżitu lis-CDF	Metodoloġija: Dwana: Reġistrazzjoni L-Ispettorat tal-fruntieri: Reġistrazzjoni	DWANA: Is-CDF: Responsabbli għas-sorveljanza tar-rikonċiljazzjoni fil-livell tal-SGBD bejn l-informazzjoni disponibbli fil-livell tad-dħul tal-prodotti u l-ħruġ tagħhom mit-territorju Ċentrali Afrikan. L-informazzjoni li trid tiġi rikonċiljata f'dan l-istadju għandha tal-anqas tinkludi 1. Għal kull tagħbija: l-informazzjoni miġbura mad-dħul fit-territorju (reġistrazzjoni tat-trakk, oriġini tal-injam, speċi, volum, numri tar-reġistrazzjoni taz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra, data, ħin, post) imqabbla mal-istess informazzjoni miġbura mal-ħruġ mit-territorju

3.1.2 Sistema ta' traċċabbiltà fiżika u metodu ta' kontroll ta' koerenza tal-volumi

Sistema nazzjonali ta' identifikazzjoni alfannumerika unika għall-kumpaniji kollha tal-forestrija, mal-inventarju tal-operat, għandha tiġi stabbilita matul il-fażi tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, qabel ma tinħareġ l-ewwel awtorizzazzjoni FLEGT mir-RĊA.

L-SNT jippermetti r-rikonċiljazzjoni ta':

— l-unitajiet (siġar weqfin, zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra, biċċiet tal-injam kbar, pakketti ta' prodotti pproċessati) bl-istadji differenti tal-katina tal-kontroll,

— il-volumi prodotti minn kull grupp bl-istadji differenti tal-katina (fl-iskala tal-PEA, tal-UFG, tal-AAC, eċċ.).

Għall-prodotti pproċessati, sistema ta' rikonċiljazzjoni tad-dejta fil-livell tad-dħul u l-ħruġ fl-impjanti tal-produzzjoni fis-siti tal-ipproċessar għandha tiġi stabbilita matul il-fażi tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, qabel ma tinħareġ l-ewwel awtorizzazzjoni FLEGT mir-RĊA. Din is-sistema għandha tikkunsidra wkoll il-volumi fil-ħruġ u d-dħul mill-impjant tal-ipproċessar (inkluż iż-żona taz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra fl-impjant tal-ipproċessar). It-tabella li tidher fit-taqsima 3.1.1 turi l-punti fejn għandhom jitwettqu rikonċiljazzjonijiet tal-volumi.

3.1.3 Metodu ta' identifikazzjoni tal-prodotti

Il-metodu attwali tal-identifikazzjoni huwa dak tal-pjanċi b'żewġ kuluri (blu u aħmar). Ser jiġi żviluppat metodu ta' bar codes fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, qabel ma tinħareġ l-ewwel awtorizzazzjoni FLEGT mir-RĊA.

3.1.4 Kontroll u approvazzjoni tal-kompiti delegati lill-operaturi

L-ispezzjoni tal-injam kollu għall-esportazzjoni hija delegata lil operatur privat li bħalissa hija l-kumpanija BIVAC Export. L-attivitajiet ta' dan l-operatur jiġu verifikati mid-dipartiment. Fil-perspettiva tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, għandu jiġi ppjanat li titwaqqaf relazzjoni kuntrattwali ma' operatur privat għall-ispezzjoni tal-injam li ser jiġi esportat.

Fil-qafas tas-SVL, il-kumpanija reponsabbli mill-ispezzjoni tal-injam li ser jiġi esportat għandha tgħaddi r-riżultat tal-kontrolli tagħha lill-ICEF li jinforma lill-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet b'dan. Il-metodi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni ser jiġu definiti matul il-fażi tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, qabel ma tinħareġ l-ewwel awtorizzazzjoni FLEGT mir-RĊA.

3.1.5. Każ ta' nuqqas ta' konformità fil-qasam tal-katina tal-provvista

Il-każijiet differenti ta' nuqqas ta' konformità ser jiġu trattati skont id-dispożizzjonijiet legali u regolamentarji fis-seħħ fir-RĊA.

F'każ ta' nuqqas ta' konformità li jwassal għal aġġustamenti fiskali, dawn għandhom isiru mid-dipartiment tal-finanzi minn meta jsir ir-rapport tal-ispezzjoni tal-kumpanija responsabbli mill-ispezzjoni tal-injam li ser jiġi esportat jew l-ispetturi tal-fruntieri u d-diviżjonijiet deċentralizzati tad-dipartiment tal-foresti.

Fil-qafas tal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT, manwal tal-proċeduri għall-ġestjoni tan-nuqqas ta' konformità u sanzjonijiet għall-infurzar tas-sistema ta' kontroll għandu jiġi żviluppat matul il-fażi tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, qabel ma tinħareġ l-ewwel awtorizzazzjoni FLEGT mir-RĊA.

3.2. Verifika tar-rekwiżiti relatati mal-katina tal-provvista

(a) Spezzjonijiet

Il-livelli differenti tar-responsabbiltà, il-frekwenza u l-metodi użati għall-kontroll tal-katina tal-provvista huma definiti fis-sistema nazzjonali ta' traċċabbiltà murija minn qabel fit-Tabella tat-taqsima 3.1.1.

L-iskambji tad-dejta bejn l-operaturi u s-sistema tal-ġestjoni tad-dejtabejż (miżmuma u amministrata miċ-ċentru tad-dejta tal-foresti) għandhom isiru bi frekwenza li trid tiġi definita.

Il-verifika tar-rekwiżiti relatati mal-katina tal-provvista ssir għal kull talba għal awtorizzazzjoni FLEGT b'konsiderazzjoni tar-rapporti u r-rendikonti tad-dipartimenti involuti.

(b) Ġestjoni u analiżi tad-dejta tal-verifika

Il-ġestjoni u l-analiżi tad-dejta fil-katina tal-provvista jsiru bl-għajnuna ta' sistema ta' ġestjoni tad-dejtabejżis (SGBD) ċentralizzata fil-livell taċ-ċentru tad-dejta tal-foresti (is-CDF). Din il-ġestjoni timplika:

— l-iżvilupp ta' softwer għall-ġestjoni tal-informazzjoni adattata għar-rekwiżiti ta' traċċabbiltà;

— il-konnessjoni mal-Internet li tagħti aċċess għan-netwerk lill-atturi kollha involuti, b'kundizzjonijiet ta' sigurtà garantita.

Il-ġestjoni tad-dejta għandha tiġi definita matul il-fażi tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, qabel ma tinħareġ l-ewwel awtorizzazzjoni FLEGT mir-RĊA.

4. ĦRUĠ TAL-AWTORIZZAZZJONIJIET FLEGT

L-awtorità tal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT hija entità maħtura mill-Ministru tal-Ilmijiet u l-Foresti u li taqa' taħt is-segretarjat tiegħu. Għalhekk hija struttura apparti li taħdem b'mod awtonomu iżda li tirrispondi lill-Ministru tal-Ilmijiet u l-Foresti.

Il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni FLEGT lil operatur li jixtieq jesporta l-prodotti tiegħu, hija soġġetta għal talba bil-miktub fuq karta indirizzata lill-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet. Din it-talba għandha tippermetti li tingħata l-informazzjoni kollha u l-indikazzjonijiet imniżżla fl-Appendiċi I tal-Anness IV. Il-ħruġ isir bl-użu ta' format ta' tip uniku li ser jiġi żviluppat u mqassam mid-dipartiment responsabbli mill-foresti matul il-fażi tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, qabel ma tinħareġ l-ewwel awtorizzazzjoni FLEGT mir-RĊA.

Meta l-awtorità għall-ħruġ tirċievi talba, din tqabbad lill-ispettorat ċentrali tal-ilmijiet u l-foresti u ċ-ċentru tad-dejta tal-foresti għall-verifika tal-aspetti marbuta mal-legalità tal-intrapriża u l-prodotti maħsuba għall-esportazzjoni, permezz tas-sistema għall-ġestjoni ta' dejtabejż. Din is-sistema tiġi aġġornata mid-dipartimenti kollha involuti, responsabbli mill-verifika u mill-kontroll tal-verifika tal-aspetti marbuta mal-legalità tal-intrapriżi u l-attivitajiet tagħhom. Dawn id-dipartimenti ser jingħataw appoġġ fil-kompitu tagħhom mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jiżguraw l-osservanza indipendenti tas-sistema filwaqt li jiġi valutat il-funzjonament tajjeb tiegħu, f'intervalli regolari, minn awditur estern li r-rwoli tiegħu huma deskritti fit-Taqsima 5 ta' dan l-Anness.

L-ispettorat ċentrali, filwaqt li jikkunsidra l-informazzjoni pprovduta mis-CDF, iwieġeb b'mod favorevoli lill-awtorità għall-ħruġ jekk l-intrapriża u l-prodotti ddikjarati huma konformi mar-rekwiżiti tas-SVL.

Għalhekk, huma possibbli żewġ każijiet: il-ħruġ tal-awtorizzazzjoni f'Bangui jew il-ħruġ tal-awtorizzazzjoni f'Douala. Fil-fatt, ċerti tagħbijiet, partikolarment it-tagħbijiet taz-zkuk, huma magħrufa biss fil-punt tal-imbarkazzjoni, jiġifieri f'Douala. F'dan il-każ, l-operatur għalhekk ma jkunx jaf it-tagħbija li titlaq mir-RĊA. Il-prodotti jitilqu mir-RĊA fuq diversi trakkijiet li ser jikkostitwixxu tagħbija waħda u unika f'Douala. Il-parti Ċentru-Afrikana żviluppat rekwiżit speċifiku għal dan il-każ. L-operatur jindika fit-talba tiegħu jekk l-awtorizzazzjoni għandhiex tinħareġ f'Bangui jew f'Douala.

Meta l-awtorizzazzjoni tinħareġ f'Douala

F'dan il-każ, dokument li jifformalizza l-opinjoni favorevoli preċedenti jingħata lill-intrapriża mill-awtorità tal-ħruġ. Dan id-dokument jitħejja għal kull trakk li jitrasporta t-tagħbija kollha jew parti minnha, u b'hekk jippermetti l-kontroll fil-fruntieri għal kull wieħed mit-trakkijiet konċernati. Dan jingħata fl-Afrika Ċentrali (Bangui jew postijiet oħra li jridu jiġu speċifikati, pereżempju Berberati) mill-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet. Kopja tal-opinjoni favorevoli tintbagħat lid-dipartiment għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet ibbażat f'Douala, li huwa fergħa deċentralizzat tal-awtorità għall-ħruġ.

L-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet iżżomm, wara opinjoni, id-dokumenti kollha li jkunu ġġustifikaw id-deċiżjoni tal-ħruġ jew le tal-awtorizzazzjoni FLEGT. Dawn id-dokumenti jiġu arkivjati għal perjodu ta' mill-anqas ħames snin.

L-operatur li jkollu d-dokument li jifformalizza l-opinjoni favorevoli mogħtija mill-entità għall-ħruġ jista' jibgħat il-prodotti konċernati fil-port ta' Douala għall-esportazzjoni. Il-prodotti jiġu spezzjonati mill-ġdid fil-port ta' Douala mid-dipartiment għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT li jiżgura ruħu mill-koerenza bejn l-opinjonijiet favorevoli irċevuti mill-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet u l-prodotti li jkunu waslu f'Douala. Dan id-dipartiment jittrażmetti r-riżultat tal-verifika tiegħu b'mezz elettroniku lill-awtorità għall-ħruġ li tibgħatlu l-opinjoni definittiva tagħha bl-istess mo(d) Meta jirċievi din l-opinjoni, id-dipartiment tal-ħruġ joħroġ awtorizzazzjoni ffirmata, wara rikonċiljazzjoni mal-volum, qabel l-imbarkazzjoni. L-iskema t'hawn taħt tiddiskrivi l-proċedura tas-sottomissjoni u l-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT.

Meta l-awtorizzazzjoni tinħareġ f'Bangui


Fil-każ fejn il-prodotti joħorġu minn port tal-imbarkazzjoni minbarra Douala, il-verifiki tal-legalità jsiru (c.f. stadji 1 sa 7 tal-figura hawn taħt) u l-awtorizzazzjoni tinħareġ f'Bangui (minflok l-istadju 8 tal-figura hawn taħt). Dipartimenti tal-kontroll li jaħdmu taħt l-ispettorat ċentrali tal-ilmijiet u l-foresti għandhom jitwaqqfu fil-punti tal-ħruġ differenti tal-pajjiż sabiex tiġi kkontrollata l-konformità tat-tagħbija mal-awtorizzazzjoni FLEGT u jagħtu rendikont tal-konformità tagħha lill-awtorità tal-ħruġ.

F'każ ta' rifjut għal nuqqas ta' konformità għar-rekwiżiti tas-SVL, tintbagħat deċiżjoni mhux favorevoli lill-intrapriża fi żmien raġonevoli.

L-informazzjoni relatata man-numri tal-awtorizzazzjonijiet maħruġa skont in-natura u d-destinazzjonijiet tal-prodotti għandha tkun ippubblikata regolarment. Din l-informazzjoni hija ta' natura pubblika, skont l-Anness X. L-Anness IV jiddiskrivi, b'mod aktar dettaljat, il-proċeduri għall-ħruġ u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT.

Figura 1

Tabella deskrittiva tal-proċedura ta' ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT u tal-fluss tad-dejta bejn is-servizzi ta' kontroll u ta' verifika



Deskrizzjoni tad-dijagramma tal-proċedura tal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni FLEGT f'Douala

Nru tal-vleġġa	Deskrizzjonijiet	Postijiet
a, b u e	Skambji ta' informazzjoni u ta' dejta bejn l-ICEF (is-CDF/l-SGBD) u d-dipartimenti involuti u l-kumpaniji tal-forestrija fil-verifika tal-legalità u tat-traċċabbiltà.	Bangui u l-provinċji
c u d	Skambji ta' informazzjoni bejn l-ICEF u s-CDF: l-ICEF jittrażmetti d-dejta li għandu; is-CDF jaġġorna u jamministra l-SGBD u jittrażmetti l-kontenut lill-ICEF ma' kull talba ta' awtorizzazzjoni FLEGT.	Bangui
1	Għall-għajnuna tal-ispeċifikazzjoni, il-kumpanija tindirizza talba ta' dikjarazzjoni ta' esportazzjoni kummerċjali (DEC) fis-sistema responsabbli mill-iżgurar fiskali (il-BIVAC).	Bangui
2	Ħruġ tad-DEC lill-kumpanija tal-forestrija, DEC validat mill-Ministeru tal-Kummerċ.	Bangui
3	Dikjarazzjoni fid-dwana mill-kumpanija.	Bangui
4	Ħruġ tal-irċevuti tal-approvazzjoni doganali (dazji tal-ħruġ+taxxa minima b'rata fissa+ħlas għat-tagħmir tal-għodod informatiċi tal-finanzi) mid-dwana.	Bangui
5	Talba tal-awtorizzazzjoni FLEGT mill-kumpanija tal-forestrija permezz tal-formola.	Bangui
6	L-entità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT tqabbad lill-ICEF għall-verifika tal-konformità tat-tagħbija.	Bangui
7	Opinjoni tal-ICEF lill-entità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT	Bangui
8	Notifika tal-opinjoni favorevoli lill-kumpanija.	Bangui jew oħrajn (Berberati, fuq il-fruntiera)
9	Trażmissjoni tal-opinjoni favorevoli lid-dipartiment għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet fil-fergħa ta' Douala.	Bangui lejn Douala
10	Trażmissjoni mid-dipartiment tal-ħruġ f'Douala lill-entità għall-ħruġ tar-riżultat tal-verifika fiżika u tad-dokumenti.	Douala lejn Bangui
11	Ordni ta' ħruġ tal-awtorizzazzjoni FLEGT mogħtija lid-dipartiment tal-ħruġ f'Douala.	Bangui lejn Douala
12	Ħruġ tal-awtorizzazzjoni FLEGT mid-dipartiment għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet (fergħa ta' Douala).	Douala
13	Trażmissjoni tal-kopji tal-awtorizzazzjoni mid-dipartiment tal-ħruġ lill-entità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjoni.	Douala lejn Bangui
14	Trażmissjoni ta' kopja tal-awtorizzazzjoni mill-entità tal-ħruġ lill-ICEF għall-arkivjar.	Bangui

5. VERIFIKA INDIPENDENTI TAS-SISTEMA TAL-VERIFIKA TAL-LEGALITÀ

Il-Verifika Indipendenti tas-Sistema (l-AIS) għandha l-għan li twassal lill-partijiet kollha involuti l-garanziji ta' affidabbiltà u kredibbiltà tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT maħruġa mir-RĊA

Il-funzjonijiet tal-AIS huma:

(1) li jiġi evalwat regolarment il-funzjonament tajjeb tal-aspetti kollha tas-sistema tal-verifika tal-legalità (l-SVL), partikolarment:

— ir-rispett tal-prinċipji u l-kriterji tal-iskala tal-legalità;

— l-effikaċja tal-verifika tal-katina tal-provvista;

— L-effikaċja tal-verifiki u tal-kontrolli tal-verifika;

— l-affidabbiltà tas-sistema tal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT;

— il-mekkaniżmu tal-ġestjoni tal-ilmenti (reġistrazzjoni tal-ilmenti tal-partijiet involuti li jikkonċernaw (i) l-implimentazzjoni tas-SVL u (ii) l-attivitajiet tal-AIS;

— is-sinerġija bejn l-elementi kollha tas-SVL;

— is-sinerġija bejn l-atturi kollha konċernati u involuti fil-proċess (fluss ta' komunikazzjoni, arkivjar, proċeduri, eċċ);

(2) li tiġi evalwata l-adekwatezza tas-sistemi ta' ġestjoni tad-dejta li fuqha jistrieħ l-SVL;

(3) li jiġu identifikati l-limitazzjonijiet u n-nuqqasijiet tas-sistema (il-proposta tal-azzjonijiet ta' rmedju hija responsabbiltà tal-Kumitat Konġunt);

(4) li tiġi verifikata, jekk ikun meħtieġ, l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' rmedju deċiżi mill-Kumitat Konġunt, wara l-limitazzjonijiet u n-nuqqasijiet identifikati, u li tiġi valutata l-effikaċja tagħhom;

(5) li jiġi verifikat l-użu tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT wara ċ-ċirkolazzjoni libera fis-suq tal-Unjoni Ewropea tal-prodotti tal-injam li joħorġu mir-Repubblika Ċentru-Afrikana;

(6) li jitħejja u jiġi preżentat rapport lill-Kumitat Konġunt fit-tmiem ta' kull verifika.

L-Anness VI ta' dan il-Ftehim jiddiskrivi t-termini ta' referenza tal-AIS.

ANNESS VI

TERMINI TA' REFERENZA TAL-AWDITUR INDIPENDENTI TAS-SISTEMA (l-AIS)

I. KUNTEST U ĠUSTIFIKAZZJONI

Il-Verifika Indipendenti tas-Sistema ta' verifika tal-legalità (SVL) għandha l-għan li twassal lill-partijiet kollha involuti l-garanziji ta' affidabbiltà u ta' kredibbiltà tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT maħruġa fir-RĊA.

II. MISSJONIJIET

L-AIS għandu bħala missjonijiet ġenerali:

(1) li jevalwa regolarment il-funzjonament tajjeb tal-aspetti kollha tas-SVL, partikolarment:

— ir-rispett tal-prinċipji u l-kriterji tal-iskala tal-legalità;

— l-effikaċja tal-verifika tal-katina tal-provvista;

— l-effikaċja tal-verifiki u tal-kontrolli tal-verifika;

— l-affidabbiltà tas-sistema tal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT;

— il-mekkaniżmu tal-ġestjoni tal-ilmenti (reġistrazzjoni tal-ilmenti tal-partijiet involuti rigward: (i) l-implimentazzjoni tas-SVL u (ii) l-attivitajiet tal-AIS;

— is-sinerġija bejn l-elementi kollha tas-SVL;

— is-sinerġija bejn l-atturi kollha konċernati u involuti fil-proċess (fluss ta' komunikazzjoni, arkivjar, proċeduri, eċċ.);

(2) li jevalwa l-adegwatezza tas-sistemi ta' ġestjoni ta' dejta li jibbażaw fuqha s-SVL;

(3) li jidentifika n-nuqqasijiet u d-difetti tas-sistema (il-proposta tal-azzjonijiet ta' rmedju hija l-kompitu tal-Kumitat Konġunt);

(4) li jivverifika, jekk ikun meħtieġ, l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' rmedju li jiġu deċiżi mill-Kumitat Konġunt wara nuqqasijiet u difetti identifikati, u jevalwa l-effikaċja tagħhom;

(5) li jivverifika l-użu tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT mat-tqegħid f'ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodotti tal-injam li ġejjin mir-RĊA;

(6) li jħejji u jippreżenta rapport lill-Kumitat Konġunt fit-tmiem ta' kull verifika.

III. KWALIFIKI MEĦTIEĠA

L-AIS hija funzjoni indipendenti tal-amministrazzjoni Ċentru-Afrikana, tas-settur privat Ċentrali Afrikan, tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) lokali u tal-Unjoni Ewropea.

L-AIS jista' jkun aġenzija ta' studju, konsorzju ta' aġenziji ta' studju, kumpanija, segretarjat jew organizzazzjoni magħrufa fuq livell internazzjonali għall-esperjenza u l-kredibbiltà tagħha fil-missjonijiet ta' verifika.

L-organizzazzjoni għandu jkollha tim kapaċi f'diversi dixxiplini magħmul minn esperti speċjalizzati fil-verifika u għandu jkollha għarfien tajjeb tal-funzjonament tal-impriżi tal-foresti, tal-intraprizi tal-foresti, tal-proċeduri tal-esportazzjoni tal-injam mill-pajjiżi tas-sub-reġjun tal-Afrika Ċentrali. L-organizzazzjoni għandha wkoll tkun waqqfet sistema ta' kontroll intern li jaħdem.

Il-forniturі ta' servizzi kummerċjali taħt kuntratt mal-Gvern Ċentru-Afrikan għall-provvista ta' servizzi oħra ta' ġestjoni, ta' kontroll tar-riżorsi tal-foresti jew kwalunkwe attività li tippreżenta jew li tista' tpoġġi lill-fornitur f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess mhumiex aċċettabbli għall-attivitajiet ta' verifika.

Il-kriterji tar-reklutaġġ tal-AIS huma dawn li ġejjin:

— għarfien ippruvat fis-settur tal-foresti fis-sub-reġjun tal-Afrika Ċentrali;

— għarfien tajjeb tal-leġiżlazzjoni tal-foresti, fiskali, ambjentali, soċjali, kummerċjali tal-pajjiżi tas-sub-reġjun tal-Afrika Ċentrali. Għarfien tal-leġiżlazzjoni tal-foresti tar-RĊA ikun ta' vantaġġ;

— tal-anqas għaxar snin esperjenza fl-evalwazzjoni tal-ġestjoni tal-foresti u l-verifika tal-katina tal-kontroll fil-pajjiżi tas-sub-reġjun tal-Afrika Ċentrali;

— il-kapaċità li jipproduċi rapporti ta' verifika konformi mal-istandards internazzjonali;

— l-indipendenza u l-kredibbiltà internazzjonali tal-AIS.

IV. METODOLOĠIJA

L-AIS għandu jkopri l-proċess kollu li jwassal sal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT, skont manwal tal-proċeduri li hu għandu jiżviluppa u jippreżenta lill-Kumitat Konġunt għall-approvazzjoni fi żmien tliet xhur wara r-reklutaġġ.

Il-metodoloġija tal-AIS għandha tkopri l-punti kollha ppreżentati fit-Taqsima II dwar il-missjonijiet.

L-AIS jaħdem skont proċedura dokumentata bbażata fuq l-eżistenza ta' provi. Għal dan, id-dokumenti kollha li jinħtieġu li tingħata awtorizzazzjoni FLEGT għandhom jiġu verifikati minn diversi sorsi inkroċjati, meta dan ikun possibbli fuq il-bażi ta' teħid ta' kampjuni u ta' attivitajiet ta' verifika fuq il-post biex titlesta u tiġi inkroċjata l-informazzjoni li toħroġ mill-verifiki tad-dokumenti. L-AIS jista' jibda investigazzjonijiet fuq il-bażi tal-ilmenti jew l-osservazzjonijiet li jirċievi l-Kumitat Konġunt għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Fil-bidu tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-frekwenza tal-interventi tal-AIS hija ta' tliet (3) darbiet fis-sena għall-ewwel sena, ta' darbtejn fis-sena għat-tieni u t-tielet sena, u wara darba fis-sena mir-raba' sena 'l quddiem. Fuq talba tal-Kumitat Konġunt, l-AIS jista' jwettaq verifiki supplimentari.

Skeda dettaljata li tinkludi d-dati tal-missjonijiet u tal-preżentazzjoni tar-rapporti korrispondenti għandha tingħata mill-AIS qabel il-bidu tal-mandat tiegħu u din għandha tiġi approvata mill-Kumitat Konġunt.

V. SORS TA' INFORMAZZJONI

L-AIS għandu jkollu aċċess liberu għall-informazzjoni u s-sorsi ta' informazzjoni kollha li hu jqis li huma pertinenti. Il-partijiet għandhom jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni.

Is-sorsi prinċipali ta' informazzjoni tal-AIS għand l-atturi involuti fil-proċess tal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT huma dawn li ġejjin:

— l-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet (il-Ministeru tal-Ilmijiet u l-Foresti);

— l-ispettorat ċentrali tal-ilmijiet u l-foresti fejn jitwettqu l-aħħar verifiki qabel il-ħruġ tal-awtorizzazzjoni FLEGT;

— iċ-ċentru ta' dejta tal-foresti fejn jiġu arkivjati l-awtorizzazzjonijiet FLEGT u d-dejta tal-esportazzjoni ta' kull kumpanija tal-foresti;

— il-kumpanija tal-assigurazzjoni tal-irċevuti tal-esportazzjoni (li bħalissa hi l-BIVAC);

— l-istrutturi tal-amministrazzjoni involuti fil-verifika tar-rispett tal-indikaturi tal-legalità;

  — il-Ministeru tal-Ilmijiet u l-Foresti;

  — il-Ministeru tal-Kummerċ;

  — il-Ministeru tal-Finanzi;

  — il-Ministeru tal-Funzjoni Pubblika, tas-Sigurtà Soċjali u tax-Xogħol;

  — il-Ministeru tal-Ġustizzja;

  — il-Ministeru tal-Ambjent u tal-Ekoloġija;

  — il-Ministeru tas-Saħħa Pubblika;

  — il-Ministeru tal-Agrikoltura;

  — il-Ministeru tat-Trasport;

— l-intrapriżi tal-foresti, id-detenturi tal-permessi artiġjanali, tal-foresti komunitarji li qed jitħaddmu u l-operaturi jew il-propjetarji tal-pjantaġġuni tal-foresti;

— id-dipartimenti kollha involuti fil-kontrolli differenti: id-Direttorat Ġenerali tal-ilmijiet u l-foresti, id-Direttorat tal-impriżi u l-industriji tal-foresti, id-Direttorat tal-inventarji u l-iżvilupp tal-foresti, id-Direttorat Reġjonali tal-ilmijiet u l-foresti, il-brigata mobbli mħallta tal-intervent u tal-verifika, is-servizzi tad-dwana Ċentru-Afrikana, is-servizzi tat-taxxi, id-Direttorat tal-ambjent fil-qafas tal-ħajja u tal-ippjanar ambjentali fil-Ministeru tal-Ambjent, l-ispettorat tax-xogħol, id-dipartimenti fitosanitarji, l-uffiċċju tal-kunsinna bit-triq Ċentru-Afrikan (il-BARC), id-dipartimenti tal-Ministeru tal-Kummerċ, id-dipartimenti tal-Ministeru tal-Ġustizzja;

— l-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni;

— il-kumpanija tal-operat tas-siti tal-injam tal-Kamerun (Douala);

— il-membri tas-soqjetà ċivili (NGO);

— il-popolazzjonijiet li jgħixu f'xatt ix-xmajjar tal-PEA u permessi oħra tal-forestrija;

— il-persunal ta' proġetti ta' żvilupp jew ta' appoġġ b'rabta mal-iżvilupp tal-foresti;

— is-sorsi l-oħra kollha meqjusa pertinenti.

L-ilmenti li jiġu mill-partijiet involuti fis-sistema għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT jistgħu jiġu indirizzati lill-Kumitat Konġunt. Dan jista' jpoġġihom għad-dispożizzjoni tal-AIS. B'hekk, dawn l-ilmenti jistgħu jkunu wkoll sors ta' informazzjoni għall-AIS.

L-aċċess għall-informazzjoni fil-bidu jsir billi jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-AIS rapporti tal-kontroll, rapporti li jinħarġu mill-kontrolli u rapporti tal-verifika tar-rispett tal-indikaturu tal-legalità.

L-AIS jagħmel żjarat fuq il-post, skont il-ħtiġijiet tiegħu, biex jikseb informazzjoni li jqis li hija pertinenti.

L-AIS għandu jikkonsulta wkoll id-dejtabejżis prinċipali bħal dawk tas-CDF u tad-dwana Ċentru-Afrikana.

VI. RAPPORTI

Ir-rapporti tal-AIS għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha pertinenti li tkun ġibdet l-attenzjoni tal-awdituri.

Dokument tar-rapport tal-verifika jiġi ppreżentat mill-AIS fil-qafas tal-proċeduri dokumentati u approvati mill-Kumitat Konġunt.

Wara kull verifika, l-AIS jipproduċi fi żmien tliet ġimgħat rapport proviżorju bil-Franċiż, fi tmien kopji: erba' kopji huma indirizzati lill-Ministru responsabbli mill-Foresti, u erbgħa oħra lill-Unjoni flimkien mal-kopja elettronika li tintbagħat liż-żewġ partijiet.

Filwaqt li jivverifika li r-rekwiżiti kollha marbuta mas-SVL jiġu rrispettati mill-komponenti kollha tas-sistema, ir-rapport għandu jippreżenta l-analiżi tal-elementi kollha tas-sistema.

Il-kummenti taż-żewġ partijiet, inkluż l-ilmenti dwar il-mod kif l-awditur iwettaq il-missjoni tiegħu, fir-rapport proviżorju jiġu analizzati fil-livell tal-Kumitat Konġunt li jgħaddihom lill-AIS għall-produzzjoni tar-rapport finali. Ir-rapport finali għandu jinkludi tweġiba tal-AIS għall-kummenti magħmula mill-Kumitat Konġunt.

L-AIS għandu jipproduċi b'mod sistematiku rapport ta' sinteżi li jiġi ppubblikat. Dan ir-rapport jiġbor fih ir-rapport finali u jkopri r-riżultati prinċipali, il-limitazzjonijiet u n-nuqqasijiet identifikati u t-tħassib tal-partijiet involuti.

Skont il-każ, fuq talba tal-Kumitat Konġunt, l-AIS għandu jipproduċi wkoll rapport speċifiku supplimentari f'każ li jiġu identifikati infrazzjonijiet serji, jew nuqqasijiet serji mill-SVL.

VII. METODI TA' REKLUTAĠĠ U TA' TWAQQIF ISTITUZZJONALI

L-AIS jingħażel permezz ta' proċedura kompetittiva fost il-kandidati nazzjonali u/jew internazzjonali wara sejħa għal offerti mill-Ministru responsabbli mill-foresti għal tliet snin, li jistgħu jiġġeddu darba biss b'kundizzjoni tal-approvazzjoni formali tal-Kumitat Konġunt.

Is-sejħa għal offerta mill-AIS għandha tiġi ppubblikata f'pubblikazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali u fiq is-siti tal-Internet.

Il-kuntratt għall-għoti tas-servizz iffirmat bejn l-AIS u l-Ministru responsabbli mill-foresti jistipula:

Għall-gvern:

— in-nuqqas ta' ndħil fit-tmexxija tal-attivitajiet tal-AIS;

— l-aċċess għall-informazzjoni pubblika u privata b'rabta mas-SVL fir-rispett tal-leġiżlazzjoni nazzjonali;

— l-aċċess għall-qasam tal-foresti u għas-sistemi tat-trasport, tal-ħażna, tal-ipproċessar u tal-esportazzjoni tal-injam, meħtieġa għas-SVL;

— il-ħlas tal-fatturi li jikkorrispondu għas-servizzi tal-AIS għandu jsir ikunu xi jkunu l-konklużjonijiet tal-verifika.

Il-Gvern Ċentru-Afrikan għandu jiffaċilita ammnistrattivament l-ivvjaġġar tal-AIS fit-territorju Ċentru-Afrikan u għandu jiżgura s-sikurezza tiegħu matul dawn il-vjaġġi fit-territorju nazzjonali.

Għall-fornitur tas-servizz:

— servizz ta' kwalità skont it-termini ta' referenza;

— garanziji relatati mal-protezzjoni u mal-użu tal-informazzjoni kunfidenzjali ta' natura kummerċjali.

F'dan il-kuntratt, għandhom jiġu speċifikati wkoll l-attivitajiet li għandhom jitwettqu mill-AIS, il-metodi tal-ħlas u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-firmatarji tal-kuntratt.

ANNESS VII

KRITERJI TAL-VALUTAZZJONI TAS-SISTEMA OPERATTIVA TAL-VERIFIKA TAL-LEGALITÀ FIR-RĊA

Il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja (APV-FLEGT) bejn l-Unjoni u r-RĊA jistipula t-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' sistema ta' verifika tal-legalità (SVL) li għandha l-għan li tiggarantixxi li l-injam u l-prodotti derivati kollha speċifikati fil-Ftehim u esportati mir-RĊA lejn l-Unjoni huma prodotti kompletament legalment. L-SVL għandha tinkludi l-elementi li ġejjin: definizzjoni tal-injam ta' oriġini legali li ssemmi l-liġijiet u t-testi li għandhom jiġu rispettati sabiex tinħareġ awtorizzazzjoni; il-kontroll tal-katina tal-provvista biex l-injam jiġi ntraċċat mill-foresta sal-punt ta' esportazzjoni; il-verifika tal-konformità ml-elementi kollha tad-definizzjoni tal-legalità u tal-kontroll tal-katina tal-provvista; il-proċeduri għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet u l-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT; fl-aħħar nett, il-verifika indipendenti bil-ħsieb li jiġi garantit li s-sistema taħdem kif previst.

Ir-riżultati mistennija mill-Unjoni b'konsiderazzjoni tas-SVL huma deskritti fil-qosor f'serje ta' noti ta' spjegazzjoni mħejjija minn grupp ta' esperti mill-Kummissjoni Ewropea ([1]).

KRITERJI TA' VALUTAZZJONI

L-SVL għandha tiġi sottomessa għal evalwazzjoni teknika indipendenti qabel ma l-iskema ta' awtorizzazzjoni ssir operattiva bis-sħiħ. It-termini ta' referenza għandhom jiġu approvati b'mod konġunt mill-partijiet interessati u mill-Kumitat Konġunt għall-implimentazzjoni tal-Ftehim. Dawn il-kriterji ta' evalwazzjoni għandhom jiddeterminaw ir-riżultati li l-SVL għandha tipproduċi u għandhom iservu bħala bażi għat-termini ta' referenza tal-evalwazzjoni. L-evalwazzjoni jkollha l-għan li:

(i) tirrevedi d-deskrizzjoni tas-sistema billi tagħti attenzjoni partikolari lir-reviżjonijiet possibbli magħmula wara l-konklużjoni tal-APV-FLEGT; u

(ii) tistudja l-funzjonament tas-sistema fil-prattika.

PARTI 1: DEFINIZZJONI TAL-LEGALITÀ

L-injam ta' oriġini legali għandu jiġi definit fuq il-bażi tal-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ fir-RĊA. Id-definizzjoni użata għandha tkun mingħajr ambigwità, tista' tiġi verifikata b'mod oġġettiv u tista' tiġi applikata għall-pjan operattiv.

Barra minn hekk, hija għandha mill-inqas tinkludi l-liġijiet li jirregolaw l-oqsma tematiċi li ġejjin:

Id-drittijiet tal-ħsad: awtorizzazzjoni tad-drittijiet legali biex jinħasad l-injam fiż-żoni legalment iddikjarati għal dan il-għan.

L-attivitajiet tal-forestrija: ir-rispett tar-rekwiżiti legali fir-rigward tal-ġestjoni tal-foresti, b'mod partikolari l-konformità mal-leġiżlazzjonijiet korrispondenti fir-rigward tal-ambjent u x-xogħol.

Id-dazji u t-taxxi: ir-rispett tar-rekwiżiti legali fir-rigward tat-taxxi, tal-ħlasijiet u tad-dazji direttament marbuta mal-ħsad tal-injam u mad-drittijiet tal-ħsad.

Utenti oħra: ir-rispett, jekk ikun il-każ, tad-drittijiet tal-art jew id-drittijiet ta' użu fuq l-artijiet u r-riżorsi ta' partijiet oħra, li jiġu jiġu affettwati mid-drittijiet tal-ħsad tal-injam.

Il-kummerċ u d-dwana: ir-rispett tar-rekwiżiti legali fil-qasam tal-proċeduri kummerċjali u doganali.

(a) Ir-referenzi għat-testi leġiżlattivi jew regolamentarji li huma sottostanti għal kull element tad-definizzjoni huma identifikati b'mod ċar?

(b) Il-kriterji u l-indikaturi li jippermettu li titqies il-konformità ma' kull element jew prinċipju fid-definizzjoni huma speċifikati?

(c) Il-kriterji u l-indikaturi huma ċari, oġġettivi u applikabbli għall-pjan operattiv?

(d) L-indikaturi u l-kriterji jippermettu li jiġu identifikati b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi differenti u l-verifika tevalwa l-azzjonijiet tal-atturi kollha kkonċernati?

(e) Id-definizzjoni tal-legalità tkopri l-leġiżlazzjoni eżistenti fl-oqsma tematiċi ewlenin ippreżentati hawn fuq? Jekk le: għaliex ċerti oqsma tal-leġiżlazzjoni tħallew barra?

(f) Il-partijiet interessati kkunsidraw l-elementi ewlenin kollha tal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-pajjiż (inkluż jew le fl-oqsma tematiċi ppreżentati hawn fuq)?

([1]) http://ec.europa.eu/development/policies/9interventionareas/environment/forest/forestry_intro_en.cfm

(g) Is-SVL tinkludi d-dispożizzjonijiet legali ewlenin identifikati matul id-diskussjonijiet bejn id-diversi partijiet involuti interessati, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Anness IX?

(h) Id-definizzjoni tal-legalità u l-matriċi jew l-iskala ta' kontroll tal-legalità ġew emendati wara l-konklużjoni tal-APV-FLEGT? Ġew definiti indikaturi u kriterji biex jiġu verifikati dawn l-emendi?

PARTI 2: KONTROLL TAL-KATINA TAL-PROVVISTA

Is-sistemi li għandhom l-għan li jikkontrollaw il-katina tal-provvista għandhom jiggarantixxu l-kredibbiltà tat-traċċabbiltà tal-prodotti tal-injam fil-katina tal-provvista kollha, mill-ħsad jew punt ta' importazzjoni sal-punt ta' esportazzjoni. Mhux ser ikun dejjem meħtieġ li tinżamm it-traċċabbiltà fiżika ta' zokk prinċipali, ta' tagħbija ta' zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra jew ta' prodott tal-injam mill-punt ta' esportazzjoni sal-foresta ta' oriġini, iżda dejjem ser ikun meħtieġ li tiġi garantita t-traċċabbiltà bejn il-foresta u l-ewwel punt fejn isir it-taħlit (pereżempju: terminal tal-injam jew unità tal-ipproċessar).

2.1. id-drittijiet tal-operat: iż-żoni fejn id-drittijiet fuq ir-riżorsi tal-foresta ġew allokati u d-detenturi ta' dawn id-drittijiet jiġu identifikati b'mod ċar.

(a) Is-sistema ta' kontroll tiggarantixxi li biss l-injam li ġej minn żona tal-foresta li għandha drittijiet ta' operat validi u aċċettabbli jidħol fil-katina tal-provvista?

(b) Is-sistema ta' kontroll tiggarantixxi li l-intrapriżi li jwettqu l-attivitajiet ta' ħsad irċevew tassew id-drittijiet tal-operat xierqa għaż-żoni tal-foresta kkonċernati?

(c) Il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tad-drittijiet tal-operat u l-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-operat allokati u d-detenturi tagħhom ġew ippubblikati?

2.2. Is-sistemi ta' kontroll tal-katina tal-provvista: jeżistu mekkaniżmi effikaċi ta' traċċabbiltà tal-injam fil-katina tal-provvista kollha, mill-ħsad sal-punt ta' esportazzjoni.

L-approċċ użat għall-identifikazzjoni tal-injam jista' jvarja, mill-użu ta' tikketti għall-oġġetti individwali sal-konsultazzjoni tad-dokumentazzjoni li takkumpanja tagħbija jew lott. Il-metodu magħżul għandu jikkunsidra t-tip u l-valur tal-injam, kif ukoll ir-riskju ta' kontaminazzjoni minn injam illegali jew mhux verifikat.

(a) Il-ktajjen tal-provvista possibbli kollha ġew identifikati u deskritti fis-sistema ta' kontroll?

(b) L-istadji tal-katina tal-provvista kollha ġew identifikati u deskritti fis-sistema ta' kontroll?

(c) Il-metodi huma definiti u dokumentati biex, minn naħa, tiġi identifikata l-oriġini tal-prodott u, min-naħa l-oħra, jiġi evitat it-taħlit ma' injam minn sorsi mhux magħrufa fl-istadji ta' wara tal-katina tal-provvista?

— injam fil-foresti,

— trasport,

— ħażna provviżorja,

— wasla fl-unità tal-ewwel ipproċessar,

— unitajiet tal-ipproċessar,

— ħażna provviżorja,

— trasport,

— wasla fil-punt ta' esportazzjoni.

(d) Liema organizzazzjonijiet huma responsabbli għall-kontroll tal-flussi ta' injam? Għandhom riżorsi umani u riżorsi oħra adegwati biex iwettqu l-attivitajiet ta' kontroll?

2.3. Il-kwantitajiet: jeżistu mekkaniżmi b'saħħithom u effikaċi biex jitkejlu u jiġu reġistrati l-kwantitajiet ta' injam jew prodotti tal-injam f'kull stadju tal-katina tal-provvista, b'mod partikolari l-istimi affidabbli u preċiżi, qabel il-bidu tal-ħsad, tal-volum ta' injam mhux maqtugħ għal kull sit tal-qtugħ.

Is-sistema ta' kontroll tipproduċi dejta kwantitattiva dwar id-dħul u l-ħruġ fl-istadji ta' wara tal-katina tal-provvista?

— injam mhux maqtugħ,

— tas-siġar mhux imqaxxra fil-foresta,

— injam trasportat u maħżun,

— wasla fl-impjant tal-ipproċessar,

— dħul fil-linji ta' produzzjoni / l-unitajiet tal-ipproċessar,

— ħruġ mill-linji ta' produzzjoni / l-unitajiet tal-ipproċessar,

— ħruġ mill-impjant tal-ipproċessar,

— wasla fil-punt ta' esportazzjoni.

(a) Liema organizzazzjonijiet huma responsabbli biex idaħħlu d-dejta kwantitattiva fis-sistema ta' kontroll, il-proċeduri korrispondenti huma dokumentati? X'inhi l-pertinenza tad-dejta kontrollata?

(b) Is-sistema ta' kontroll tippermetti li tiġi rreġistrata u rikonċiljata d-dejta kwantitattiva mingħajr dewmien malħoloq preċedenti u sussegwenti tal-katina?

(c) Il-persunal responsabbli mill-ġestjoni tas-sistema tal-kontroll huwa mħarreġ biżżejjed?

(d) Liema informazzjoni dwar il-kontroll tal-katina tal-provvista tiġi ppubblikata? Il-partijiet interessati kif jista' jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni?

2.4. It-taħlit ta' injam legali verifikat ma' injam approvat mod ieħor: jekk it-taħlit taz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra jew tal-injam li ġejjin minn sorsi legali verifikati ma' tas-siġar mhux imqaxxra jew injam li ġejjin minn sorsi oħra jiġi permess, numru biżżejjed ta' kontrolli għandhom jitwettqu biex jiġi eskluż l-injam li ġej minn sors mhux magħruf jew li jinħasad mingħajr drittijiet ta' operat legali.

(a) Is-sistema ta' kontroll tawtorizza t-taħlit ta' injam verifikat ma' injam ieħor approvat (pereżempju: ma' injam impurtat minn pajjiż ieħor jew injam li ġej minn żona tal-foresta fil-pajjiż fejn ngħataw id-drittijiet tal-ħsad legali, iżda li mhix koperta mis-SVL deskritta f'dan il-Ftehim)?

(b) Liema miżuri ta' kontroll jiġu applikati f'dawn il-każijiet? Pereżempju, il-kontrolli jiggarantixxu li l-volumi dikjarati tal-ħruġ verifikat ma jaqbżux l-ammont tal-volumi li daħlu verifikati f'kull stadju?

(c) Is-sistema tal-kontroll tippermetti s-segregazzjoni assoluta tal-injam verifikat minn injam ieħor ta' oriġini illegali jew ħsad mingħajr drittijiet ta' operat legali?

2.5. Il-prodotti tal-injam impurtati: għandhom jitwettqu kontrolli xierqa biex jiġi żgurat li l-injam u l-prodotti derivati impurtati ġew impurtati b'mod legali.

(a) Kif hija ppruvata l-legalità tal-importazzjonijiet tal-injam u l-prodotti derivati? (is-sistema tiżgura li l-injam ġie impurtat legalment?)

(b) Kif tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-injam u tal-prodotti derivati? Dan l-injam u l-prodotti derivati jiġu identifikati tul il-katina tal-provvista kollha?

(c) Liema elementi jippermettu li jiġi ppruvat li l-prodotti impurtati ġejjin minn siġar maħsuda b'mod legali f'pajjiż terz?

(d) Meta jintuża injam impurtat, huwa possibbli li jiġi identifikat, fuq l-awtorizzazzjoni FLEGT, il-pajjiż ta' oriġini kif ukoll dak tal-komponenti fil-prodotti komposti?

PARTI 3: VERIFIKA

Il-verifika tikkonsisti fit-twettiq tal-kontrolli biex tiġi garantita l-legalità tal-injam. Hija għandha tkun stretta u effikaċi biżżejjed biex tippermetti li jiġi identifikat kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti, kemm fil-foresta kif ukoll fil-katina tal-provvista, u li jittieħdu miżuri fil-ħin biex dan jiġi rimedjat.

3.1. L-organizzazzjoni

Il-verifika għandha titwettaq minn gvern, organizzazzjoni terza jew assoċjazzjoni tat-tnejn, li jiddisponu minn riżorsi adegwati, minn sistemi ta' ġestjoni u persunal ikkwalifikat u mħarreġ, kif ukoll minn mekkaniżmi b'saħħithom u effikaċi għall-kontroll tal-kunflitti ta' interess.

(a) Il-gvern ħatar korp wieħed jew bosta korpi biex jidħlu għall-kompiti ta' verifika? Il-mandat (u r-responsabbiltajiet relatati) huwa ċar u pubbliku?

(b) L-organizzazzjoni responsabbli mill-verifika għandha riżorsi adegwati biex twettaq sew il-verifika tad-definizzjoni tal-legalità u sistemi biex tikkontrolla l-katina tal-provvista tal-injam?

(c) L-entità responsabbli għall-verifika għandha sistema ta' ġestjoni dokumentata sewwa:

— li hija mgħammra b'riżorsi biżżejjed biex tiżgura l-verifiki tal-art bi frekwenza li tiżgura l-kredibbiltà tas-sistema?

— li tiggarantixxi li l-persunal tagħha għandu l-kompetenzi u li teżisti l-esperjenza meħtieġa għal verifika effikaċi?

— li tirrikorri għall-kontroll / għas-sorveljanza interna?

— li tinkludi mekkaniżmu għall-kontroll tal-kunflitti ta' interess?

— li tiggarantixxi t-trasparenza tas-sistema?

— li tiddefinixxi u tuża metodoloġija tal-verifika?

3.2. Il-verifika b'rabta mad-definizzjoni tal-legalità

Għandha teżisti definizzjoni ċara ta' dak li għandu jiġi verifikat. Il-metodoloġija tal-verifika għandha tiġi dokumentata u għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-proċess ikun sistematiku, trasparenti, ibbażat fuq provi, imwettaq f'intervalli regolari u li jkopri dak kollu li huwa inkluż fid-definizzjoni.

(a) Il-metodoloġija tal-verifika tkopri l-elementi kollha tad-definizzjoni tal-legalità u tinkludi testijiet ta' konformità mal-indikaturi kollha speċifikati?

(b) Il-verifika teħtieġ:

— kontrolli tad-dokumenti, tar-reġistri tal-operat u tal-attivitajiet fuq il-post (anke għall-għarrieda)?

— il-ġbir ta' informazzjoni minn partijiet interessati esterni?

— ir-reġistrazzjoni tal-attivitajiet ta' verifika li tippermetti lil awdituri interni u lill-kontrollur indipendenti jipproċedu għal kontrolli?

(c) Ir-responsabbiltajiet u r-rwoli istituzzjonali huma definiti u applikati b'mod ċar?

(d) Ir-riżultati tal-verifika b'rabta mad-definizzjoni tal-legalità jiġu ppubblikati? Kif jista' jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni l-partijiet interessati?

3.3. Il-verifika tas-sistemi ta' kontroll tal-katina tal-provvista

Għandu jeżisti ambitu ta' applikazzjoni ċar li jispeċifika dak li għandu jiġi verifikat u li jirrigwardja l-katina tal-provvista kollha, mill-ħsad sal-esportazzjoni. Il-metodoloġija tal-verifika għandha tiġi dokumentata; hija jkollha l-għan li tiżgura li l-proċess ikun sistematiku, trasparenti, ibbażat fuq provi, imwettaq f'intervalli regolari u li jkopri dak kollu li huwa inkluż fl-ambitu ta' applikazzjoni u għandha tipprevedi kontro-verifiki ta' dejta, regolari u mingħajr dewmien, f'kull stadju tal-katina.

(a) Ir-responsabbiltajiet u r-rwoli istituzzjonali huma ddefiniti u applikati b'mod ċar?

(b) Il-metodoloġija tal-verifika tkopri totalment il-verifiki fuq il-kontrolli tal-katina tal-provvista? Hija speċifikata sew fil-metodoloġija tal-verifika?

(c) Teżisti distinzjoni ċara fis-SVL bejn il-prodotti li joħorġu mis-sorsi (titoli tal-forestrija) inklużi fid-definizzoni tal-legalità u dawk li joħroġu minn sorsi mhux inklużi?

(d) X'jipprova li l-verifika tal-kontrolli tal-katina tal-provvista twettqet tassew?

(e) Verifika tad-dejta:

Liema organizzazzjoni hija responsabbli mill-verifika tad-dejta? Għandha riżorsi umani u riżorsi xierqa oħra biex twettaq sew l-attivitajiet ta' ġestjoni tad-dejta?

Jeżistu metodi biex tiġi evalwata l-koerenza bejn l-injam li għadu wieqaf u l-injam li jkun daħal fl-impjant tal-ipproċessar u wara l-punt tal-esportazzjoni?

Jeżistu metodi biex tiġi evalwata l-koerenza bejn id-dħul ta' injam mhux maħdum u l-ħruġ ta' prodotti pproċessati fl-istabbilimenti fejn jisserraw l-injam il-kbir u installazzjonijiet oħra?

Huwa possibbli li titwettaq verifika affidabbli għal kull oġġett individwali jew għal kull lott ta' prodotti tal-injam fil-katina tal-provvista kollha?

Liema sistemi u tekniki ta' informazzjoni jintużaw biex tinħażen u tiġi verifikata d-dejta, kif ukoll biex tiġi reġistrata? Jeżistu sistemi effikaċi biex tiġi żgurata d-dejta?

Ir-riżultati tal-verifika li jikkonċernaw il-kontroll tal-katina tal-provvista huma ppubblikati? Kif jista' jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni l-partijiet interessati?

3.4. Nuqqas ta' konformità

Għandu jeżisti mekkaniżmu operattiv u effikaċi biex jiġu invokati u implimentati miżuri korrettivi xierqa meta jiġu skoperti xi infrazzjonijiet.

(a) Is-sistema ta' verifika tiddefinixxi r-rekwiżit imsemmi hawn fuq?

(b) Teżisti dokumentazzjoni li tispeċifika l-metodi ta' ġesrjoni tan-nuqqas ta' konformità?

(c) Ġew stabbiliti mekkaniżmi biex jindirizzaw in-nuqqas ta' konformità? Huma applikati fil-prattika?

(d) L-infrazzjonijiet u l-miżuri korrettivi meħuda huma soġġetti għal reġistrazzjonijiet xierqa? L-effikaċja tal-miżuri korrettivi hija evalwata? Huwa żgurat il-monitoraġġ tal-miżuri korrettivi?

(e) Liema informazzjoni dwar l-infrazzjonijiet skoperti hija ppubblikata?

PARTI 4: AWTORIZZAZZJONI

Kull kunsinna jkollha magħha awtorizzazzjoni FLEGT. Ir-RĊA hija responsabbli għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet.

4.1. Organizzazzjoni

(a) Liema korp huwa inkarigat bil-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT?

(b) Ir-rwol tal-awtorità li hija responsabbli għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet u tal-persunal tagħha huwa definit b'mod ċar u ppubblikat?

(c) Ir-rekwiżiti ta' kompetenza huma definiti u ġew stabbiliti kontrolli interni għall-persunal tal-awtorità li hija responsabbli għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet?

(d) L-awtorità li hija responsabbli għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għandha riżorsi xierqa biex twettaq il-kompitu tagħha?

4.2. Ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet

(a) L-awtorità responsabbli għall-awtorizzazzjonijiet issegwi proċeduri dokumentati biex toħroġ l-awtorizzazzjonijiet? Dawn il-proċeduri huma ppubblikati, inklużi d-dazji li għandhom jitħallsu?

(b) Teżisti prova dokumentata li l-proċeduri jiġu applikati tajjeb?

(c) L-awtorizzazzjonijiet maħruġa u l-awtorizzazzjonijiet rifjutati huma soġġetti għal reġistrazzjonijiet xierqa? Ir-reġistrazzjonijiet jindikaw b'mod ċar l-elementi legali li fuq il-bażi tagħhom jinħarġu l-awtorizzazzjonijiet?

4.3. Awtorizzazzjonijiet maħruġa

(a) L-allokazzjoni tal-awtorizzazzjoni hija bbażata fuq spedizzjoni waħda?

(b) Il-legalità ta' spedizzjoni ta' esportazzjoni hija ppruvata permezz ta' sistemi ta' verifika u ta' traċċabbiltà tal-gvern?

(c) Il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet huma definiti b'mod ċar u kkomunikati lill-esportatur u lill-partijiet l-oħra konċernati?

(d) Liema informazzjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet allokati hija ppubblikata?

PARTI 5: VERIFIKA INDIPENDENTI TAS-SISTEMA

Il-Verifika Indipendenti tas-Sistema (l-AIS) hija funzjoni indipendenti tal-korpi ta' regolamentazzjoni tas-settur tal-foresti tar-RĊA. Hija għandha l-għan li żżomm il-kredibbiltà tal-iskema ta' awtorizzazzjoni FLEGT billi tiżgura li l-aspetti kollha tas-SVL tar-RĊA jaħdmu kif previst.

5.1. Dispożizzjonijiet istituzzjonali

5.1.1. Ħatra tal-awtorità

Ir-RĊA awtorizzat uffiċjalment il-funzjoni tal-AIS u għandha tippermettilu li jaħdem b'mod effikaċi u trasparenti.

5.1.2. Indipendenza mill-elementi l-oħra tas-SVL

Għandha tiġi stabbilita distinzjoni ċara bejn l-organizzazzjonijiet u l-persuni li jieħdu sehem fil-ġestjoni jew fir-regolamentazzjoni tar-riżorsi tal-foresta u dawk li jintervjenu fil-verifika indipendenti.

(a) Il-gvern għandu rekwiżiti dokumentati fir-rigward tal-indipendenza għall-awditur indipendenti?

(b) Huwa previst li l-organizzazzjonijiet jew il-persuni li għandhom interess kummerċjali jew rwol istituzzjonali fis-settur tal-foresti tal-afrika Ċentrali ma jitħallewx jeżerċitaw il-funzjoni ta' awditur indipendenti?

5.1.3. Ħatra tal-awditur indipendenti

L-awditur indipendenti ġie maħtur permezz ta' mekkaniżmu trasparenti u l-azzjonijiet tiegħu jiġu sottomessi għal regoli ċari u pubbliċi.

(a) Il-gvern ippubblika t-termini ta' referenza tal-awditur indipendenti?

(b) Il-gvern iddokumenta l-proċeduri ta' ħatra tal-awditur indipendenti u ppubblikahom?

5.1.4. Twaqqif ta' mekkaniżmu ta' ġestjoni tal-ilmenti

Jeżisti mekkaniżmu ta' ġestjoni tal-ilmenti u tal-kunflitti li jirriżultaw mill-verifika indipendenti. Dan il-mekkaniżmu jippermetti li jiġi pproċessat kwalunkwe ilment dwar il-funzjonament tal-iskema ta' awtorizzazzjoni.

(a) Jeżisti mekkaniżmu tal-ipproċessar tal-ilmenti dokumentat, għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati kollha?

(b) Huwa ċar kif l-ilmenti jiġu rċevuti, dokumentati, mibgħuta għal livell superjuri (jekk ikun il-każ) u liema azzjonijiet jittieħdu?

5.2. L-awditur indipendenti

5.2.1. Rekwiżiti organizzattivi u tekniċi

L-awditur indipendenti jeżerċita funzjoni indipendenti mill-elementi l-oħra tas-SVL u jaħdem b'mod konformi ma' struttura ta' ġestjoni dokumentata, azzjonijiet u proċeduri li jissodisfaw il-prattiki tajbin approvati fuq livell internazzjonali.

L-awditur indipendenti jaħdem b'mod konformi ma' sistema ta' ġestjoni dokumentata li tissodisfa r-rekwiżiti tal-gwidi ISO 62, 65 jew ta' standards simili?

5.2.2. Metodoloġija tal-verifika

Il-metodoloġija tal-verifika indipendenti hija ibbażata fuq il-provvista ta' elementi ta' prova u għandhom jitwettqu verifiki f'intervalli preċiżi u frekwenti.

(a) Il-metodoloġija tal-verifika indipendenti tispeċifika li r-riżultati kollha huma bbażati fuq elementi ta' prova oġġettivi fir-rigward tal-funzjonament tas-SVL?

(b) Il-metodoloġija tispeċifika l-intervalli massimi li fihom kull element tas-SVL ser jiġi verifikat?

5.2.3. Ambitu ta' applikazzjoni tal-verifika

L-awditur indipendenti jaħdem skont termini ta' referenza li jispeċifikaw b'mod ċar dak li għandu jiġi verifikat u li jkopru r-rekwiżiti kollha stabbiliti għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT.

Il-metodoloġija tal-verifika indipendenti tkopri l-elementi kollha tas-SVL u tindika t-testijiet ewlenin ta' effikaċja?

5.2.4. Rekwiżiti fir-rigward tar-rapporti

L-awditur indipendenti jindirizza rapporti regolari dwar l-integrità tas-SVL lill-Kumitat konġunt għall-implimentazzjoni tal-Ftehim, inkluż in-nuqqasijiet u l-evalwazzjoni tal-miżuri korrettivi li jittieħdu bħala azzjoni ta' rmedju.

It-termini ta' referenza tal-awditur indipendenti jispeċifikaw ir-rekwiżiti fir-rigward tar-rapporti u l-frekwenza ta' dawn ir-rapporti?

ANNESS VIII

KALENDARJU INDIKATTIV GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TA' DAN IL-FTEHIM

		2011				2012	2013		2014-2017
		1el T	2ni T	3et T	4a T				
ATTIVITAJIET	SOTTO-ATTIVITAJIET	FAŻI PREPARATORJA							FAŻI OPERATTIVA
I. SENSIBILIZZAZZJONI U INFORMAZZJONI ĠENERALI	1- Elaborazzjoni u valutazzjoni ta' pjan ta' komunikazzjoni								
	2- Implimentazzjoni tal-pjan ta' komunikazzjoni								
	3- Żvilupp u aġġornament tal-websajt fl-Internet								
II. OQSFA ISTITUZZJONALI	1- Traspożizzjoni/rikonoxximent uffiċjali tal-attributi (kif deskritti f'dan il-Ftehim) tal-istrutturi differenti ta' verifika u ta' kontroll tal-verifika u aġġornament tat-test funzjonali tal-MEFCP								
	2- Twaqqif u tħaddim tal-mekkaniżmu konġunt ta' konċiljazzjoni								
	3- Twaqqif tal-Kumitat Konġunt għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ								
	4- Twaqqif u tħaddim tal-Kumitat Nazzjonali għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Ftehim								
	5- Twaqqif ta' segretarjat tekniku permanenti (STP)								
III. TISĦIH TAL-KAPAĊITAJIET	1- Taħriġ tal-atturi dwar l-elementi tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja (APV)								
	2- Żvilupp ta' pjan ta' taħriġ u ta' tisħiħ tal-kapaċitjiet tal-istrutturi ta' verifika u tal-kontroll tal-verifika differenti, kif ukoll tas-soċjetà ċivili u tas-settur privat								
	3- Implimentazzjoni tal-pjan ta'taħriġ								
	4- Definizzjoni tal-ħtiġijiet ta' tagħmir u mezzi loġistiċi								

		2011				2012	2013		2014-2017
		1el T	2ni T	3et T	4a T				
ATTIVITAJIET	SOTTO-ATTIVITAJIET	FAŻI PREPARATORJA							FAŻI OPERATTIVA
	5- Xiri tat-tagħmir u l-mezzi loġistiċi								
	6- Disponibbiltà ta' uffiċċji (l-STP, l-ICEF, il-BMIV, is-CDF, l-awtorità tal-ħruġ)								
	7- Twaqqif tal-kummissjoni ta' konċiljazzjoni u ta' għarfien fil-qasam doganali (is-CCED) u taħriġ tal-persunal								
IV. RIFORMA TAL-QAFAS LEGALI	1- Żvilupp tar-regolamentazzjoni skont id-definizzjoni tal-legalità tal-Anness II								
	2- Titjib tal-qafas legali relatat mas-suq lokali tal-injam								
	3- Titjib tal-qafas legali relatat mal-foresti (Foresti tal-Unjoni, komunali u tal-partikular) u mal-pjantaġġuni								
	4- Proċedura ta' ratifika tal-APV								
	5- Żvilupp ta' manwal għall-ġestjoni tan-nuqqasijiet fil-konformità								
	6- Żvilupp tal-miżuri legali għat-titjib tal-governanza (test funzjonali, osservazzjoni, sistema nazzjonali ta' traċċabbiltà, eċċ.)								
V. TWAQQIF TA' SISTEMA NAZZJONALI TA' TRAĊĊABBILTÀ	1- Tlestija tal-proċeduri relatati mal-SNT (metodi, kontrollli, verifiki, eċċ.), inkluż il-missjoni TEREA								
	2- Implimentazzjoni tal-proġett għal sistema nazzjonali ta' traċċabbiltà (l-SNT)								
	3- Stabbiliment tal-interkonnessjoni tad-dejtabejżis tal-istrutturi prinċipali involuti								
	4- Tfassil u twaqqif tal-interkonnessjonijiet tad-dejtabejżis mal-pajjiżi tas- CEMAC								
	5- Xiri ta' materjal u tagħmir (identifikaturi, apparat li jaqra l-identifikaturi, kompjuters)								

		2011				2012	2013		2014-2017
		1el T	2ni T	3et T	4a T				
ATTIVITAJIET	SOTTO-ATTIVITAJIET	FAŻI PREPARATORJA							FAŻI OPERATTIVA
	6- Tibda titħaddem is-sistema fuq skala nazzjonali: twaqqif u tagħmir tal-istazzjonijiet ta' kontroll tul il-ktajjen tal-provvista, inklużi l-istazzjonijiet tal-fruntieri (infrastrutturi, kompjuters, kollegamenti mal-Internet, eċċ.)								
	7- Tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi (l-MEFCP u amministrazzjonijiet oħra involuti, settur privat u soċjetà ċivili)								
	8- Taħriġ tal-persunal kkonċernat (l-ICEF, is-CDF, il-BMIV u Ministeri oħra), settur privat u soċjetà ċivili								
VI. TWAQQIF TAS-SISTEMA TA' VERIFIKA TAL-LEGALITÀ (SVL)	1- Jekk ikun meħtieġ, żvilupp, inkluż testijiet fuq il-post, tal-iskali tal-legalità relatati mal-permessi artiġjanali u l-foresti komunitarji								
	2- Żvilupp/tisħiħ minn kull entità responsabbli mill-verifika (amministrazzjonijiet) tal-proċeduri ta' verifika tagħhom b'kollaborazzjoni mal-ICEF								
	3- Żvilupp tal-protokolli għall-iskambju tal-informazzjoni dwar il-verifika tal-legalità bejn l-amministrazzjonijiet u l-ICEF								
	4- Żvilupp tal-proċeduri operattivi għat-tħaddim tal-SGBD								
	5- Test pilota tas-sistema tal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT u twaqqif tal-azzjonijiet meħtieġa								
	6- Test ta' preparazzjoni tal-intrapriżi għall-proċeduri tal-verifika u tal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT								
	7- Taħriġ, partikolarment tal-membri tal-BMIV, u estensjoni tal-proċeduri ta' verifika tal-legalità tal-entità tal-forestrija								
	8- Valutazzjoni operattiva tas-SVL, skont l-Artikolu 12 ta' dan il-Ftehim								
	9- SVL operattiv u jaħdem								

		2011				2012	2013		2014-2017
		1el T	2ni T	3et T	4a T				
ATTIVITAJIET	SOTTO-ATTIVITAJIET	FAŻI PREPARATORJA							FAŻI OPERATTIVA
VII. SISTEMA TAL-ĦRUĠ TAL-AWTORIZZAZZJONIJIET	1- Twaqqif tal-awtorità tal-ħruġ tal-awtorizzzazzjonijiet								
	2- Estensjoni tal-proċeduri dettaljati għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT fis-settur privat								
	3- Twaqqif tal-kuntatti mal-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni								
	4- Ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT								
VIII. VERIFIKI INDIPENDENTI TAS-SISTEMA	1- Reklutaġġ tal-awditur indipendenti, żvilupp u validazzjoni tal-metodoloġija dettaljata (minn Marzu 2013)								
	2- L-ewwel verifika, u wara verifiki sussegwenti								
IX. STRATEĠIJA TA' PROMOZZJONI TAL-PRODOTTI	1- Żvilupp ta' pjan ta' promozzjoni, inkluż studju dwar is-swieq attwali								
	2- Pożizzjonar u promozzjoni tal-prodotti FLEGT li ġejjin mir-RĊA fuq is-swieq mira								
X. MONITORAĠĠ TAL-IMPATTI TAL- APV	1- Definizzjoni u monitoraġġ tal-indikaturi soċjali								
	2- Twaqqif tas-sistema ta' monitoraġġ tal-injam sekwestrat								
	3- Twaqqif tas-sistema tal-monitoraġġ tal-impatt soċjo-ekonomiku u ambjentali								
	4- Valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku u ambjentali f'nofs l-implimentazzjoni tal-APV								
	5- Monitoraġġ u valutazzjoni tal-irċevuti mis-settur tal-forestrija								
XI. TFITTXIJA TAL-FINANZI SUPPLIMENTARI	1- Żvilupp ta' strateġija ta' mobilizzazzjoni ta' fondi								

ANNESS IX

MIŻURI TA' AKKUMPANJAMENT TAL-IMPLIMENTAZZJONI TA' DAN IL-FTEHIM

I. IT-TESTI LEGALI U REGOLAMENTARJI

I.1. Testi relatati mad-definizzjoni tal-injam legali

B'konsiderazzjoni għad-definizzjoni ta' injam prodott legalment li jidher fl-Anness II, ċerti referenzi legali u regolamentarji għandhom jitlestew/jiġu riveduti qabel id-data li fiha se tibda tapplika kompletament l-iskema tal-awtorizzazzjoni FLEGT. Fost dawn it-testi wieħed jista' jsemmi:

(a) L-MEFCP:

— il-Volum 3 tal-istandards tal-iżvilupp/il-ġestjoni tal-foresti;

— ir-reviżjoni tat-test dwar il-kummissjoni tal-ħruġ tal-PEA bl-inklużjoni tas-soċjetà ċivili;

— it-testi li jirregolaw il-foresti tal-pjantaġġun (l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-pjantaġġuni 'b'erja ta' aktar minn 50 ettaru; id-definizzjoni tar-relazzjonijiet kuntrattwali bejn individwu/organizzazzjoni u intrapriża tal-operat; oqsma oħra pertinenti);

— it-test li jirregola l-informazzjoni tal-entità tal-ħruġ fuq ċerti aspetti fil-qasam tal-ġestjoni tal-foresti u tal-ambjent;

— il-manwal tal-ġestjoni tan-nuqqasijiet fil-konformità;

— it-test li jirregola l-użu tal-injam li mhux konformi.

(b) Il-Ministeru tal-ambjent u tal-ekoloġija:

— it-testi applikabbli tal-kodiċi tal-ambejnt;

— it-testi dwar il-miżuri tal-impatt ambjentali.

(c) Il-Ministeru tal-agrikoltura:

— it-test aġġornat dwar il-kumpens għad-danni tal-kulturi;

— il-odiċi rurali (id-dritt tal-użu, id-dritt tal-art).

(d) Il-Ministeru responsabbli mit-trasport:

— it-test li jirregola t-trasport tal-injam.

(e) Il-Ministeru tal-kummerċ u tal-industrija:

— it-test għar-reġistrazzjonijiet tal-intrapriżi mal-organizzazzjonijiet konsulari.

(f) Il-Ministeru tal-finanzi u tal-baġit:

— it-test dwar l-injam impurtat u fi tranżitu.

(g) Il-Ministeru responsabbli mill-affarijiet interni u mit-territorju:

— it-test dwar id-deċentralizzazzjoni;

— it-test dwar l-organizzazzjonijiet

I.2. Testi relatati mas-sistema ta' verifika tal-legalità (SVL)

Testi li jintroduċu t-twaqqif ta' sistema nazzjonali ta' traċċabbiltà (SNT):

— it-test funzjonali tal-Ministeru responsabbli mill-foresti adattat skont id-dispożizzjonijiet li ttieħdu fil-qafas tal-FLEGT (kjarifika tal-rwoli tal-ICEF, tas-CDF, tal-BMIV u tad-DR/l-IP, għall-verifika u l-kontroll tal-verfika tal-legalità, kif ukoll l-STP u l-Kumitat Konġunt);

— is-sentenza tal-ħatra tal-korp għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT;

— it-testi li jirregolaw is-suq lokali tal-injam;

— it-test li jagħti d-dettalji tal-proċeduri ta' verifika previsti fl-SVL fil-każ ta' intrapriżi li jkollhom sistema ta' ċertifikazzjoni privata.

I.3. Testi li jirrelataw mal-monitoraġġ ta' dan il-Ftehim

— It-test funzjonali tal-Ministeru responsabbli mill-foresti adattat skont id-dispożizzjonijiet li jiġu stabbiliti fil-qafas tal-FLEGT;

— It-test relatat mal-Kumitat Konġunt;

— Is-sentenza li taħtar is-segretarjat tekniku permanenti: din tkun awtorità tar-Repubblika Ċentru-Afrikana li tlaqqa' rappreżentanti tal-amministrazzjonijiet, tas-settur privat, tas-soċjetà ċivili;

— It-test dwar il-parteċipazzjoni tal-partijiet involuti u r-rwol tagħhom fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim;

— It-test li jistabbilixxi li l-osservazzjoni indipendenti mwettqa mis-soċjetà ċivili tiġi kkunsidrata fl-SVL.

II. IT-TISĦIĦ TAL-KAPAĊITAJIET UMANI TAL-ISTITUZZJONIJIET DIFFERENTI

(a) L-ICEF, l-awtorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet u strutturi oħra

Il-Ftehim FLEGT huwa proċess ġdid li ser ikollu diversi ħtiġijiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tiegħu. Għalhekk ikun meħtieġ li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-amministrazzjoni.

Il-parti Ċentru-Afrikana ddeċidiet li tivverifika s-SVL kollha permezz tal-ispettorat ċentrali tal-ilmijiet u tal-foresti (l-ICEF). Id-dejtabejż kollha marbuta mal-operat għandha tiġi ċentralizzata f'sistema ta' ġestjoni ta' dejtabejżis (l-SGBD) li ser tiġi ċentralizzata miċ-ċentru tad-dejta tal-foresti (is-CDF). Barra minn dan, ħafna qabel ma jiġi ffirmat il-ftehim ta' sħubija volontarja (l-APV), il-Gvern iddeċieda li jwaqqaf Brigata mħallta ta' intervent u ta' verifika (BMIV).

Madankollu, minħabba li t-test funzjonali tal-Ministeru tal-ilmijiet, il-foresti, il-kaċċa u s-sajd (l-MEFCP) kien stipula kompiti għas-servizzi ċentralizzati u deċentralizzati tiegħu, dan xi kultant jippermetti li jkun hemm l-ewwelnett "overlaps" fis-sistema attwali ta' kontroll bejn is-servizzi ċentralizzati u deċentralizzati tal-MEFCP, u wara nuqqas ta' ħidma tajba tas-servizzi deċentralizzati differenti.

B'konsiderazzjoni tas-SVL deskritta f'dan il-Ftehim, ser ikun meħtieġ, fit-test funzjonali tal-MEFCP, li jiġu speċifikati, ikkompletati, emendati r-rwoli differenti tal-atturi u jiġu definiti mill-ġdid l-interazzjonijiet bejn is-servizzi deċentralizzati differenti, il-fluss tal-informazzjoni bejn dawn is-servizzi differenti u l-SGBD li ser jiġi ċentralizzat fil-Ministeru responsabbli mill-foresti.

Għaldaqstant, l-ICEF li hi responsabbli miċ-ċentralizzazzjoni ta' din id-dejta għandu jsaħħaħ il-kapaċitajiet tiegħu permezz ta' taħriġ speċifiku fil-ġestjoni tal-informazzjoni. Dan it-taħriġ għandu jestendi wkoll għad-dipartimenti ċentrali u deċentralizzati l-oħra involuti fil-ġestjoni tal-foresti. Dawn se jkunu speċifikament is-CDF, il-korp għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT u d-Diretturi Reġjonali, l-Ispetturi tal-prefetturi u tal-fruntieri.

Dawn id-dipartimenti għandhom jitħarrġu fis-softwer għat-tidħil tad-dejta u l-proċeduri tal-iskambju u tat-trażmissjoni tal-informazzjoni fil-livell ċentrali.

(b) L-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u s-soċjetà ċivili

L-NGOs u s-soċjetà ċivili huma parti integrali tal-proċess. L-osservazzjoni indipendenti tas-soċjetà ċivili hija l-mekkaniżmu li ser tippermettilhom li jikkontribwixxu b'mod effikaċi għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. L-osservazzjoni indipendenti tas-soċjetà ċivili għandha l-għan li ttejjeb is-sistemi tal-applikazzjoni tal-Liġi tal-foresti mill-Istat għall-governanza tajba. Din għandha tiddokumenta u tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-awtorità tal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT u tal-Kumitat konġunt tal-implimentazzjoni, ll-informazzjoni miġbura.

Għalhekk, sabiex jiġi żgurat involviment tajjeb ta' dawn l-NGOs għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-kapaċità tagħhom għandha tisaħħaħ ukoll. Dawn għandhom isegwu korsijiet ta' taħriġ dwar l-osservazzjoni indipendenti tas-soċjetà ċivili, partikolarment il-ġbir tal-informazzjoni u l-produzzjoni tar-rapporti.

(c) Taħriġ tal-kumpaniji privati (pereżempju, biex jifhmu u jħaddmu bl-aħjar mod l-SVL)

(d) Il-Kummissjoni ta' konċiljazzjoni u ta' kompetenza fid-dwana (is-CCED)

(e) Taħriġ tal-atturi tal-SNT

Sabiex tiġi żgurata l-inklużjoni tal-partijiet kollha involuti fl-użu tas-SNT, għandu jsir taħriġ bażiku u b'mod kontinwu.

III. IT-TISĦIĦ TAL-KAPAĊITAJIET MATERJALI

L-isparpaljar tal-istrutturi differenti li jidħlu fil-qafas tal-kontroll tal-verifika tal-legalità jagħmel diffiċli x-xogħol tal-verifika u fit-tul jirriskja li jwassal għal dewmien fil-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet.

L-istrutturi li għandhom jiġu involuti fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim huma daqshekk importanti li l-effikaċja tat-tħaddim tagħhom tirriskja li tippreżenta problemi jekk ma jkunx hemm postijiet biex jilqgħuhom. Għalhekk, il-provvista ta' uffiċċji addizzjonali (l-STP, l-ICEF, id-DGEF, id-DIAF, id-DEIF, id-DR/l-IP, is-CDF, il-BMIV, il-korp għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT) hija indispensabbli biex jinġabru flimkien id-dipartimenti kollha sabiex tittejjeb il-koordinazzjoni bejniethom. Ser jiġu studjati diversi opzjonjiet possibbli (kostruzzjoni, rinnovazzjoni, kiri).

Barra minn hekk, l-ICEF, id-DGEF, id-DIAF, id-DEIF, is-CDF u d-dipartimenti deċentralizzati għandhom ikunu mgħammra b'mezzi loġistiċi adegwati (vetturi ferrovjarji, kompjuters, tagħmir għall-komunikazzjoni bl-Internet, apparat tal-uffiċċju, eċċ.) biex iwettqu din il-missjoni. Studju għandu jippermetti li jiġu determinati l-ħtiġijiet attwali.

Is-sistema attwali ta' traċċabbiltà ma tippermettix li tinġabar l-informazzjoni kollha marbuta mal-katina tal-provvista tal-injam. Waħda mill-opzjonijiet meqjusa mill-parti Ċentru-Afrikana hija l-iżvilupp ta' proġett ta' SNT f'konformità mal-Anness V. Dan il-proġett, li l-ispejjeż tiegħu għad iridu jiġu determinati, għandu jkollu biżżejjed mezzi loġistiċi (vetturi ferrovjarji, kompjuters, tagħmir għall-komunikazzjoni bl-Internet, apparat tal-uffiċċju, eċċ.) sabeix is-CDF tkun tista' tiġbor u tiċċentralizza l-informazzjoni kollha dwar l-injam.

IV. IL-KOMUNIKAZZJONI

Il-komunikazzjoni hija għodda essenzjali għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li jkun hemm biżżejjed komunikazzjoni sabiex il-komunitajiet bażiċi kif ukoll l-atturi fl-SVL jistgħu jkunu infurmati. Biex jintlaħaq dan jinħtieġ li:

— jiġi żviluppat pjan ta' komunikazzjoni fil-post tal-atturi differenti tal-APV-FLEGT;

— jiġu żviluppati proċeduri għall-komunikazzjoni/għall-parteċipazzjoni tal-intrapriżi mal-popolazzjonijiet lokali u mal-popli indiġeni;

— jiġi żviluppat u aġġornat is-sit tal-Internet tal-Ministeru responsabbli mill-Foresti;

— jiġu nfurmati l-membri parlamentari: il-Parlament huwa istituzzjoni ta' deċiżjoni li jintervjeni fl-adozzjoni tat-testi tal-Liġijiet relatati mal-ġestjoni tal-foresti. B'konsiderazzjoni tal-pożizzjoni tagħhom fil-ġurisdizzjoni u tar-rwol li huma għandhom fil-konfront tal-eletturi tagħhom, il-membri parlamentari għandhom jiġu infurmati dwar l-importanza ta' dan il-Ftehim;

— jiġu nfurmati l-intrapriżi tal-foresti: l-intrapriżi għandhom jiġu nfurmati regolarment dwar l-iżvilupp tal-implimentazzjoni tal-Ftehim u tal-proċeduri u l-metodi li huma ser ikollhom japplikaw.

V. IS-SORVELJANZA STATISTIKA TAS-SUQ LOKALI TAL-INJAM

Is-suq lokali tal-injam tal-Afrika Ċentrali għandu jirrispetta l-ħtiġijiet tal-FLEGT. Sabiex tinġabar l-informazzjoni kollha marbuta mas-suq lokali tal-injam u biex issir ir-rabta mal-ġestjoni tal-foresti b'mod ġenerali, huwa prevedibbli li jinħoloq Kumitat interministerjali responsabbli li jissorvelja u jaġġorna l-istatistika kollha marbuta mas-suq lokali tal-injam.

VI. MIŻURI LI JIKKONĊERNAW IL-PROMOZZJONI, L-INDUSTRIJALIZZAZZJONI U L-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAL-INJAM U TAL-PRODOTTI DERIVATI

L-injam u l-prodotti derivati mill-Afrika Ċentrali koperti minn dan il-Ftehim jistgħu jkunu magħmula wkoll minn speċijiet ta' siġar imsejħa sekondarji li mhux dejjem għandhom żbokki potenzjali. Il-parti Afrikana Ċentrali hija msejħa minn dan il-Ftehim biex tħeġġeġ lis-settur privat għal trasformazzjoni aktar qawwija u diversifikata, li tinvolvi lis-suq tal-Unjoni.

Għalhekk, il-parti Afrikana Ċentrali għandha tieħu miżura ta' restrizzjoni fuq l-esportazzjoni taz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra billi timplimenta l-Artikolu 44 tal-Kodiċi tal-Foresti tar-Repubblika Ċentru-Afrikana.

Min-naħa l-oħra, din il-promozzjoni tinħtieġ il-ftuħ totali għall-operaturi tal-Unjoni u tas-sehem tagħhom fl-injam tal-Afrika Ċentrali u l-prodotti derivati tal-ispeċijiet kollha.

Fost il-miżuri maħsuba, jistgħu jiġu ppjanati diversi azzjonijiet.

1. It-twettiq ta' inventarju fis-settur tal-injam fir-RĊA;

2. L-analiżi tad-dinamika u tal-ħtiġijiet;

3. L-Iżvilupp ta' pjan ta' valutazzjoni, ta' żvilupp industrijali u ta' pproċessar aktar imqanqal tar-riżorsi tal-injam;

4. L-iżvilupp tal-istandards ta' pproċessar;

5. L-iżvilupp ta' miżuri ta' inċentiv għall-użu tal-injam (standards tal-kwalità, promozzjoni ta' prodotti ġodda);

6. Il-karatterizzazzjoni u l-promozzjoni tal-ispeċijiet li ma tantx huma magħrufa;

7. It-tħeġġiġ għat-trasferiment tat-teknoloġija fil-qasam tal-industrijalizzazzjoni.

VII. MIŻURI TRASVERSALI

L-implimentazzjoni tal-attivitajiet fil-qafas tal-APV FLEGT/RĊA jistrieħ b'mod partikolari fuq żewġ miżuri trasversali:

1. Fil-qasam tal-organizzazzjoni, ser ikun meħtieġ li jiġi implimentat sew pjan dettaljat u aġġornat tal-kompiti marbuta mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim biex jiġu attivati l-ħdax-il attività stipulati fil-kalendarju tal-implimentazzjoni.

2. Fil-qasam ta' finanzjament, ser ikun meħtieġ li jinġabru r-riżorsi finanzjarji xierqa, partikolarment b'dipendenza fuq l-ippjanar tax-xogħol. It-taxxi speċjali għall-iżvilupp tal-foresti (is-CAS/idDF) jistgħu jintużaw biex jiffinanzjaw dawn l-attivitajiet u jistgħu jiġu mill-fondi li joħorġu mill-proċess REDD.

ANNESS X

IL-FUNZJONIJIET TAL-KUMITAT KONĠUNT GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FTEHIM

Il-Kumitat konġunt għall-implimentazzjoni tal-Ftehim huwa responsabbli li jamministra l-ftehim ta' sħubija volontarja (l-APV), u li jiżgura l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tiegħu. B'mod partikolari hu għandu l-funzjonijiet li ġejjin.

Rigward il-ġestjoni tal-Ftehim

— Jordna valutazzjoni indipendenti tal-iskema ta' awtorizzazzjoni FLEGT skont l-Artikolu 12 ta' dan il-Ftehim u jirrakkomanda data minn meta l-iskema ta' awtorizzazzjoni FLEGT għandha tibda tapplika b'mod sħiħ.

— Jiffaċilita djalogu u skambju ta' informazzjoni bejn iż-żewġ partijiet, skont l-Artikolu 19 ta' dan il-Ftehim, u jeżamina kull suġġett ippreżentat minn xi waħda mill-partijiet u jidentifika l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu.

— Ikollu rwol ta' medjatur u jipprova jsib soluzzjoni aċċettabbli f'każ ta' kunflitti jew tilwim skont l-Artikolu 24 ta' dan il-Ftehim.

— Jadotta l-emendi relattivi għall-Annessi ta' dan il-Ftehim, skont l-Artikolu 26 ta' dan.

— Isegwi l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim fuq il-popolazzjonijiet li potenzjalment jistgħu jiġu affettwati minnu.

Rigward il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Ftehim

— Jiżgura l-monitoraġġ tal-istat ġenerali tal-progress tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u jistudja l-progress milħuq fl-implimentazzjoni mqabbel mal-iskeda stabbilita fl-Anness mehmuż, u dan, skont l-Artikolu 14 ta' dan il-Ftehim.

— Jidentifika u janalizza d-diffikultajiet possibbli li jistgħu jinqalgħu matul l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

— Jippubblika rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, skont l-Artikolu 19 tiegħu.

— Jirċievi u jeżamina l-ilmenti relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u l-iskema ta' awtorizzazzjoni FLEGT.

— Jidentifika, jeżamina, jipproponi, u jekk ikun meħtieġ jieħu l-miżuri biex itejjeb it-twettiq tajjeb ta' dan il-Ftehim, partikolarment fuq il-bażi tal-osservazzjonijiet tal-awditur indipendenti.

— Jeżamina u jissorvelja l-ilmenti mibgħuta mill-Awditur Indipendenti tas-Sistema (AIS).

Rigward il-Verifika Indipendenti tas-Sistema u skont l-Anness VI

— Japprova l-manwal tal-proċeduri żvilupat u ppreżentat mill-AIS u japprova d-dokument tar-rapport tal-verifika propost mill-AIS fil-qafas tal-proċeduri dokumentati.

— Jaqbel mal-iskeda tal-ħidma tal-awditur u jekk ikun meħtieġ jirrakkomanda verifiki supplimentari.

— Jgħaddi mill-AIS l-ilmenti li jista' jirċievi li jkunu relatati mal-iskema tal-awtorizzazzjoni FLEGT.

— Jeżamina r-rapporti kollha ppreparati mill-AIS.

— Jeżamina r-rapporti proviżorji tal-awditur indipendenti u jittrażmettilu l-kummenti tiegħu jekk dan ikun meħtieġ.

— Jitlob rapport speċifiku apparti lill-awditur f'każ ta' bżonn.

— Jeżamina l-ilmenti dwar ix-xogħol tal-AIS indipendenti, skont l-Artikolu 10 ta' dan il-Ftehim.

— Japprova t-tiġdid tal-kuntratt tal-AIS, jekk dan ikun meħtieġ.

Rigward l-involviment tal-partijiet konċernati mill-implimentazzjon tal-Ftehim

— Jassigura l-monitoraġġ fil-qasam tas-sensitivizzazzjoni u tat-taħriġ tal-atturi tal-istrutturi involuti fis-sistema ta' verifika tal-legalità (l-SVL) deskritta fl-Anness V.

— Jiżgura l-monitoraġġ fil-qasam tal-proċeduri dwar in-nuqas ta' konformità mal-SVL għall-atturi tal-istrutturi involuti fl-SVL.

— Jissorvelja u jiddefinixxi l-miżuri adegwati biex jiġi żgurat l-involviment tal-partijiet kollha li qed jipparteċipaw fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

ANNESS XI

INFORMAZZJONI PPUBBLIKATA

L-informazzjoni ppubblikata tiffavorixxi t-trasparenza u tiggarantixxi li l-iskema ta' awtorizzazzjoni FLEGT tkun mifhuma sew mill-atturi kollha u tippermettilhom li jiżguraw ruħhom minn governanza tajba fil-qasam tal-ġestjoni tal-foresti.

Din tippermetti lill-atturi differenti li jifhmu l-iżvilupp kollu tal-proċess sakemm tinħareġ l-awtorizzazzjoni FLEGT. Aktar mal-atturi kollha jkollhom informazzjoni dwar ir-raġunijiet fundamentali tal-FLEGT, l-implimentazzjoni tiegħu, il-monitoraġġ u l-verifika tiegħu, aktar il-fehma tal-proċess tkun maqsuma, internalizzata u adattata biżżejjed, b'mod li titħaffef l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim mill-partijiet kollha involuti. Il-metodu għall-produzzjoni tal-informazzjoni għandha tkun il-pubblikazzjoni attiva jew l-aċċessibbiltà. L-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata fl-iqsar żmien possibbli biex tinżamm il-pertinenza kollha tat-tqassim.

1. IL-KONTENUT TAR-RAPPORT TAL-KUMITAT KONĠUNT GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FTEHIM

Ir-rapport annwali tal-Kumitat Konġunt għall-implimentazzjoni tal-Ftehim għandu jinkludi b'mod partikolari:

— il-kwantitajiet tal-injam u tal-prodotti derivati esportati lejn l-Unjoni taħt l-iskema tal-awtorizzazzjonijiet FLEGT, skont il-kodiċi doganali u skont l-Istat Membru destinatarju tal-UE;

— in-numru ta' awtorizzazzjonijiet FLEGT maħruġa mir-RĊA;

— l-avvanz fil-kisba tal-objettivi u tal-azzjonijiet li għandhom jitwettqu fi żmien stabbilit f'dan il-Ftehim u b'mod ġenerali, is-suġġetti differenti relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim;

— l-azzjonijiet li għandhom l-għan li jimpedixxu kwalunkwe possibbiltà ta' esportazzjoni ta' injam u prodotti derivati ta' oriġini illegali lejn is-swieq barra mill-Unjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom fis-suq nazzjonali;

— il-kwantitajiet ta' injam u prodotti derivati impurtati fir-RĊA, jew li għaddew mir-RĊA;

— l-azzjonijiet li ttieħdu biex jiġu evitati l-importazzjonijiet ta' injam u prodotti derivati ta' oriġini illegali biex tinżamm l-integrità tal-iskema ta' awtorizzazzjoni FLEGT;

— il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-iskema ta' awtorizzazzjoni FLEGT fir-RĊA u l-azzjonijiet li ttieħdu biex jiġu solvuti dawn il-każijiet;

— il-kwantitajiet ta' injam u prodotti derivati impurtati fl-Unjoni fil-qafas tal-iskema ta' awtorizzazzjoni FLEGT, skont il-kodiċi doganali u skont l-Istat Membru tal-Unjoni li fih saret l-importazzjoni;

— in-numru ta' awtorizzazzjonijiet FLEGT tar-RĊA reċevuti mill-Unjoni;

— in-numru ta' każijiet meta l-injam mir-Repubblika Ċentru-Afrikana wasal fid-dwana tal-Unjoni mingħajr awtorizzazzjoni – u l-kwantitajiet ta' injam u prodotti derivati involuti;

— l-istruttura u l-ħidma tal-kumitat konġunt.

2. INFORMAZZJONI DWAR IL-MEZZI U L-KANALI GĦALL-PUBBLIKAZZJONI TAL-INFORMAZZJONI

L-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata mill-Kumitat Konġunt għall-implimentazzjoni tal-Ftehim u kull waħda mill-partijiet għall-informazzjoni li tikkonċerna lilhom. L-informazzjoni marbuta mal-operat u mal-movimenti tal-injam għandha tkun disponibbli fiċ-ċentru tad-dejta tal-foresti (is-CDF) tal-Ministeru tal-Ilmijiet, il-Foresti, il-Kaċċa u s-Sajd (l-MEFCP); sistema ta' interkonnessjoni għandha tippermetti li tikkonnettja d-dipartimenti involuti fl-operat tal-foresti (l-MEFCP, id-dipartiment tal-finanzi, tal-impjieg, tal-agrikoltura, tal-kummerċ, tal-ġustizzja) mad-dejtabejż tas-CDF filwaqt li d-Direttorat Ġenerali tal-Ġurnal Uffiċjali għandu jippubblika onlajn il-liġijiet u t-testi regolamentarji kollha.

Skont il-mira u skont jekk din isseħħx f'ambjent urban jew rurali, jew f'ambjent fejn il-popolazzjoni tkun taf taqra jew le, l-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata bis-saħħa tal-mezzi u l-kanali moderni li ġejjin.

— Kanali attivi

— L-istampa pubbliika u privata nazzjonali u internazzjonali;

— Ir-radjijiet lokali u komunitarji;

— Konferenzi u diskussjonijiet pubbliċi;

— Konferenzi, seminars u workshops Outreach;

— Ix-xandir ta' dokumentarji;

— Il-produzzjoni u x-xandir ta' programmi fuq ir-radju u t-televixin;

— Il-produzzjoni ta' spettakli, eċċ.;

— Barra minn dan, fil-qafas tal-pjan ta' komunikazzjoni, għandhom jitwettqu sessjonijiet pubbliċi ta' informazzjoni u matulhom tingħata din l-informazzjoni lill-partijiet involuti, partikolarment lill-persuni preżenti fuq il-post u lill-komunitajiet li m'għandhomx aċċess għall-Internet jew għall-gazzetti stampati.

— Kanali passivi

— Is-siti tal-Internet tal-Ministeru għall-Ilmijiet u l-Foresti, tal-Kaċċa u s-Sajd;

— Il-Ġurnal Uffiċjali;

— Il-Librerija tal-Ministeru għall-Ilmijiet u l-Foresti, tal-Kaċċa u s-Sajd (l-MEFCP);

— Id-direttorju annwali tas-settur tal-foresti u tal-kaċċa fl-MEFCP;

— Ir-rapporti annwali tad-dipartiment tal-foresti, li jistgħu jiġi kkonsultati fid-Direttorati Ċentrali jew deċentralizzati fil-provinċji.

Abbażi tal-informazzjoni attiva u passiva, il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni għandha tikkunsidra d-dejta marbuta mal-oqsma elenkati hawn taħt.

3. INFORMAZZJONI LEGALI

— Konvenzjonijiet u ftehimiet internazzjonali ffirmati u ratifikati mir-RĊA fil-qasam tal-protezzjoni tal-ispeċijiet ta' fawna u flora protetti (is-CITES, eċċ.), tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-popli (id-Dikjarazzjoni 61/295 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-popli indiġeni, il-Karta Afrikana tad-drittijiet tal-bniedem u tal-popli, eċċ.), tax-xogħol u tal-impjieg, eċċ.;

— Il-ftehim tas-sħubija volontarja FLEGT (it-test u l-annessi tiegħu);

— Id-Digriet għall-għotja tal-permessi;

— Id-Digriet għall-annullament tal-permessi;

— Il-Kodiċi tal-Foresti u t-testi regolamentarji marbuta magħhom;

— Il-Kodiċi tal-ambjent u t-testi regolamentarji kollha relatati;

— Il-Kodiċi tal-ilma u t-testi regolamentarji marbuta magħhom;

— Il-Kodiċi tax-xogħol u testi applikabbli marbuta mas-settur tal-foresti;

— Il-Liġijiet tal-finanzi għal kull sena;

— Il-Kodiċi ġenerali tat-taxxi;

— Id-Dokumenti tal-investiment;

— Il-Pjan Nazzjonali ta' konverġenza tal-COMIFAC;

— Id-Dokument ta' strateġija għat-tnaqqis tal-faqar;

— Is-Sentenza li tistabbilixxi l-ħolqien tal-kummissjoni ta' validazzjoni tad-dokumenti ta' ġestjoni tal-iżvilupp tal-foresti (il-PG u l-PAO).

It-testi regolamentarji li ser jiġu adottati matul il-fażi tal-implimentazzjoni għandhom ukoll jiġu ppubblikati.

4. INFORMAZZJONI DWAR IL-PROĊEDURI TA' GĦOTJA TAT-TITOLI

— Permessi tal-Operat u tal-Iżvilupp (PEA)

— Manwal tal-proċeduri tal-kompetizzjoni għas-sottomissjoni għall-proċess ta' għotja ta' PEA;

— Avviż ta' sejħiet għal offerti relatati mal-għotja tal-permessi;

— Avviż ta' sejħiet għal offerti relatati mar-reklutaġġ tal-osservatur indipendenti fil-proċess tal-għotja ta' PEA;

— Rendikont mill-Kummissjoni mħallta għall-għotja tal-;

— Sentenza dwar it-twaqqif tal-Kummissjoni mħallta għall-għotja tal-PEA;

— Lista tal-applikanti għal permess tal-operat u tal-iżvilupp;

— Rapport tal-osservatur indipendenti dwar il-proċedura tal-għotja tal-PEA;

— Lista tat-titoli validi bl-ismijiet tal-persuni jew tal-kumpaniji benefiċjarji;

— Minuti tal-laqgħat relatati mar-rispett tad-drittijiet normali ta' aċċess u ta' użu tal-popolazzjonijiet lokali u indiġeni għall-konċessjonjiet tal-foresti.

— Foresti ta' pjantaġġuni

— Avviż ta' sejħiet għal offerti tal-operat tal-pjantaġġuni tal-Istat;

— Lista tal-applikanti għall-operat tal-pjantaġġuni;

— Awtorizzazzjonijiet tal-operat tal-pjantaġġuni;

— Ċertifikat ta' konformità ambjentali;

— Lista tal-pjantaġġuni tal-Istat.

5. INFORMAZZJONI DWAR L-IŻVILUPP TAL-FORESTI

— Pjan ta' Żvilupp

— Rapporti ta' valutazzjoni ambjentali (EIES, verifiki ambjentali);

— Dokument tal-pjan tal-iżvilupp;

— Lista u erjas totali tal-konċessjonijiet li qed jiġu żviluppati;

— Lista u erjas totali tal-konċessjonijiet li qed jistennew li jiġu żviluppati;

— Standards nazzjonali għat-tħejjija tal-pjanijiet ta' żvilupp (Volumi 1, 2, 3).

— Pjantaġġuni

— Avviżi ta' sejħiet għal offerti għal studji tal-impatt ambjentali;

— Rapport tal-evalwazzjoni ambjentali;

— Pjan sempliċi ta' ġestjoni.

6. INFORMAZZJONI DWAR IL-PRODUZZJONI

— Produzzjoni totali annwali ta' injam u prodotti derivati fil-PEA kollha matul l-operat;

— Produzzjoni totali annwali ta' injam u prodotti derivati fil-pjantaġġuni kollha li qed jitħaddmu;

— Volum annwali ta' injam u prodotti derivati għall-ipproċessar fil-livell nazzjonali għal kull speċi, għal kull titolu u għal kull kumpanija;

— Lista tal-pajjiżi destinatarji u l-volumi esportati għal kull speċi, għal kull titolu u għal kull kumpanija;

— Volum annwali ta' injam sekwestrat;

— Volum annwali tal-injam li jkun għadda mir-RĊA u minn fejn ikun ġej;

— Volum fuq is-suq tar-Repubblika Ċentru-Afrikana.

7. INFORMAZZJONI DWAR L-IPPROĊESSAR

— Lista tal-kumpaniji operattivi tal-ipproċessar approvati;

— Lokalizzazzjoni tal-unitajiet tal-ipproċessar.

8. INFORMAZZJONI DWAR IS-SISTEMA TAL-VERIFIKA TAL-LEGALITÀ

— Sistema tal-korp għall-ħruġ tal-awtorizzazzjoni FLEGT;

— Rapport tal-osservazzjoni indipendenti mis-soċjetà ċivili;

— Informazzjoni dwar l-attività tal-foresti u l-klawżoli soċjali fil-pjanijiet tal-ġestjoni (informazzjoni u mapep);

— Informazzjoni u mapep relatati mal-attività tal-foresti u mal-klawżoli soċjali fil-pjanijiet annwali tal-operat;

— Rapport tal-osservzzjoni (PVC) f'każ ta' qirda ta' oġġetti li jappartjenu għall-popolazzjonijiet lokali u indiġeni mill-intrapriża;

— Provi tal-kumpens għad-dannu mill-intrapriża akkużata;

— Rapport tal-missjonijiet tal-kontroll tad-dipartiment tal-foresti;

— Każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-iskema tal-awtorizzazzjoni FLEGT fir-RĊA u azzjonijiet li jittieħdu biex jissolvew dawn il-każijiet.

9. INFORMAZZJONI DWAR IL-VERIFIKA INDIPENDENTI

— Rapporti ta' sinteżi perjodiċi tal-verifika;

— Proċedura ta' kontestazzjoni tal-verifika.

10. INFORMAZZJONI DWAR IL-ĦLAS TAT-TAXXI U PAGAMENTI TAL-FORESTRIJA

— Kiri annwali;

— Taxxi għat-twaqqigħ;

— Taxxi ta' riforestazzjoni;

— Dazji fuq il-ħruġ.

11. INFORMAZZJONI DWAR IS-SISTEMA ISTITUZZJONALI

— Struttura u funzjonament tal-Kumitat Konġunt għall-implimentazzjoni tal-Ftehim;

— Struttura u funzjonament tal-Kumitat nazzjonali ta' monitoraġġ u ta' implimentazzjoni tal-Ftehim;

— Segretarjat tekniku permanenti.